ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 328

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

7 ta' Diċembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/720/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk** ..... 1

**Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk** ..... 2

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1270/2013 tal-15 ta' Novembru 2013 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk** ..... 40

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ..... 42

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 7**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi** ([1]) ..... 69

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 454/2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea** ([1]) ..... 72

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward ta' ċerti addittivi tal-ikel** ([1]) ..... 79

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku, il-kadmju, iċ-ċomb, in-nitriti, iż-żejt tal-mustarda volatili u impuritajiet botaniċi perikolużi** ([1]) ..... 86

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1276/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 93

DEĊIŻJONIJIET

2013/721/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar il-kwittanza għall-impliment-azzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima II – Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill** ..... 95

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2013 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima II – Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill** ..... 97

2013/722/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2013 li tapprova programmi annwali u multiannwali u l-kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi ppreżentati mill-Istati Membru għall-2014 u s-snin ta' wara** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8417)*..... 101


MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-15 ta' Novembru 2013

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk

(2013/720/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk [1] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") billi adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 [2].

(2) L-applikazzjoni tal-aħħar Protokoll ta' dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni [3] skadiet fl-20 ta' Diċembru 2011.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Protokoll ġdid li jagħti lill-bastimenti tal-Unjoni opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovrenità jew il-ġurisdizzjoni tar-Renju tal-Marokk fir-rigward tas-sajd. Fi tmiem dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fl-24 ta' Lulju 2013.

(4) Dan il-Protokoll ġdid għandu jiġi ffirmat soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Protokoll, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. ŠADŽIUS

---

[1] ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1 (Verżjoni MT: ĠU L 294, 25.10.2006, p. 134).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1; verżjoni MT: ĠU L 294, 25.10.2006, p. 131).

[3] Protokoll bejn l-Unjoni Ewropeau r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 202, 5.8.2011, p. 3).

# PROTOKOLL

## bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk

*Artikolu 1*

### Prinċipji ġenerali

Dan il-Protokoll flimkien mal-Anness u l-Appendiċi tiegħu, jiffurmaw parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, datat it-28 ta' Frar 2007, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar is-Sajd" - li jifforma parti mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk datat is-26 ta' Frar 1996 - minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni". Huwa jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ġenerali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u jimmira li jiżgura l-vijabbiltà tar-riżorsi tas-sajd mill-aspetti ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali.

Il-Protokoll huwa implimentat skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar l-iżvilupp ta' djalogu u kooperazzjoni u l-Artikolu 2 tal-istess Ftehim dwar ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

*Artikolu 2*

### Il-perjodu ta' applikazzjoni, tul ta' żmien u opportunitajiet tas-sajd

Mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar is-Sajd huma dawk stabbiliti fit-tabella mehmuża ma' dan il-Protokoll.

Il-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

Skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar is-Sajd, il-bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE) jistgħu jeżerċitaw l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd Marokkina biss jekk ikollhom liċenzja tas-sajd maħruġa taħt dan il-Protokoll u skont il-proċeduri deskritti fl-Anness għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 3*

### Kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-valur totali annwali stmat tal-Protokoll huwa ta' EUR 40 000 000 għall-perjodu prevvist fl-Artikolu 2. Dan l-ammont huwa mqassam kif ġej:

(a) EUR 30 000 000 bħala kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 7 tal-Ftehim dwar is-Sajd, allokata kif ġej:

(i) EUR 16 000 000 bħala kontribuzzjoni finanzjarja għal aċċess għar-riżorsa;

(ii) EUR 14 000 000 bħala appoġġ għas-settur tas-sajd fil-Marokk;

(b) EUR 10 000 000 jikkorispondi għall-ammont stmat tat-tariffi dovuti mis-sidien tal-bastimenti skont il-liċenzji tas-sajd maħruġa skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar is-Sajd u f'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu I, it-Taqsimiet D u E tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4, 5, 6 u 8 ta' dan il-Protokoll.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 9, tal-Artikolu 6, il-ħlas mill-UE tal-kontribuzzjoni finanzjarja li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 a) għandha ssir matul l-ewwel sena, mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, u mhux aktar tard mill-anniversarju tal-Protokoll fis-snin sussegwenti.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li hemm referenza għaliha fl-paragrafu 1 a) għandha titħallas lit-Teżorier Ġenerali tar-Renju tal-Marokk f'kont miftuħ fit-Teżor Ġenerali tar-Renju tal-Marokk, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu kkomunikati mill-awtoritajiet tal-Marokk.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet Marokkini għandu jkollhom kompetenza esklussiva dwar l-użu ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja.

*Artikolu 4*

### Koordinazzjoni fil-qasam xjentifiku u fis-sajd esploratorju

1. Skont il-paragrafu 1, tal-Artikolu 4 tal-Ftehim, il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jorganizzaw fuq bażi regolari u meta jkun hemm bżonn, laqgħat xjentifiċi biex jiġu diskussi kwistjonijiet xjentifiċi mqajma mill-Kumitat Konġunt għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tekniku ta' dan il-Protokoll. Il-mandat, il-kompożizzjoni u t-tmexxija ta' dawn il-laqgħat xjentifiċi għandhom jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt li hemm referenza għalih fl-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar is-Sajd.

2. Iż-żewġ partijiet jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd Marokkini fuq il-bażi tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn id-diversi flotot tas-sajd preżenti f'dawk l-ilmijiet.

3. B'konformità mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 4, tal-Ftehim dwar is-Sajd, iż-żewġ partijiet, abbażi tal-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku, għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kumitat Konġunt li hemm referenza għalih fl-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar is-Sajd sabiex jadottaw, fejn ikun hemm bżonn u bi qbil reċiproku, miżuri li jiżguraw ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

4. Għal skopijiet ta' riċerka u biex jissaħħaħ l-għarfien xjentifiku, jista' jitwettaq sajd esploratorju fiż-żona tas-sajd Marokkina fuq talba tal-Kumitat Konġunt. Il-metodi ta' kif għandu jsir is-sajd esploratorju għandhom jiġu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet prevvisti fil-Kapitolu IV tal-Anness ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 5*

**Reviżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. L-opportunitajiet tas-sajd li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu reveduti mill-Kummissjoni bi ftehim reċiproku sakemm din ir-reviżjoni tiġi mfassla biex tiżgura s-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd Marokkini.

2. Fil-każ ta' żieda, il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fil-paragrafu 1 a) i) tal-Artikolu 3, għandha tiżdied proporzjonalment mal-opportunitajiet tas-sajd u pro rata temporis. Madankollu, iż-żieda għandha tiġi aġġustatata b'tali mod li l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja magħmula mill-UE ma teċċedix id-doppju tal-ammont indikat fil-paragrafu 1 a) i), tal-Artikolu 3. Jekk il-partijiet jifthiemu li jnaqqsu l-opportunitajiet tas-sajd previsti fl-Artikolu 2, il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titnaqqas proporzjonalment u pro rata temporis.

3. It-tqassim tal-opportunitajiet tas-sajd bejn id-diversi kategoriji ta' bastimenti jista' jkun soġġett ukoll għal reviżjoni bi ftehim reċiproku taż-żewġ Partijiet fi ħdan il-kundizzjonijiet ta' sostenibbiltà tal-istokkijiet li jistgħu jiġu affettwati minn dan it-tqassim mill-ġdid. Il-partijiet għandhom jiftiehmu dwar l-aġġustament korrispondenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja meta jkun iġġustifikat mit-tqassim mill-ġdid tal-opportunitajiet tas-sajd.

*Artikolu 6*

**Appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd fil-Marokk**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 a) (ii) tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika sttorjali tas-sajd fil-Marokk fi ħdan il-qafas tal-istrateġija "Halieutis" għall-iżvilupp tas-settur tas-sajd.

2. L-allokazzjoni u l-ġestjoni, mill-Marokk, ta' din il-kontribuzzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-identifikazzjoni, miż-żewġ partijiet, bi ftehim reċiproku fi ħdan il-Kumitat Konġunt, tal-għanijiet li għandhom jitwettqu u l-ipprogrammar annwali u pluriennali rilevanti skont l-istrateġija "Halieutis", u abbażi ta' stima tal-impatt mistenni mill-proġetti li għad iridu jitwettqu.

3. Għall-ewwel sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll, l-allokazzjoni, mill-Marokk, tal-kontribuzzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tkun ikkomunikata lill-UE mal-approvazzjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt, tal-linji gwida, il-miri, il-kriterji u l-indikaturi ta' evalwazzjoni. Kull sena din l-allokazzjoni tiġi ppreżentata mill-Marokk lill-UE qabel it-30 ta' Settembru tas-sena preċedenti.

4. Kull tibdil f'dawn il-linji gwida, il-miri, il-kriterji u l-indikaturi ta' evalwazzjoni għandu jiġi approvat miż-żewġ partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

5. Il-Marokk għandu jabbozza rapport dwar il-progress fuq il-proġetti implimentati bl-appoġġ settorjali hekk kif previst f'dan il-Protokoll u għandu jiġi ppreżentat lil u eżaminat mill-Kumitat Konġunt.

6. Skont in-natura tal-proġetti u t-tul ta' żmien tal-implimentazzjoni tagħhom, il-Marokk għandu jippreżenta rapport lill-Kumitat Konġunt dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti li tlestew permezz ta' appoġġ settorjali hekk kif previst f'dan il-Protokoll; ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar kwalunkwe konsegwenza soċjali u ekonomika, partikolarment l-impatt fuq l-impjiegi, l-investiment u kwalunkwe riperkussjoni oħra kwantifikabbli tal-miżuri meħuda flimkien mad-distribuzzjoni ġeografika tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tiġi mħejjija abbażi ta' indikaturi li għandhom jiġu ddefiniti b'aktar dettall mill-Kumitat Konġunt.

7. Barra minn hekk, il-Marokk għandu jippreżenta, qabel l-iskadenza tal-protokoll, rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali previst minn dan il-Protokoll, inkluż l-elementi li hemm referenza għalihom fil-paragrafi t'hawn fuq.

8. Iż-żewġ partijiet għandhom ikomplu jsegwu l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali, jekk ikun meħtieġ, wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll, u fejn xieraq, fil-każ li jkun hemm sospensjoni tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

9. Il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika prevista fil-paragrafu 1 a) (ii) tal-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll għandha titħallas binnifs, abbażi ta' approċċ fejn l-analiżi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali u l-bżonnijiet identifikati fl-istadju tal-ippjanar jittieħdu inkunsiderazzjoni.

10. Il-qafas ta' implimentazzjoni operazzjonali għandu jiġi stabbilit mill-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 7*

**Integrazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-UE fis-settur tas-sajd tal-Marokk**

Iż-żewġ partijiet f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mar-regolamenti fis-seħħ, għandhom jippromwovu l-kuntatti u għandhom jikkontribwixxu għall-kooperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi fl-oqsma segwenti:

— l-iżvilupp tal-industrija sussidjarja marbuta mas-sajd, partikolarment il-kostruzzjoni u t-tiswija navali u l-manifattura ta' tagħmir u materjali tas-sajd;

— il-promozzjoni tal-iskambju ta' għarfien espert professjonali u t-taħriġ ta' maniġers għas-settur tas-sajd marittimu;

— il-bejgħ ta' prodotti tas-sajd;

— il-kummerċjalizzazzjoni;

— l-akkwakultura.

*Artikolu 8*

**Sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll minħabba kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni**

1. Kull nuqqas ta' ftehim bejn il-Partijiet kemm fir-rigward tal-interpretazzjoni tad- dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll kif ukoll fl-applikazzjoni tagħhom għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni bejn il-partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim dwar is-Sajd li, jekk ikun meħtieġ, għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja.

2. L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' waħda mill-partijiet meta l-kwistjoni bejn iż-żewġ partijiet tkun meqjusa li hija gravi u li l-konsultazzjonijiet li jkunu saru fi ħdan il-Kumitat Konġunt f'konformità mal-paragrafu 1 ma jkunux wasslu għal ftehim bonarju.

3. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal avviż bil-miktub mill-parti kkonċernata dwar l-intenzjoni tagħha mill-anqas tliet xhur qabel id-data ta' meta din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ.

4. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu bil-konsultazzjonijiet sabiex ifittxu ftehim bonarju għall-kwistjoni li tkun inqalgħet bejniethom. Ladarba l-kwistjoni tiġi riżolta, il-protokoll jerġa' jibda japplika mill-ġdid. L-ammont ta' kumpens finanzjarju għandu jitnaqqas proporzjonalment u pro rata temporis skont iż-żmien li matulu kienet sospiża l-applikazzjoni tal-Protokoll.

*Artikolu 9*

**Nuqqas ta' konformità mal-obbligi tekniċi stabbiliti bil-Protokoll**

F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u l-leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ, il-Marokk jirriżerva d-dritt li japplika s-sanzjonijiet li huma previsti fl-Annessi f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet u l-obbligi stabbiliti permezz tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 10*

**Skambju elettroniku ta' dejta**

Il-Marokk u l-UE jimpenjaw ruħhom li mill-aktar fis possibbli jistabbilixxu s-sistemi neċessarji biex ikun żgurat l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u d-dokumenti kollha li huma relatati mal-ġestjoni teknika ta' dan il-Protokoll, bħal ma hija d-dejta fuq il-qabdiet, il-pożizzjonijiet VMS tal-bastimenti u l-avviżi tal-dħul fiż-żona u l-ħruġ minnha.

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali**

L-attivitajiet tal-bastimenti li joperaw skont dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu, b'mod partikolari t-trażbord, l-użu tas-servizzi tal-portijiet, ix-xiri tal-provvisti eċċ., huma rregolati mil-leġiżlazzjoni applikabbli fil-Marokk.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-partijiet jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri rispettivi meħtieġa għal dak il-għan.

**Opportunitajiet ta' sajd**

| Sajd fuq skala żgħira | | | | Sajd tal-qiegħ (demersali) | Sajd pelaġiku industrijali | Sajd pelaġiku industrijali b'bastimenti mingħajr friża |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sajd pelaġiku fit-Tramuntana: Tartaruni | Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar: qasab u xlief | Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana: bastimenti bil-konz tal-qiegħ | Sajd fuq skala żgħira għat-tonn: qasab | Bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ u bastimenti bix-xbieki għat-tkarkir tal-qiegħ | Bastimenti bix-xbieki għat-tkarkir pelaġiċi jew semi-pelaġiċi | Bastimenti bix-xbieki għat-tkarkir pelaġiċi jew semi-pelaġiċi |
| | | | | | Stokk C Kwota: 80 000 tunnellata | |
| 20 bastiment | 10 bastimenti | 35 bastiment | 27 bastiment | 16-il bastiment | 18-il bastiment | |

Съставено в Брюксел на осемнадесети ноември две хиляди и тринадесета година.

Hecho en Bruselas, el dieciocho de noviembre de dos mil trece.

V Bruselu dne osmnáctého listopadu dva tisíce třináct.

Udfærdiget i Bruxelles den attende november to tusind og tretten.

Geschehen zu Brüssel am achtzehnten November zweitausenddreizehn.

Kahe tuhande kolmeteistkümnenda aasta novembrikuu kaheksateistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δέκα οκτώ Νοεμβρίου δύο χιλιάδες δεκατρία.

Done at Brussels on the eighteenth day of November in the year two thousand and thirteen.

Fait à Bruxelles, le dix-huit novembre deux mille treize.

Sastavljeno u Bruxellesu osamnaestog studenoga dvije tisuće trinaeste.

Fatto a Bruxelles, addì diciotto novembre duemilatredici.

Briselē, divi tūkstoši trīspadsmitā gada astoņpadsmitajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai tryliktų metų lapkričio aštuonioliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenharmadik év november havának tizennyolcadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tmintax-il jum ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax.

Gedaan te Brussel, de achttiende november tweeduizend dertien.

Sporządzono w Brukseli dnia osiemnastego listopada roku dwa tysiące trzynastego.

Feito em Bruxelas, em dezoito de novembro de dois mil e treze.

Întocmit la Bruxelles la optsprezece noiembrie două mii treisprezece.

V Bruseli osemnásteho novembra dvetisíctrinásť.

V Bruslju, dne osemnajstega novembra leta dva tisoč trinajst.

Tehty Brysselissä kahdeksantenatoista päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakolmetoista.

Som skedde i Bryssel den artonde november tjugohundratretton.

حرر ببروكسيل، بتاريخ الثامن عشر نونبر سنة ألفين وثلاثة عشر ميلادية

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



عن الإتحاد الأوروبي

За Кралство Мароко
Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασιλείου του Μαρόκου
For the Kingdom of Marocco
Pour le Royaume du Maroc
Za Kraljevinu Maroko
Per il Regno de Marocco
Marokas Karalistes vārdā –
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság részéről
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Marokańskiego
Pelo Reino de Marrocos
Pentru Regatul Maroc
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko



عن المملكة المغربية

*ANNESS*

*KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ATTIVITÀ TAS-SAJD FIŻ-ŻONA TAS-SAJD MAROKKINA MILL-BASTIMENTI TAL-UNJONI EWROPEA*

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TALBA U L-ĦRUĠ TAL-LIĊENZJI**

A. **Talbiet għall-ħruġ tal-liċenzji**

1. Il-bastimenti eliġibbli biss jistgħu jingħataw liċenzja biex jistadu fiż-żona tas-sajd Marokkina.

2. Sabiex bastiment ikun eliġibbli, la s-sid tal-bastiment, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu attivitajiet ta' sajd fil-Marokk u lanqas ma l-bastiment irid ikun legalment elenkat bħala bastiment IUU.

3. Għandhom ikunu f'qagħda regolari fir-rigward tal-amministrazzjoni Marokkina fis-sens li għandhom jissodisfaw l-obbligi kollha preċedenti relatati mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Marokk fil-qafas tal-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mal-Unjoni Ewropea.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Kummissjoni) għandhom jippreżentaw lill-Ministeru tal-Agrikoltura u tas-Sajd Marittimu - Dipartiment tas-Sajd Marittimu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "id-Dipartiment"), il-listi tal-bastimenti li japplikaw sabiex iwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-limiti stabbiliti fid-dokumenti tekniċi annessi mal-Protokoll, mill-inqas 20 jum qabel id-data tal-bidu tal-validità tal-liċenzji mitluba. Dawn il-listi għandhom jiġu trażmessi elettronikament b'format kompatibbli mas-softwer użat mid-Dipartiment.

   Dawn il-listi għandhom jiddikjaraw l-għadd ta' bastimenti għal kull kategorija tas-sajd u żona u għal kull bastiment, il-karatteristiċi prinċipali tiegħu, il-pagamenti maqsuma skont l-intestatura u t-tagħmir li se jintuża matul il-perjodu inkwistjoni.

   Għall-kategorija "sajd pelaġiku industrijali", fuq il-lista għandha tkun imsemmija wkoll il-kwota mitluba f'tunnellati ta' qabdiet fil-forma ta' ċifri proviżorji għal kull xahar. Jekk f'xahar partikolari, il-qabdiet jilħqu l-kwota proviżorja ta' kull xahar tal-bastiment qabel tmiem ix-xahar inkwistjoni, sid il-bastiment għandu l-possibbiltà li jibgħat lid-Dipartiment, permezz tal-Kummissjoni, ċifra proviżorja aġġustata għal kull xahar u talba biex din il-kwota proviżorja ta' kull xahar tiġi estiża.

   Jekk matul xahar partikolari, il-qabdiet jibqgħu ma jilħqux il-kwota proviżorja ta' kull xahar, parti korrispondenti tal-kwota jew tariffa għandha tiġi kkreditata fuq ix-xahar ta' wara.

5. L-applikazzjonijiet individwali għal-liċenzja, miġbura skont il-kategorija tas-sajd, huma ppreżentati lid-Dipartiment simultanjament mat-trażmissjoni tal-listi prevvisti fil-punti 4 u 5 f'konformità mal-mudell tal-formola li jingħata fl-Appendiċi 1.

6. Kull applikazzjoni għal-liċenzja għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin:

   — kopja taċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ iċċertifikat kif xieraq mill-Istat Membru tal-bandiera;

   — ritratt riċenti bil-kulur u ċċertifikat li juri l-bastiment mill-ġenb fl-istat attwali tiegħu. Dan ir-ritratt m'għandux ikun iżgħar minn 15-il cm b'10 cm;

   — il-prova tal-ħlas tad-drittijiet għal-liċenzji tas-sajd, it-tariffi u l-ispejjeż għall-osservaturi. Fil-każ tal-kategorija "sajd pelaġiku industrijali", il-prova tal-ħlas tat-tariffi għandha tiġi trażmessa qabel l-ewwel tax-xahar li fih tkun ippjanata attività fiż-żona tas-sajd awtorizzata, hekk kif indikat fid-dokument tekniku korrispondenti;

   — kull dokument jew ċertifikat ieħor meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet partikolari li huma applikabbli skont it-tip ta' bastiment bis-saħħa ta' dan il-Protokoll.

7. Fejn liċenzja hija mġedda sena wara sena skont dan il-Protokoll fir-rigward ta' bastiment li l-karatteristiċi tekniċi tiegħu ma nbidlux, l-applikazzjoni ta' tiġdid għandha tkun akkumpanjata biss bil-prova tal-ħlas tat-tariffi tal-liċenzja tas-sajd, tariffi oħra u l-ispejjeż tal-osservaturi.

8. Il-formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzja u d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 6 hawn fuq li fihom l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment ta' liċenzji tas-sajd jistgħu jiġu trażmessi elettronikament b'format kompatibbli mas-softwer użat mid-Dipartiment.

B. **Ħruġ tal-liċenzji**

1. Il-liċenzji tas-sajd jinħarġu mid-Dipartiment tal-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Marokk (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Delegazzjoni") għall-bastimenti kollha fi żmien 15-il ġurnata wara li d-Dipartiment jirċievi d-dokumentazzjoni kollha msemmija fil-punt 6 hawn fuq. Jekk ikun il-każ, id-Dipartiment għandu jikkomunika lill-Kummissjoni r-raġunijiet għaliex il-liċenzja ġiet irrifjutata.

2. Il-liċenzji tas-sajd għandhom ikunu stabbiliti skont id-dejta li tinsab fid-dokumenti tekniċi annessi mal-Protokoll, u għandhom isemmu b'mod partikolari ż-żona tas-sajd, id-distanza mill-kosta, id-dejta li għandha x'taqsam mas-sistema ta' pożizzjonament u lokalizzazzjoni kontinwi bl-użu tal-komunikazzjonijiet bis-satellita (numru tas-serje tat-transponder VMS), it-tagħmir awtorizzat, l-ispeċi prinċipali, ix-xbieki awtorizzati, il-qabdiet inċidentali ttollerati u għall-kategorija "sajd pelaġiku industrijali", il-kwoti proviżorji ta' kull xahar tal-qabdiet awtorizzati tal-bastiment. Il-kwota proviżorja ta' kull xahar tal-bastiment tista' tiġi estiża skont il-limiti tal-qabdiet previsti fid-dokument tekniku korrispondenti.

3. Il-liċenzji tas-sajd jistgħu jinħarġu biss lill-bastimenti li jkunu wettqu l-formalitajiet amministrattivi kollha meħtieġa.

4. Iż-żewġ partijiet għandhom jiftiehmu sabiex jippromwovu l-ħolqien ta' sistema ta' liċenzji elettronika.

C. **Validità u użu tal-liċenzji**

1. Il-perjodu ta' validità ta' liċenzja għandu jikkorrispondi ma' sena kalendarja, bl-eċċezzjoni tal-ewwel perjodu li għandu jibda fid-data tal-applikazzjoni u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tal-istess sena, u l-aħħar perjodu li għandu jibda fl-1 ta' Jannar u jispiċċa fid-data tal-iskadenza tal-Protokoll.

2. Il-liċenzja tas-sajd hija valida biss għall-perjodu kopert mill-ħlas tat-tariffa, kif ukoll għaż-żona tas-sajd, it-tipi ta' tagħmir u l-kategorija indikati fil-liċenzja msemmija.

3. Kull liċenzja tas-sajd tinħareġ f'isem bastiment speċifiku u mhijiex trasferibbli. Madankollu, f'każ ippruvat ta' forza maġġuri, bħat-telf jew l-immobilizzazzjoni mtawla ta' bastiment minħabba f'nuqqas tekniku serju kkonfermat kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera u fuq talba tal-Unjoni Ewropea, liċenzja maħruġa għal bastiment minnhom għandha tiġi sostitwita, mill-aktar fis possibbli, b'liċenzja maħruġa għal bastiment ieħor tal-istess kategorija tas-sajd, fejn it-tunnellaġġ ma jeċċedix dak tal-bastiment bil-ħsara.

4. Sid il-bastiment li ġralu l-ħsara, jew ir-rappreżentant tiegħu/tagħha, għandhom jirritornaw il-liċenzja tas-sajd ikkanċellata lid-Dipartiment.

5. Il-liċenzji tas-sajd għandhom jinżammu l-ħin kollu abbord il-bastiment liċenzjat u jintwerew, waqt kull kontroll, lill-awtoritajiet li jkollhom id-dritt jitolbu dan.

6. Il-liċenzji tas-sajd jistgħu jkunu validi għal sena kalendarja, għal semestru jew trimestru. Semestru għandu jikkorrispondi għal wieħed mill-perjodi ta' sitt xhur li jibdew jew fl-1 ta' Jannar, jew fl-1 ta' Lulju, bl-eċċezzjoni tal-ewwel u l-aħħar perjodu tal-Protokoll. Trimestru għandu jikkorrispondi għal wieħed mill-perjodi ta' tliet xhur li jibdew fl-1 ta' Jannar, fl-1 ta' April, fl-1 ta' Lulju jew fl-1 ta' Ottubru, bl-eċċezzjoni tal-ewwel u l-aħħar perjodu tal-Protokoll.

D. **Ħlasijiet tal-liċenzji tas-sajd u tariffi**

1. Il-ħlasijiet annwali tal-liċenzji tas-sajd huma stabbiliti permezz tal-leġiżlazzjoni Marokkina fis-seħħ.

2. Il-ħlasijiet tal-liċenzji jkopru s-sena kalendarja li matulha tinħareġ il-liċenzja u għandhom jitħallsu mal-ewwel applikazzjoni għal liċenzja għas-sena kurrenti. Il-ħlasijiet tal-liċenzji jinkludu kull ħlas jew taxxa oħra relatati, ħlief għat-taxxi tal-port jew ħlasijiet għal prestazzjoni ta' servizzi.

3. Minbarra l-ħlasijiet tal-liċenzji tas-sajd, it-tariffi jiġu kkalkulati għal kull bastiment skont ir-rati stipulati fid-dokumenti tekniċi annessi mal-Protokoll.

4. Il-kalkolu tat-tariffa jsir pro rata mal-validità effettiva tal-liċenzja tas-sajd, b'kunsiderazzjoni għal irkupri bijoloġiċi eventwali.

5. Kull tibdil fil-leġiżlazzjoni dwar il-liċenzji tas-sajd għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiġi applikat.

E. **Termini tal-ħlas**

Il-ħlas tal-liċenzji tas-sajd, tat-tariffi u tal-ispejjeż tal-osservaturi għandu jsir f'isem it-Teżorier Ministerjali tal-Ministeru tal-Agrikoltura u tas-Sajd Marittimu qabel ma jinħarġu l-liċenzji tas-sajd fil-kont bankarju Nru 0018100078000 20110750201 miftuħ fil-Bank Al Maghrib - il-Marokk.

Il-ħlas tat-tariffi fuq il-kwoti allokati għall-bastimenti tat-tkarkir tal-kategorija "sajd pelaġiku industrijali" għandu jitħallas kif ġej:

— it-tariffa li tikkorrispondi għall-kwota proviżorja ta' kull xahar tal-bastiment mitluba minn sid il-bastiment għandha titħallas qabel il-bidu tal-attività tas-sajd jew fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar;

— fil-każ ta' estensjoni tal-kwota proviżorja ta' kull xahar hekk kif previst fil-paragrafu 4 tat-Taqsima A tal-Kapitolu I, it-tariffa li tikkorrispondi għal din l-estensjoni għandha tasal għand l-awtoritajiet Marokkini qabel ma' s-sajd ikun jista' jkompli għaddej.

— fil-każ ta' skorriment tal-kwota proviżorja ta' kull xahar u kwalunkwe estensjoni tagħha, l-ammont tat-tariffa li jikkorrispondi għal dan l-iskorriment għandu jiġi miżjud b'fattur ta' 3. Il-bilanċ ta' kull xahar, ikkalkulat abbażi tal-qabdiet li fil-fatt saru, għandu jitħallas fi żmien xahrejn wara x-xahar li fih saru dawn il-qabdiet.

KAPITOLU II

## DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL BASTIMENTI TAT-TONN

1. It-tariffi għandhom ikunu ta' EUR 35 għal kull tunnellata maqbuda fiż-żona tas-sajd Marokkina.

2. Il-liċenzji jinħarġu għal sena kalendarja wara l-ħlas bil-quddiem ta' somma fissa ta' EUR 7 000 għal kull bastiment.

3. Il-ħlas antiċipat jiġi kkalkulat *pro rata* skont kemm iddum valida l-liċenzja tas-sajd.

4. Il-kaptani tal-bastimenti li jkollhom liċenzja għall-ispeċijiet li jpassu ħafna għandhom iżommu ġurnal ta' abbord aġġornat skont il-mudell inkluż fl-Appendiċi 6 ta' dan l-Anness.

5. Huma obbligati wkoll li jibagħtu kopja tal-ġurnal ta' abbord imsemmi lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sa mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara l-iżbark tal-qabdiet. Dawn l-awtoritajiet għandhom jibagħtu kopji lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, li għandha r-responsabbiltà li tibgħathom lid-Dipartiment.

6. Sat-30 ta' April, il-Kummissjoni għandha tibgħat lid-Dipartiment dikjarazzjoni tat-tariffi li għandhom jitħallsu għall-kampanja tas-sajd preċedenti, ibbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet magħmula minn kull sid ta' bastiment u kkonfermati mill-istituti xjentifiċi responsabbli fl-Istati Membri u l-Marokk, bħall-IRD (Institut de Recherche pour le Développement), l-IEO (Instituto Español de Oceanografía), l-IPMA (Instituto Português do Mar e da Atmosfera) u l-INRH (Institut National de Recherche Halieutique).

7. Għall-aħħar sena tal-applikazzjoni r-rendikont tat-tariffi dovuti għall-kampanja tas-sajd preċedenti għandu jiġi nnotifikat fi żmien erba' xhur wara li jkun skada l-Protokoll.

8. Id-dikjarazzjoni finali għandha tintbagħat lis-sidien tal-bastimenti kkonċernati li għandu jkollhom 30 ġurnata żmien, mill-avviż ta' approvazzjoni taċ-ċifri mid-Dipartiment, sabiex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tagħhom. Il-prova tal-ħlas minn sid il-bastiment, li għandha ssir f'euro f'isem it-Teżorier Ġenerali tal-Marokk fil-kont bankarju msemmi fis-sezzjoni E tal-ewwel Kapitolu, għandha tintbagħat lid-Dipartiment mill-Kummisjoni sa mhux aktar tard minn xahar u nofs wara dak l-avviż.

9. Madankollu, jekk l-ammont tad-dikjarazzjoni jkun anqas mit-total tal-ħlasijiet bil-quddiem imsemmija hawn fuq, id-differenza korrispondenti ma tistax tiġi rkuprata.

10. Sidien il-bastimenti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex il-kopji tal-ġurnal ta' abbord jintbagħtu u li kwalunkwe ħlasijiet supplimentari jsiru fl-iskadenzi indikati fil-punti 5 u 8.

11. In-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi stipulati fil-punti 5 u 8 għandu jwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sakemm sid il-bastiment jonora l-obbligi tiegħu.

KAPITOLU III

## ŻONI TAS-SAJD

Il-Marokk għandu jinforma lill-UE, qabel id-data ta' applikazzjoni tal-Protokoll, dwar il-koordinati ġeografiċi tal-linji ta' bażi u taż-żoni kollha fi ħdana fejn is-sajd huwa projbit, għajr iż-żona Mediterranja tal-Marokk li tinsab fil-Lvant ta' 35°47′18″T – 5°55′33″P (Cap Spartel), li hija eskluża minn dan il-Protokoll.

Iż-żoni tas-sajd għal kull kategorija fiż-żona Atlantika tal-Marokk huma indikati fid-dokumenti tekniċi (l-Appendiċi 2).

KAPITOLU IV

## TERMINI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SAJD SPERIMENTALI

Iż-żewġ partijiet għandhom jiddeċiedu flimkien (i) dwar l-operaturi Ewropej li jistgħu jipprattikaw is-sajd sperimentali, (ii) il-perjodu l-aktar adattat għal dan il-għan u (iii) il-kondizzjonijiet applikabbli. Sabiex ikun iffaċilitat ix-xogħol esploratorju tal-bastimenti, id-Dipartiment għandu jgħaddi l-informazzjoni xjentifika u tagħrif ieħor fundamentali disponibbli. Iż-żewġ partijiet għandhom jaqblu dwar il-Protokoll xjentifiku li għandu jintuża bħala bażi għal sajd sperimentali bħal dan, u li għandu jintbagħat lill-operaturi kkonċernati.

Is-settur tas-sajd Marokkin għandu jkun involut mill-qrib (koordinazzjoni u djalogu dwar il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tas-sajd sperimentali).

Il-kampanji tas-sajd sperimentali ma għandhomx idumu aktar minn sitt xhur u anqas minn tliet xhur, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor bi ftehim bejn il-partijiet.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-awtoritajiet Marokkini l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tas-sajd sperimentali. Hija għandha tipprovdi fajl tekniku li jispeċifika:

— il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment;

— il-livell ta' għarfien espert tal-uffiċjali tal-bastiment fir-rigward ta' sajd bħal dan;

— il-proposta fir-rigward tal-parametri tekniċi tal-kampanja tas-sajd sperimentali (dewmien, tagħmir, reġjuni għall-esplorazzjoni, eċċ.);

— il-mezz ta' finanzjament.

Jekk ikun meħtieġ, id-Dipartiment għandu jorganizza djalogu fir-rigward ta' aspetti tekniċi u finanzjarji mal-Kummissjoni u, possibilment mas-sidien tal-bastimenti kkonċernati.

Qabel il-bidu ta' kampanja tas-sajd sperimentali, il-bastiment tal-Unjoni Ewropea għandu jidħol f'port Marokkin biex isirulu spezzjonijiet bħal dawk previsti fil-Punti 1.1 u 1.2 tal-Kapitolu IX ta' dan l-Anness.

Qabel il-bidu tal-kampanja tas-sajd sperimentali, sidien il-bastimenti għandhom jipprovdu lid-Dipartiment u lill-Kummissjoni:

— dikjarazzjoni tal-qabdiet li tkun diġà abbord;

— il-karatteristiċi tekniċi tat-tagħmir tas-sajd li jkun se jintuża matul il-kampanja tas-sajd sperimentali;

— garanzija li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-regolamenti tal-Marokk fi kwistjonijiet relatati mas-sajd.

Matul il-kampanja tas-sajd sperimentali fuq il-baħar, is-sidien tal-bastimenti kkonċernati għandhom:

— jibagħtu lid-Dipartiment u lill-Kummissjoni Ewropea rapport fil-ġimgħa dwar il-qabdiet ta' kuljum u ta' kull sajda, inkluża deskrizzjoni tal-parametri tekniċi tal-kampanja tas-sajd sperimentali (il-pożizzjoni, il-fond, id-data u l-ħin, il-qabdiet u osservazzjonijiet jew kummenti oħra);

— jindikaw il-pożizzjoni, il-veloċità u r-rotta tal-bastiment permezz tal-VMS;

— jiżguraw li osservatur xjentifiku ta' nazzjonalità Marokkina jew magħżul mill-awtoritajiet Marokkini jkun preżenti abbord. Ir-rwol tal-osservatur huwa li jiġbor informazzjoni xjentifika mill-qabdiet kif ukoll li jieħu kampjuni mill-qabdiet. L-osservatur għandu jiġi ttrattat l-istess bħal uffiċjal tal-bastiment u sid il-bastiment għandu jħallas l-ispejjeż għall-għajxien tiegħu abbord il-bastiment. Id-deċiżjoni dwar iż-żmien li l-osservatur jgħaddi abbord, dwar kemm idum abbord u dwar il-port tal-imbark u tal-iżbark għandha tittieħed bi ftehim mal-awtoritajiet Marokkini. Sakemm il-partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, il-bastiment qatt ma għandu jkun obbligat li jidħol fil-port aktar minn darba kull xahrejn;

— jissottomettu l-bastiment tagħhom għal spezzjoni qabel ma jħalli ż-żona tas-sajd Marokkina, jekk l-awtoritajiet tal-Marokk jitolbu dan;

— josservaw ir-regolamenti tal-Marokk fil-kwistjonijiet relatati mas-sajd.

Il-qabdiet, inkluż il-qabdiet inċidentali, li jsiru matul il-kampanja tas-sajd sperimentali xjentifika għandhom jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment, sakemm ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati mill-Kumitat Konġunt f'dan ir-rigward u d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll xjentifiku.

Id-Dipartiment għandu jinnomina persuna ta' kuntatt li tkun inkarigata sabiex tittratta l-problemi mhux previsti li jistgħu jfixklu l-iżvilupp tas-sajd sperimentali.

## KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD IS-SORVELJANZA BIS-SATELLITA TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UE LI JOPERAW FIŻ-ŻONA TAS-SAJD MAROKKINA SKONT DAN IL-FTEHIM

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-regolamenti tal-Marokk li jirregolaw il-funzjonament tal-apparat għall-pożizzjonament u l-lokalizzazzjoni bis-satellita huma applikabbli għall-bastimenti tal-Unjoni Ewropea li qed joperaw jew li għandhom l-intenzjoni li joperaw fiż-żona tas-sajd Marokkina fi ħdan il-qafas ta' dan il-Protokoll. L-Istat tal-bandiera għandu jiżgura li bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.

2. Għall-finijiet tas-sorveljanza bis-satellita, l-awtoritajiet Marokkini għandhom jikkomunikaw lill-Parti Ewropea l-koordinati (il-latitudnijiet u l-lonġitudnijiet) taż-żoni tas-sajd tal-Marokk, kif ukoll kwalunkwe żona fejn is-sajd huwa projbit.

   (i) Id-Dipartiment għandu jibgħat din l-informazzjoni lill-Kummissjoni qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

   (ii) Din l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa b'format elettroniku, b'forma deċimali N/S DD.ddd (WGS84).

   (iii) Kull modifika fil-koordinati għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien.

3. L-Istat tal-bandiera u l-Marokk għandhom jagħżlu korrispondent VMS kull wieħed li jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt.

   (i) Iċ-Ċentri tas-Sorveljanza u l-Kontroll tas-Sajd (CSCP) tal-Istat tal-bandiera u tal-Marokk għandhom jikkomunikaw qabel id-data ta' applikazzjoni l-koordinati (isem, indirizz, telefown, teleks, posta elettronika) tal-korrispondent VMS rispettiv tagħhom.

   (ii) Kull modifika fil-koordinati tal-korrispondent VMS għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien.

Dejta tal-VMS

4. Il-pożizzjoni tal-bastimenti hija determinata b'marġini ta' żball inferjuri għal 100 m u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %.

5. Meta bastiment li jkun qed jistad fil-qafas tal-Ftehim u huwa s-suġġett ta' monitoraġġ bis-satellita skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jidħol fiż-żona tas-sajd Marokkina, ir-rapporti sussegwenti tal-pożizzjoni għandhom jiġu kkomunikati immedjatament mis-CSCP tal-Istat tal-bandiera lis-CSCP tal-Marokk. Dawn il-messaġġi għandhom jiġu trażmessi kif ġej:

   (i) b'mod elettroniku bl-użu ta' protokoll sikur;

   (ii) bi frekwenza inferjuri jew ugwali għal sagħtejn;

   (iii) bil-format indikat fl-Appendiċi 3;

   (iv) bħala rapporti dwar il-pożizzjoni.

6. Barra minn hekk, il-pożizzjonijiet VMS għandhom jiġu identifikati kif ġej:

   (i) l-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd Marokkina għandha tkun identifikata bil-kodiċi "ENT";

   (ii) il-pożizzjonijiet kollha segwenti huma identifikati bil-kodiċi "POS";

   (iii) l-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara t-tluq miż-żona tas-sajd Marokkina għandha tkun identifikata bil-kodiċi "EXI";

   (iv) il-pożizzjonijiet trażmessi manwalment, f'konformità mal-punt 13, huma identifikati bil-kodiċi "MAN".

7. Il-komponenti tas-softwer u l-hardwer tal-apparat tas-sistema ta' monitoraġġ bis-satellita għandhom ikunu:

   (i) affidabbli, u ma jippermettu l-ebda falsifikazzjoni tal-pożizzjonijiet u ma jistgħux jiġu mmanipolati manwalment;

   (ii) kompletament awtomatiċi u operattivi f'kull ħin indipendentement mill-kondizzjonijiet ambjentali u tat-temp.

8. Huwa pprojbit li wieħed iċaqlaq, jiskonnetta, jeqred, jagħmel ħsara jew jiddiżabila s-sistema ta' lokalizzazzjoni kontinwa bl-użu tal-komunikazzjonijiet bis-satellita mqiegħda abbord il-bastiment għal skopijiet ta' trażmissjoni ta' dejta jew li jaltera volontarjament, jiddevja jew jiffalsifika d-dejta li toħroġ minn din is-sistema jew li tiġi rreġistrata minnha.

9. Il-kaptani tal-bastimenti għandhom jiżguraw f'kull ħin li:

   (i) l-informazzjoni ma tiġix mibdula;

   (ii) l-antenna jew l-antenni konnessi mat-tagħmir ta' sorveljanza bis-satellita ma jkunu ostakolati bl-ebda mod;

   (iii) il-provvista tal-elettriku għat-tagħmir tas-sorveljanza bis-satellita ma tinqatax;

   (iv) it-tagħmir tas-sorveljanza bis-satellita ma jiġix żarmat mill-bastiment.

10. Il-partijiet jaqblu li jiskambjaw, fuq talba, informazzjoni dwar l-apparat użat għall-monitoraġġ bis-satellita, sabiex jivverifikaw li kull parti mit-tagħmir hija kompletament kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-parti l-oħra għall-iskopijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet u wkoll sabiex jiġu stabbiliti kwalunkwe protokolli ta' skambju fil-każ tal-inklużjoni ta' funzjonalitajiet li jippermettu t-trasferiment tad-dejta tal-qabdiet.

Nuqqas tekniku jew ħsara li taffettwa l-apparat ta' monitoraġġ ta' abbord il-bastiment

11. Fil-każ ta' nuqqas tekniku jew ħsara li taffettwa l-apparat użat għall-monitoraġġ kontinwu bis-satellita abbord il-bastiment tas-sajd, id-Dipartiment u l-Kummissjoni għandhom ikunu infurmati mingħajr dewmien mill-Istat tal-bandiera.

12. L-apparat inkwistjoni għandu jiġi sostitwit mingħajr dewmien fi żmien 10 ijiem ta' xogħol wara l-konferma ta' dan in-nuqqas. Ladarba din l-iskandenza tkun għaddiet, il-bastiment inkwistjoni jrid iħalli ż-żona tas-sajd Marokkina jew jiirritorna lejn port Marokkin għat-tiswija.

13. Sakemm l-apparat ma jiġix sostitwit, il-kaptan tal-bastiment għandu jittrażmetti manwalment b'mod elettroniku, bir-radju jew bil-faks, rapport dwar il-pożizzjoni globali kull 4 sigħat inkluż rapporti dwar il-pożizzjoni hekk kif irreġistrata mill-kaptan tal-bastiment skont il-kondizzjonijiet previsti fil-punt 5.

14. Dawn il-messaġġi manwali għandhom jiġu trażmessi lis-CSCP tal-Istat tal-bandiera li għandu jittrażmettihom mingħajr dewmien lis-CSCP Marokkin.

Meta d-dejta VMS ma tasalx għand is-CSCP Marokkin

15. Jekk is-CSCP Marokkin jiskopri li l-Istat tal-bandiera mhux qed jikkomunika l-informazzjoni prevista fil-punt 5, il-Kummissjoni u l-Istat tal-bandiera għandhom jiġu infurmati immedjatament.

16. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera li mhuwiex konformi u/jew is-CSCP Marokkin għandhom immedjatament jinnotifikaw kwalunkwe anomalija operazzjonali li għandha x'taqsam mal-komunikazzjoni u l-wasla tal-messaġġi tal-pożizzjoni bejn is-CSCP sabiex tinsab soluzzjoni teknika malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bis-soluzzjoni li tkun instabet miż-żewġ CSCP.

17. Il-messaġġi kollha mhux trażmessi matul dan il-waqfien għandhom jiġu trażmessi mill-ġdid malli l-komunikazzjoni bejn is-CSCP tal-Istat tal-bandiera kkonċernat u s-CSCP Marokkin tistabbilixxi ruħha mill-ġdid.

18. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera u s-CSCP Marokkin għandhom jaqblu b'mod reċiproku qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll dwar il-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi alternattivi li għandhom jiġu użati għat-trażmissjoni tad-dejta VMS f'każ ta' nuqqas ta' konformità tas-CSCP, u għandhom jinfurmaw lil xulxin minnufih b'kull modifika.

19. In-nuqqasijiet ta' komunikazzjoni bejn is-CSCP tal-Marokk u tal-Istati tal-bandiera tal-UE m'għandhomx jaffettwaw il-ħidma normali tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti. Madankollu, it-tip ta' trażmissjoni deċiża skont il-punt 18 għandha tintuża immedjatament.

20. Il-Marokk għandu jinforma lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-UE ma jkunux meqjusa li qed iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dejta ERS ikkawżat min-nuqqas ta' CSCP u tal-mezzi tat-trażmissjoni deċiżi skont il-punt 18.

Protezzjoni tad-dejta VMS

21. Id-dejta kollha ta' monitoraġġ ikkomunikata minn parti waħda lill-oħra f'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet hija intenzjonata esklussivament għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza mill-awtoritajiet Marokkini tal-flotta tas-sajd Ewropea fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, jew għal studji ta' riċerka mwettqa mill-Marokk fir-rigward tal-ġestjoni u l-iżvilupp tas-sajd.

22. Din id-dejta taħt l-ebda ċirkostanzi m'għandha tiġi kkomunikata lil terzi persuni tkun xi tkun ir-raġuni.

23. Kull nuqqas ta' qbil fir-rigward tal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jkun ittrattat b'konsultazzjoni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, u dan għandu jieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni.

24. Jekk ikun hemm bżonn, il-partijiet jaqblu li jemendaw dawn id-dispożizzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

KAPITOLU VI

**DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET**

1. Ġurnal ta' abbord

   1. Il-kaptani tal-bastimenti huma obbligati li jagħmlu użu mill-ġurnal ta' abbord maħsub apposta għall-prattika tas-sajd fiż-żona tas-sajd Marokkina, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Appendiċi 7 tal-Anness u li jżommu dan il-ġurnal ta' abbord aġġornat skont id-dispożizzjonijiet li jinsabu fin-nota ta' spjegazzjoni fl-imsemmi ġurnal ta' abbord.

   2. Sidien il-bastimenti huma obbligati li jibagħtu kopja tal-ġurnal ta' abbord lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara l-iżbark tal-qabdiet. Dawn l-awtoritajiet għandhom jibagħtu kopji lill-Kummissjoni mingħajr dewmien, li għandha r-responsabbiltà li tibagħthom lid-Dipartiment.

   3. In-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi previsti fil-paragrafi 1 u 2 ta' hawn fuq mis-sidien tal-bastimenti jwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sakemm sid il-bastiment jonora l-obbligi tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

2. Dikjarazzjoni tal-qabdiet ta' kull tliet xhur

   1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lid-Dipartiment, qabel it-tmiem tat-tielet xahar ta' kull perjodu ta' tliet xhur, dwar il-kwantitajiet maqbuda, matul it-tliet xhur preċedenti, mill-bastimenti kollha tal-UE, b'konformità mal-mudelli previsti fl-Appendiċi 8 u 9 ta' dan l-Anness.

   2. Id-dejta mogħtija għandha tkun maqsuma fuq kull xahar u skont il-kategorija għal kull bastiment u kull speċi speċifikata fil-ġurnal ta' abbord.

   3. Din id-dejta għandha tintbagħat ukoll lid-Dipartiment permezz ta' dokument elettroniku f'format kompatibbli mas-softwer użat mill-Ministeru.

3. Affidabbiltà tad-dejta

   L-informazzjoni inkluża fid-dokumenti msemmija fil-punti 1 u 2 ta' hawn fuq għandha tirrifletti r-realtà tas-sajd sabiex tkun tista' tikkostitwixxi waħda mill-bażijiet tas-sorveljanza tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet.

4. Tranżizzjoni lejn sistema elettronika

   Iż-żewġ partijiet stabbilixxew protokoll għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-qabdiet u d-dikjarazzjonijiet ("Electronic Reporting System"), imsejħa "dejta ERS", stabbilita fl-Appendiċi 11. Iż-żewġ partijiet għandhom jipprovdu għall-implimentazzjoni ta' dan il-protokoll u s-sostituzzjoni tal-verżjoni fuq il-karta tad-dikjarazzjoni tal-qabdiet bid-dejta ERS, mill-implimentazzjoni mill-Marokk tal-apparat u s-softwer meħtieġ.

5. Żbark 'il barra mill-Marokk

   Sidien il-bastimenti huma obbligati jittrażmettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom id-dikjarazzjonijiet tal-iżbark tal-qabdiet imwettqa fi ħdan dan il-Protokoll, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata wara l-iżbark. Dawn l-awtoritajiet għandhom jibagħtu kopji lid-Delegazzjoni mingħajr dewmien, li għandha r-responsabbiltà li tittrażmettihom.

KAPITOLU VII

**IMBARK TAL-BAĦRIN MAROKKINI**

1. Sidien il-bastimenti li jibbenefikaw minn liċenzji tas-sajd skont dan il-Ftehim, għandhom itellgħu abbord, matul il-perjodu tal-preżenza tagħhom fiż-żona tas-sajd Marokkina, baħħara Marokkini, hekk kif previst fid-dokumenti tekniċi li hemm fl-Appendiċi 2.

2. Sidien il-bastimenti għandhom jagħżlu l-baħħara li jtellgħu abbord il-bastimenti tagħhom mil-lista uffiċjali ta' kandidati li kellhom suċċess fl-iskejjel tal-edukazzjoni marittima trażmessa mid-Dipartiment lill-Kummissjoni u kkomunikata min din tal-aħħar lill-Istati tal-bandiera kkonċernati. Il-lista tiġi aġġornata kull sena fl-1 ta' Frar. Sidien il-bastiment għandhom il-liberta jagħżlu l-kandidati mil-lista ta' kandidati li kellhom suċċess li għandhom l-aħjar għarfien u l-esperjenza l-aktar adegwata.

3. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin Marokkini, li kopja tagħhom tingħata lill-firmatarji, għandhom isiru bejn ir-rappreżentant(i) tas-sidien tal-bastimenti u l-baħrin u/jew il-junjins tagħhom jew rappreżentanti tagħhom b'kollegament mal-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk. Dawn il-kuntratti għandhom jiggarantixxu lill-baħrin il-benefiċċji tas-sistema tas-sigurtà soċjali li huma eliġibbli għalihom, inkluża assigurazzjoni f'każ ta' mewt, mard jew korriment.

4. Sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jibgħat kopja tal-kuntratt lid-Dipartiment permezz tad-Delegazzjoni, malli l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ikunu ffirmaw dan il-kuntratt.

5. Sid il-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jikkomunika lid-Dipartiment, permezz tad-Delegazzjoni, l-ismijiet tal-baħrin Marokkini li jittellgħu abbord il-bastiment ikkonċernat u għandu jsemmi wkoll ir-rwol tagħhom fl-ekwipaġġ.

6. Id-Delegazzjoni għandha tibgħat lid-Dipartiment, fl-1 ta' Frar u fl-1 ta' Awwissu, sommarju ta' sitt xhur għal kull bastiment, tal-baħħara Marokkini li ttellgħu abbord tal-bastimenti tal-UE bid-dettalji tar-reġistrazzjoni tagħhom.

7. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol, tapplika kollha kemm hi għall-baħrin li jittellgħu abbord il-bastimenti tas-sajd tal-UE. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-libertà tal-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għal negozjar kollettiv kif ukoll l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fi kwistjonijiet ta' xogħol u professjoni.

8. Is-salarju tal-baħrin Marokkini għandu jitħallas mis-sidien tal-bastimenti. Għandu jiġi stabbilit qabel il-ħruġ tal-liċenzji, bi qbil reċiproku bejn is-sidien tal-bastimenti jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin Marokkini kkonċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-baħrin Marokkini ma jistgħux ikunu anqas minn dawk tal-ekwipaġġ Marokkin, u għandhom ikunu konformi mal-istandards tal-ILO u fl-ebda każ ma jkunu inferjuri għalihom.

9. Jekk xi baħri jew baħrin impjegati abbord ma jkunux preżenti fil-ħin stabbilit għat-tluq tal-bastiment, dan tal-aħħar għandu jkun awtorizzat li jibda s-sajda ppjanata wara li jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-port dwar in-nuqqas fl-għadd ta' baħrin meħtieġa u wara li jkun organizza r-rwoli tal-ekwipaġġ. Dawn l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lid-Dipartiment.

10. Sid il-bastiment huwa responsabbli li jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura ruħu li l-bastiment tiegħu jtella' n-numru ta' baħrin meħtieġa skont dan il-Ftehim, sa mhux aktar tard mis-sajda li jkun imiss.

11. F'każ li ma jkunx hemm imbark ta' baħrin Marokkini għal raġunijiet differenti minn dawk imsemmija fil-punt preċedenti, is-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea kkonċernati jridu jħallsu somma fissa ta' EUR 20 għal kull baħri Marokkin li ma jittellax abbord u għal kull ġurnata ta' sajd fiż-żona tas-sajd Marokkina, fi żmien massimu ta' tliet xhur.

12. Din is-somma għandha tintuża għat-taħriġ tas-sajjieda Marokkini u għandha titħallas fil-kont tal-bank numru 0018100078000 20110750201 li hemm miftuħ fil-Bank Al Maghrib - il-Marokk.

13. Ħlief fil-każ previst fil-punt 9, in-nuqqas persistenti, min-naħa tas-sidien tal-bastimenti, tal-impjieg tal-għadd stipulat ta' baħrin Marokkini għandu jwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd tal-bastiment sakemm dan l-obbligu jiġi sodisfat. Id-Delegazzjoni għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

## KAPITOLU VIII

## MONITORAĠĠ U OSSERVAZZJONI TAS-SAJD

A. **Osservazzjoni tas-sajd**

1. Il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fiż-żona tas-sajd Marokkina fil-qafas ta' dan il-Protokoll għandhom itellgħu abbord lill-osservaturi maħtura mill-Marokk skont il-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt.

1.1. Il-bastimenti awtorizzati b'tunnellaġġ ta' aktar minn 100 TG għandhom itellgħu osservaturi abbord fil-limitu ta' 25 % kull tliet xhur.

1.2. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku industrijali għandhom itellgħu abbord osservatur xjentifiku b'mod permanenti matul il-perjodu kollu tal-attivitajiet tagħhom fiż-żona tas-sajd Marokkina.

1.3. Il-bastimenti tas-sajd l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea b'tunnellaġġ ta' 100 TG jew anqas għandhom ikunu osservati waqt massimu ta' għaxar sajdiet f'kull sena u għal kull kategorija ta' sajd.

1.4. Id-Dipartiment għandu jistabbilixxi lista tal-bastimenti magħżula sabiex itellgħu osservatur abbord, kif ukoll lista tal-osservaturi maħtura sabiex jittellgħu abbord. Dawn il-listi għandhom jiġu kkomunikati lid-Delegazzjoni hekk kif ikunu lesti.

1.5. Id-Dipartiment għandu jikkomunika lis-sidien tal-bastimenti ikkonċernati, permezz tad-Delegazzjoni, l-isem tal-osservatur maħtur sabiex jittella' abbord il-bastiment mal-ħruġ tal-liċenzja jew mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel id-data prevista għall-imbark tal-osservatur.

2. Il-żmien li jqatta' abbord l-osservatur fuq il-bastimenti tat-tkarkir huwa permanenti. Għall-kategoriji tas-sajd l-oħrajn, il-preżenza tal-osservaturi abbord dawn il-bastimenti għandha tiġi stabbilita għal sajda waħda kull bastiment.

3. Il-kundizzjonijiet għall-imbark tal-osservatur għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim reċiproku bejn is-sid tal-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu u l-awtoritajiet tal-Marokk.

4. It-tlugħ abbord tal-osservatur għandu jseħħ fil-port magħżul minn sid il-bastiment u fil-bidu tal-ewwel sajda fiż-żona tas-sajd Marokkina wara n-notifika tal-lista tal-bastimenti magħżula.

5. Sid il-bastiment għandu jikkomunika mhux aktar tard minn ġimgħatejn qabel l-imbark previst tal-osservaturi d-dati u l-portijiet Marokkini fejn se jsir dan l-imbark.

6. F'każ li l-osservatur jittella' abbord f'pajjiż barrani, l-ispejjeż tal-vjaġġ tal-osservatur jitħallsu minn sid il-bastiment. Jekk bastiment li jkollu osservatur Marokkin abbord joħroġ miż-żona tas-sajd Marokkina, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha biex jiġi assigurat li l-osservatur jittieħed lura f'pajjiżu malajr kemm jista' jkun, u l-ispejjeż għandhom jitħallsu minn sid il-bastiment.

7. F'każ li l-osservatur jagħmel vjaġġ inutli, minħabba li s-sid tal-bastiment ma jonorax l-impenji li jkun għamel, l-ispejjeż tal-vjaġġ kif ukoll is-sussistenza għal kull jum, ekwivalenti għal dawk imħallsa lill-uffiċjali nazzjonali tal-Marokk ta' grad ekwivalenti, għall-ġranet meta l-osservatur jkun inattiv, jitħallsu minn sid il-bastiment. Bl-istess mod, f'każ ta' dewmien fl-imbark li jkun tort tas-sid tal-bastiment, dan tal-aħħar għandu jħallas lill-osservatur is-sussistenza għal kull jum imsemmi hawn fuq.

Kull tibdil fir-regolamenti dwar is-sussistenza għal kull jum għandu jiġi kkomunikat lid-Delegazzjoni sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel ma jiġi applikat.

8. Jekk l-osservatur ma jkunx preżenti fil-post u fil-ħin miftiehem jew fit-tnax-il siegħa sussegwenti, sid il-bastiment jinħeles awtomatikament mill-obbligu li jtellgħu abbord.

9. Waqt li jkun abbord, l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal. Huwa għandu jwettaq id-dmirijiet li ġejjin:

9.1. josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti:

9.2. jivverifika l-pożizzjoni tal-bastimenti involuti f'operazzjonijiet tas-sajd;

9.3. jieħu kampjuni bijoloġiċi skont il-programmi xjentifiċi;

9.4. jieħu nota tat-tagħmir tas-sajd użat;

9.5. jivverifika d-dejta dwar il-qabdiet li jsiru fiż-żona tas-sajd Marokkina li hija rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord;

9.6. jivverifika l-persentaġġi tal-qabdiet inċidentali u jagħmel stima tal-volum tal-iskart tal-ispeċijiet ta' ħut, krustaċji u ċefalopodi li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati;

9.7. jikkomunika, permezz tal-faks jew ir-radju, id-dejta dwar is-sajd inkluż il-volum tal-qabdiet prinċipali u inċidentali abbord.

10. Il-kaptan għandu jieħu l-miżuri kollha relevanti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu sabiex jiżgura s-sigurtà fiżika u mentali tal-osservatur waqt il-qadi ta' dmirijietu.

11. L-osservaturi għandhom jingħataw aċċess għal kull faċilita meħtieġa sabiex iwettqu dmirijiethom. Il-kaptan għandu jiffaċilita l-aċċess tal-osservatur għall-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu, għad-dokumenti konnessi direttament mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment inklużi, b'mod partikolari, il-ġurnal ta' abbord u l-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment meħtieġa sabiex ikun iffaċilitat il-qadi ta' dmirijietu.

12. Waqt li jkun abbord, l-osservatur għandu:

   1. jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex il-kundizzjonijiet tal-imbark tiegħu, kif ukoll il-preżenza tiegħu abbord il-bastiment, ma jinterrompux u lanqas itellfu l-operazzjonijiet tas-sajd,

   2. jieħu ħsieb il-beni u l-apparat li jkun hemm abbord u jirrispetta l-privatezza ta' kull dokument li jappartjeni għall-imsemmi bastiment.

13. Fit-tmiem tal-perjodu ta' osservazzjoni u qabel ma jħalli l-bastiment, l-osservatur għandu jħejji rapport tal-attivitajiet li jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk b'kopja lid-Delegazzjoni. Huwa għandu jiffirmah fil-preżenza tal-kaptan li jista' jżid jew jara li jiżdiedu l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu li jkunu utli u jiffirmahom. Kopja tar-rapport tingħata lill-kaptan tal-bastiment qabel ma jsir l-iżbark tal-osservatur.

14. Sid il-bastiment għandu jħallas għall-akkomodazzjoni u l-ikel tal-osservaturi bl-istess kundizzjonijiet li jingħataw lill-uffiċjali, b'kunsiderazzjoni għall-possibiltajiet tal-bastiment.

15. Is-salarju u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur għandhom jitħallsu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Marokk.

16. Sabiex il-Marokk jiġi rrimborżat għall-infiq li jirriżulta mill-preżenza tal-osservaturi xjentifiċi abbord il-bastimenti, hemm previsti, b'żieda mat-tariffi li jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti, ħlasijiet imsejħa "spejjeż għall-osservaturi" ikkalkulati fuq il-bażi ta' EUR 5,5 kull TG għal kull trimestru u għal kull bastiment li jistad fiż-żona tas-sajd Marokkina.

    Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu skont it-termini tal-ħlas previsiti fil-Kapitolu I, Taqsima E ta' dan l-Anness.

17. In-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi previsti fil-punt 4 hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sakemm is-sid tal-bastiment jonora l-obbligi tiegħu. Id-Delegazzjoni għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

B. **Sistema ta' monitoraġġ konġunta tas-sajd**

1. Il-Partijiet kontraenti għandhom jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ u osservazzjoni konġunta ta' kontrolli tal-iżbark fuq l-art, bi skop li titjieb l-effettività ta' kontrolli bħal dawn sabiex tkun żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Il-partijiet għandhom ifasslu ppjanar annwali ta' monitoraġġ konġunt li jinkludi l-kategoriji kollha tas-sajd previsti f'dan il-Protokoll.

3. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti kontraenti għandhom jinnominaw ir-rappreżentant tagħhom billi jikkomunikaw l-isem lill-Parti kontraenti l-oħra sabiex din il-persuna tassisti fil-kontroll tal-iżbark u tosserva l-modi kif dan iseħħ.

4. Ir-rappreżentant tal-awtorità Marokkina għandu jassisti bħala osservatur fl-ispezzjonijiet tal-iżbark tal-bastimenti li jkunu operaw fiż-żona tas-sajd Marokkina, li jitwettqu mis-servizzi nazzjonali ta' kontroll tal-Istati Membri.

5. Huwa għandu jakkumpanja lill-uffiċjali nazzjonali tal-kontroll fl-ispezzjonijiet li jagħmlu fil-portijiet, fuq il-bastimenti, fuq il-mollijiet, fis-swieq fejn isir l-ewwel bejgħ, fil-ħwienet tan-negozjanti tal-ħut, fl-imħażen tal-friża u f'postijiet oħrajn konnessi mal-iżbark u l-ħażna tal-ħut qabel l-ewwel bejgħ u għandu jkollu aċċess għad-dokumenti soġġetti għal tali spezzjonijiet.

6. Ir-rappreżentant tal-awtorità Marokkina għandu jħejji u jippreżenta rapport dwar il-kontroll jew kontrolli li jkun assista għalihom. Kopja ta' dan ir-rapport għandha tinbagħat lid-Delegazzjoni.

7. Id-Dipartiment għandu javża lid-Delegazzjoni biex tassisti għall-ispezzjonijiet ipprogrammati fil-portijiet tal-iżbark, b'avviż li jingħata xahar qabel.

8. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-ispetturi tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jistgħu jassistu bħala osservaturi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet Marokkini fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-iżbark tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fil-portijiet Marokkini.

9. Il-metodi użati f'dawn l-operazzjonijiet għandhom jiġu deċiżi bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ partijiet.

KAPITOLU IX

## MONITORAĠĠ

1. Spezzjonijiet tekniċi

1.1. Darba fis-sena u wara kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tekniċi tagħhom jew wara talba għal bidla fil-kategorija tas-sajd li tinħtieġ użu ta' tagħmir tas-sajd differenti, il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea li għandhom liċenzja skont dan il-Protokoll għandhom jippreżentaw ruħhom f'port Marokkin sabiex isirulhom l-spezzjonijiet meħtieġa mir-regolamenti li hemm fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet iridu jitwettqu fi żmien 48 siegħa mill-wasla tal-bastiment fil-port.

1.2. Meta l-bastiment jinstab li huwa konformi, il-kaptan tal-bastiment jingħata ċertifikat, b'validità ugwali għal-liċenzja, li jiġi estiż awtomatikament għall-bastimenti li jġeddu l-liċenzja tagħhom matul dik is-sena. Madankollu, il-validità massima ma tistax teċċedi sena. Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm dejjem abbord.

1.3. L-iskop tal-ispezzjoni teknika huwa li tiġi stabbilita l-konformità tal-karatteristiċi tekniċi u tat-tagħmir abbord, biex jiġi vverifikat il-funzjonament tal-appart tal-pożizzjonament u l-lokalizzazzjoni bis-satellita installata abbord u biex jiġi vverifikat li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-ekwipaġġ Marokkin huma ssodisfati.

1.4. L-ispejjeż relatati mal-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sidien tal-bastimenti b'rati li jiġu stabbiliti skont l-iskeda ffissata mil-liġijiet Marokkini. Ma jistgħux ikunu aktar mis-somom normalment imħallsa mill-bastimenti l-oħra għall-istess servizzi.

1.5. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1.1 u 1.2 ta' hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sakemm is-sid tal-bastiment jonora l-obbligi tiegħu. Id-Delegazzjoni għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

2. Dħul fiż-żona u ħruġ minnha

2.1. Bastimenti tal-Unjoni Ewropea li għandhom liċenzja li hija konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jinnotifikaw lid-Dipartiment, mill-anqas sitt sigħat qabel, bl-intenzjoni tagħhom li jidħlu jew joħorġu miż-żona tas-sajd Marokkina, u għandhom jagħtu wkoll l-informazzjoni li ġejja:

2.1.1. data u ħin tat-trażmissjoni tal-messaġġ;

2.1.2. pożizzjoni tal-bastiment f'konformità mal-punt 5 tal-Kapitolu V;

2.1.3. il-piż f'kilogrammi u l-qabdiet ta' kull speċi miżmuma abbord, identifikati bil-kodiċi alpha-3;

2.1.4. messaġġi tat-tip "qabdiet mad-dħul" (COE) u "qabdiet mal-ħruġ" (COX).

2.2. Dawn il-komunikazzjonijiet għandhom isiru preferibbilment bil-faks u, fin-nuqqas ta' dan, f'każ ta' bastimenti li ma jkollhomx faks, permezz tar-radju (f'dan ir-rigward ara l-informazzjoni mogħtija fl-Appendiċi 10).

2.3. Fil-każ ta' bastimenti li huma fil-kategorija "sajd pelaġiku industrijali", il-ħruġ definittiv miż-żona tas-sajd Marokkina huwa soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel tad-Dipartiment. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ fi żmien 24 siegħa minn meta tkun saret it-talba mill-kaptan jew l-aġent tal-bastiment, bl-eċċezzjoni għal rikjesta li tkun waslet lejliet l-aħħar tal-ġimgħa, fejn l-awtorizzazzjoni jkollha tinħareġ it-Tnejn ta' wara. Jekk l-awtorizzazzjoni tiġi rrifjutata, id-Dipartiment għandu javża lil sid il-bastiment mingħajr dewmien u lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-raġunijiet ta' dan ir-rifjut.

2.4. Bastiment li jinstab jistad mingħajr ma jkun avża lid-Dipartiment jitqies bħala bastiment mingħajr liċenzja.

2.5. In-numri tal-faks u tat-telefown tal-bastiment kif ukoll l-indirizz elettroniku tal-kaptan għandhom jiġu indikati minn sid il-bastiment fuq il-formola tat-talba għal-liċenzja tas-sajd.

3. Proċeduri ta' kontroll

3.1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni Ewropea li għandhom liċenzja skont dan il-Protokoll għandhom jippermettu u jiffaċilitaw l-imbark abbord u t-twettiq tad-dmirijiet ta' kull uffiċjal Marokkin responsabbli mill-ispezzjoni u mill-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd.

3.2. Dawn l-uffiċjali ma għandhomx jibqgħu abbord għal aktar mill-ħin meħtieġ sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom.

3.3. Wara kull spezzjoni u kontroll, il-kaptan tal-bastiment għandu jingħata ċertifikat.

4. Tlugħ abbord il-bastimenti

4.1. Id-Dipartiment għandu jinforma lid-Delegazzjoni fl-anqas żmien possibbli u mhux aktar tard minn 48 siegħa, bit-tlugħ abbord il-bastimenti kollu u bil-penali imposti fuq il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea, fiż-żona tas-sajd Marokkina.

4.2. Il-Kummissjoni għandha fl-istess waqt tirċievi rapport qasir dwar iċ-ċirkustanzi u r-raġunijiet li wasslu għal dan it-tlugħ abbord il-bastiment.

5. Rapport dwar it-tlugħ abbord il-bastiment

5.1. Il-kaptan tal-bastiment għandu jiffirma dan id-dokument wara d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet fir-rapport imħejji mill-awtoritajiet inkarigati mill-kontroll fil-Marokk.

5.2. Din il-firma ma tippreġudikax id-drittijiet u l-mezzi ta' difiża li l-kaptan jista' jagħmel użu minnhom f'każ ta' xi infrazzjoni li tiġi attribwita lilu.

5.3. Il-kaptan għandu jidderieġi l-bastiment tiegħu lejn port indikat mill-awtoritajiet Marokkini inkarigati mill-kontroll. Il-bastiment li jkun kiser il-liġijiet Marokkini fis-seħħ dwar is-sajd fil-baħar għandu jinżamm fil-port sakemm jitlestew il-formalitajiet amministrattivi normali f'każijiet ta' tlugħ abbord il-bastiment.

6. Soluzzjoni tal-ksur

6.1. Qabel ma tinbeda xi proċedura legali, għandu jkun hemm sforz sabiex il-ksur allegat jiġi riżolt permezz ta' soluzzjoni bonarja. Din il-proċedura m'għandhiex iddum aktar minn tliet ġranet tax-xogħol mit-tlugħ abbord il-bastiment.

6.2. Fil-każ ta' soluzzjoni bonarja, l-ammont tal-multa imposta għandu jiġi ffissat skont ir-regolamenti Marokkini fil-qasam tas-sajd.

6.3. F'każ li l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi riżolta permezz ta' soluzzjoni bonarja, u tittieħed quddiem tribunal ġudizzjarju kompetenti, sid il-bastiment għandu jiddepożita garanzija bankarja, li tkun determinata skont l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tlugħ abbord il-bastiment kif ukoll skont l-ammonti tal-multi u d-danni li huma soġġetti għalihom dawk li wettqu l-ksur, f'bank magħżul mill-awtorità kompetenti fil-Marokk.

6.4. Il-garanzija bankarja hija irrevokabbli qabel ma tkun intemmet il-proċedura ġudizzjarja. Hija tiġi rrilaxxata jekk il-proċedura tintemm mingħajr kundanna. B'mod simili, f'każ ta' kundanna li twassal għal multa li tkun inqas mill-garanzija ddepożitata, id-differenza għandha tiġi rrilaxxata mill-awtorità kompetenti Marokkina.

6.5. Il-bastiment huwa awtorizzat li jitlaq mill-port:

— meta jitwettqu l-obbligi miftehma fis-soluzzjoni bonarja;

— kif ukoll mad-depożitu tal-garanzija bankarja stipulata fil-punt 6.3 hawn fuq u l-aċċettazzjoni tagħha mill-awtorità kompetenti tal-Marokk, sakemm tkun qed titlesta l-proċedura ġudizzjarja.

7. Trasbord

7.1. L-ebda operazzjoni ta' trasbord tal-qabdiet fuq il-baħar ma hija permessa fiż-żona tas-sajd Marokkina. Madankollu, il-bastimenti industrijali tat-tkarkir pelaġiku tal-Unjoni Ewropea li għandhom liċenzja skont id-dispożizzjonijiet tal-protokoll preżenti, li jkunu jixtieqŭ jwettqu t-trasbord tal-qabdiet fiż-żona tas-sajd Marokkina jistgħu jagħmlu dan f'xi port Marokkin jew xi post ieħor indikat mill-awtoritajiet kompetenti Marokkini wara li jiksbu awtorizzazzjoni mid-Dipartiment. Dan it-trasbord għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-osservatur jew ta' rappreżentant tad-Delegazzjoni tas-sajd marittimu u tal-awtoritajiet ta' kontroll. Kull ksur ta' din id-dispożizzjoni jwassal għas-sanzjonijiet previsti fir-regolamenti Marokkini fis-seħħ.

7.2. Qabel kull operazzjoni ta' trasbord, is-sidien ta' dawn il-bastimenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja lid-Dipartiment, mill-anqas 24 siegħa minnqabel:

— l-isem tal-bastimenti tas-sajd li jkunu se jwettqu t-trasbord;

— l-isem tal-bastiment tal-ġarr tal-qabda, il-bandiera tiegħu, in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu u l-kodiċi tar-radju;

— it-tunnellaġġ, skont l-ispeċi li tkun ser tiġi ttrasbordata;

— id-destinazzjoni tal-qabdiet;

— id-data u l-ġurnata tat-trasbord.

7.3. Il-Parti Marokkina tirriżerva d-dritt li tirrifjuta t-trasbord jekk il-bastiment li jkun qiegħed iġorr il-ħut kien involut f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni tas-sajd Marokkina.

7.4. It-trasbord jitqies bħala ħruġ miż-żona tas-sajd Marokkina. Għalhekk, il-bastimenti għandhom jibagħtu lid-Dipartiment id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet u javżawh bl-intenzjoni tagħhom jew li jkomplu jistadu jew li jħallu ż-żona tas-sajd Marokkina.

7.5. Il-kaptani tal-bastimenti industrijali tat-tkarkir pelaġiku tal-Unjoni Ewropea li għandhom liċenzja b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll li huma impenjati f'operazzjonijiet ta' żbark jew ta' trasbord f'xi port tal-Marokk għandhom jippermettu u jiffaċilitaw il-kontrolli ta' dawn l-operazzjonijiet mill-ispetturi Marokkini. Wara kull spezzjoni u kontroll fil-port, il-kaptan tal-bastiment għandu jingħata ċertifikat.

KAPITOLU X

**ŻBARK TAL-QABDIET**

Il-partijiet kontraenti, konxji mill-interess ta' integrazzjoni aħjar bi skop li jkun żgurat l-iżvilupp konġunt tas-setturi tas-sajd rispettivi tagħhom, jaqblu li jadottaw il-miżuri segwenti li jirrelataw mal-iżbark fil-portijiet Marokkini ta' proporzjon tal-qabdiet magħmula fiż-żona tas-sajd Marokkina minn bastimenti tal-Unjoni Ewropea li ngħataw liċenzja skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

L-iżbark obbligatorju għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet stipulati fid-dokumenti tekniċi annessi ma' dan il-Protokoll.

Inċentivi finanzjarji:

1. Żbarki

Il-bastimenti tal-Unjoni Ewropea tat-tip tonn u tat-tip RSW (li joperaw fuq l-istokkijiet C tal-pelaġiċi żgħar), li għandhom liċenzja skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li f'port Marokkin jiżbarkaw 'il fuq minn 25 % tal-iżbarki obbligatorji previsti fid-dokumenti tekniċi nri 5 u 6 jibbenefikaw minn tnaqqis fuq it-tariffa ta' 5 % għal kull tunnellata żbarkata 'il fuq mil-limitu obbligatorju.

2. Regolamenti ta' implimentazzjoni

Matul l-operazzjonijiet tal-iżbark, il-pixkeriji għandhom jistabbilixxu biljett tal-użin li jservi bħala bażi għat-traċċabilità tal-prodotti.

Il-bejgħ tal-prodotti fil-livell tal-pixkerija għandu jkun iddikjarat permezz ta' "rendikont ta' bejgħ u tnaqqis" (RBT).

Il-kopji tal-biljetti tal-użin u tar-RBT għandhom jintbagħtu lid-Delegazzjoni tas-sajd marittimu tal-port tal-iżbark. Wara l-approvazzjoni tad-Dipartiment, is-sidien tal-bastimenti kkonċernati jiġu infurmati dwar l-ammonti li se jiġu rimborżati lilhom. Dawn l-ammonti jitnaqqsu mit-tariffi li jkunu dovuti mat-talbiet futuri għal-liċenzji.

3. Evalwazzjoni

Il-livell tal-inċentivi finanzjarji għandu jiġi aġġustat fi ħdan il-Kumitat Konġunt b'kunsiderazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku kkawżat mill-iżbark li jsir.

4. Penali fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tal-iżbark.

Bastimenti fil-kategoriji li huma soġġetti għal żbark obbligatorju li ma josservawx dan l-obbligu f'konformità mad-dokumenti tekniċi relevanti jistgħu jkunu soġġetti għal żieda ta' 5 % fil-ħlas tat-tariffa li jmiss. F'każ ta' reċidiviżmu, dawn il-penali jiġu eżaminati mill-ġdid mill-Kumitat Konġunt.

*Appendiċi*

1. Formola tal-applikazzjoni għal liċenzja
2. Dokumenti tekniċi
3. Komunikazzjoni ta' messaġġi VMS lill-Marokk, rapport tal-pożizzjoni
4. Koordinati taż-żoni tas-sajd
5. Koordinati tas-CSCP Marokkin
6. Ġurnal ta' abbord tal-ICCAT għas-sajd tat-tonn
7. Ġurnal ta' abbord (sajd ieħor)
8. Formola ta' dikjarazzjoni tal-qabdiet (sajd pelaġiku industrijali)
9. Formola ta' dikjarazzjoni tal-qabdiet (sajd ieħor għajr is-sajd pelaġiku industrijali)
10. Karatterisitiċi tal-istazzjon tar-radju tad-Dipartiment tas-sajd marittimu fil-Marokk
11. Protokoll ERS

*Appendiċi 1*

**FTEHIM DWAR IS-SAJD BEJN IL-MAROKK U L-UNJONI EWROPEA**

**APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA TAS-SAJD**

**NUMRU TAL-KATEGORIJA TAS-SAJD**

I — L-APPLIKANT

1. Isem is-sid tal-bastiment: ........................................

2. Isem l-assoċjazzjoni jew ir-rappreżentant tas-sid tal-bastiment: ........................................

3. Indirizz tal-assoċjazzjoni jew tar-rappreżentant tas-sid tal-bastiment: ........................................

........................................

4. Telefon: ........................................ Faks: ........................................

Posta elettronika: ........................................

5. Isem il-kaptan: .................... Nazzjonalità: .................... Posta elettronika: ....................

II — IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem il-bastiment: ........................................

2. Pajjiż tal-bandiera: ........................................

3. Numru tar-reġistrazzjoni esterna: ........................................

4. Port tar-reġistrazzjoni: .................... MMSI: .................... Numru IMO: ....................

5. Data li fiha nkisbet il-bandiera attwali: .................... Bandiera ta' qabel (jekk kien hemm): ....................

6. Sena u post tal-kostruzzjoni: .................... Kodiċi tas-sinjal tar-radju: ....................

7. Frekwenza tas-sinjal tar-radju: .................... Numru tat-telefown bis-satellita: ....................

8. Materjal tal-buq: Azzar ☐ Injam ☐ Poliester ☐ Ieħor ☐

III — KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U T-TAGĦMIR

1. Tul totali: .................... Wisa': ....................

2. Tunnellaġġ gross (espress f'TG): .................... Tunnellaġġ nett: ....................

3. Qawwa tal-magna prinċipali f'KW: .................... Ditta: .................... Tip: ....................

4. Tip ta' bastiment: .................... Kategorija tas-sajd: ....................

5. Tagħmir tas-sajd: ........................................

6. Żoni tas-sajd: .................... Speċi fil-mira: ....................

7. Għadd totali tal-ekwipaġġ abbord: ........................................

8. Metodu ta' konservazzjoni abbord: Frisk ☐ Tkessiħ ☐ Imħallat ☐ Iffriżar ☐

9. Kapaċità tal-friża kull 24 siegħa (f'tunnellati): ........................................

10. Kapaċità tal-istivi: .................... Numru: ....................

11. Transponder VMS:

Produttur: .................... Mudell: .................... Numru tas-serje: ....................

Verżjoni tas-softwer: .................... Operatur tas-satellita: ....................

Magħmul fi ...................., il-....................

Firma tal-applikant ....................

*Appendiċi 2*

Il-kondizzjonijiet tas-sajd għal kull kategorija għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim komuni kull sena qabel il-ħruġ tal-liċenzji

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 1**

**Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana: Pelaġiku**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 20 |
| Tagħmir awtorizzat | Tartaruni<br>Qisien massimi awtorizzati skont il-kondizzjonijiet prevalenti fiż-żona, massimu: 500 m × 90 m.<br>Sajd bil-lampara mhux permess. |
| Tip ta' bastiment: | < 100 TG |
| Tariffa | EUR 75 kull TG u kull trimestru |
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Fit-Tramuntana ta' 34°18′00″.<br>Estensjoni sal-latitudni 33°25′00″ hija permessa għal 5 bastimenti kull darba, li joperaw fuq sistema ta' rotazzjoni, soġġetti għal osservazzjoni xjentifika.<br>Lil hinn minn 2 mili nawtiċi |
| Speċi fil-mira | Sardin, inċova u speċi oħra pelaġiċi żgħar |
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | 30 % tal-qabdiet iddikjarati |
| Irkupru bijoloġiku | Xahrejn: Frar u Marzu |
| Obbligu ta' imbark | 3 baħħara Marokkini kull bastiment |
| Rimarki | L-estensjoni lejn in-Nofsinhar fuq latitudni 34°18′00N tal-attività ta' 5 tartaruni se tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni sena wara l-applikazzjoni sabiex ikun stabbilit ir-riżultat ta' kwalunkwe interazzjoni mal-flotta nazzjonali u l-impatt fuq ir-riżorsi. |

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 2**

**Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 35 |
| Tagħmir awtorizzat | Bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ.<br>Kat. a) < 40 TG - Għadd massimu ta' snanar għal kull konz: 10 000 sunnara armata, immuntati u lesti biex jintużaw b'massimu ta' 5 konzijiet tal-qiegħ.<br>Kat. b) ≥ 40 TG u < 150 TG - 15 000 sunnara armata, immuntati u lesti biex jintużaw b'massimu ta' 8 konzijiet tal-qiegħ. |
| Tip ta' bastiment | (a) < 40 TG: 32 liċenzja<br>(b) ≥ 40 TG u < 150 TG: 3 liċenzji |
| Tariffa | EUR 67 kull TG għal kull trimestru |

| | |
|---|---|
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Fit-Tramuntana ta' 34°18′00″ N.<br><br>Estensjoni sal-latitudni 33°25′00″ hija permessa għal 4 bastimenti kull darba [1], li joperaw fuq sistema ta' rotazzjoni, soġġetti għal osservazzjoni xjentifika.<br><br>Lil hinn minn 6 mili nawtiċi. |
| Speċi fil-mira | Sabre (scabbardfish), sparidae u speċi oħrajn tal-qiegħ (demersali) |
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | Ħatt volontarju |
| Irkupru bijoloġiku | Mill-15 ta' Marzu sal-15 ta' Mejju |
| Qabdiet inċidentali | 0 % ta' pixxispad u klieb il-baħar tal-wiċċ |
| Obbligu ta' imbark | < 100 TG Volontarju<br><br>≥ 100 TG: Baħħar Marokkin |
| Rimarki | L-estensjoni lejn in-Nofsinhar fuq latitudni 34°18′00N tal-attività ta' 4 tartaruni se tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni sena wara l-applikazzjoni sabiex ikun stabbilit ir-riżultat ta' kwalunkwe interazzjoni mal-flotta nazzjonali u l-impatt fuq ir-riżorsi. |

[1] Wara sena, jekk is-sitwazzjoni hija favorevoli u abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, l-għadd ta' bastimenti li jistgħu joperaw fiż-żona estiża jista' jiġi revedut.

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 3**

**Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 10 |
| Tagħmir awtorizzat | Qasab u xlief |
| Tip ta' bastiment | < 80 TG |
| Tariffa | EUR 67 kull TG u kull trimestru |
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Fin-Nofsinhar ta' 30°40′00″N<br><br>Lil hinn minn 3 mili nawtiċi |
| Speċi fil-mira | Gurbell tork, pagru (sparidés) |
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | Ħatt volontarju |
| Irkupru bijoloġiku | — |
| Tartarun awtorizzat għall-qbid tal-lixka ħajja | Xbieki ta' 8 mm għall-qabdiet tal-lixka ħajja<br><br>Tartarun użat lil hinn minn 3 mili nawtiċi. |
| Qabdiet inċidentali | 0 % ta' ċefalopidi u ta' krustaċji<br><br>5 % ta' speċijiet tal-qiegħ oħrajn (demersali) |
| Obbligu ta' imbark | 2 baħħara Marokkini għal kull bastiment |

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 4**

**Sajd tal-qiegħ (demersali)**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 16-il bastiment; 5 bastimenti tat-tkarkir u 11-il bastiment bil-konz |
| Tagħmir awtorizzat | — Għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir:<br>— xibka tat-tkarkir tal-qiegħ<br>— Xbieki tal-manka ta' 70 mm<br>— Mhux permess li l-manka tax-xibka tat-tkarkir tkun doppja.<br>— Mhux permess li l-ispag li minnu hija magħmula l-manka tax-xibka tat-tkarkir tkun doppja.<br>— Għall-bastimenti bil-konz:<br>— bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ:<br>— massimu ta' 20 000 sunnara kull bastiment |
| Tip ta' bastiment | Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir:<br>— tunnellaġġ massimu ta' 600 TG kull bastiment;<br>Bastimenti bil-konz:<br>— tunnellaġġ massimu ta' 150 TG kull bastiment; |
| Tariffa | EUR 60 kull TG u kull trimestru |
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Fin-Nofsinhar ta' 29°N<br>Lil hinn mill-isobat ta' 200 m għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir;<br>Lil hinn minn 12-il mil nawtiku għall-bastimenti bil-konz |
| Speċi fil-mira | Marlozz iswed, ċinturin, murruna/plamtu |
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | 30 % tal-qabdiet kull sajda |
| Irkupru bijoloġiku | — |
| Qabdiet inċidentali | 0 % taċ-ċefalopidi, tal-krustaċji u 5 % tal-klieb il-baħar tal-qiegħ. |
| Obbligu ta' imbark | 4 baħħara Marokkini għal kull bastiment bil-konz<br>7 baħħara Marokkini għal kull bastiment tas-sajd bit-tkarkir |

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 5**

**Sajd għat-tonn**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 27 |
| Tagħmir awtorizzat | Xlief u lenzi għas-sajd bir-rixa |
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Lil hinn minn 3 mili<br>Iż-żona Atlantika kollha tal-Marokk, ħlief għall-perimetru ta' protezzjoni li qiegħed lejn il-Lvant tal-linja li tgħaqqad il-punti 33°30′N/7°35′ Punent u 35°48′N/6°20′ Punent |
| Speċijiet fil-mira | Tonnijiet |

| | |
|---|---|
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | 25 % tal-qabdiet iddikjarati magħmula minn palamit (*Katsuwonus pelamis*), bonito (*Sarda sarda*) u trumbell (*Auxis thazard*) kull sajda. |
| Irkupru bijoloġiku | — |
| Tartarun awtorizzat għall-qbid tal-lixka ħajja | Xbieki ta' 8 mm għall-qbid tal-lixka ħajja, bit-tartarun użat lil hinn minn 3 mili nawtiċi. |
| Tariffi | EUR 35 kull tunnellata li tinqabad |
| Ħlas bil-quddiem | Għandu jsir ħlas bil-quddiem ta' somma fissa ta' EUR 7 000 mal-applikazzjoni għal-liċenzja annwali |
| Obbligu ta' imbark | 3 baħħara Marokkini għal kull bastiment |

**Dokument tekniku dwar is-sajd Nru 6**

**Sajd pelaġiku industrijali**

| | |
|---|---|
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | 18 |
| Tagħmir awtorizzat | Xibka tat-tkarkir pelaġiku jew semipelaġiku |
| Kwota allokata | 80 000 tunnellata fis-sena,<br>— b'massimu ta' 10 000 tunnellata kull xahar għall-flotta sħiħa,<br>— ħlief għax-xhur ta' Awwissu u Ottubru fejn il-limitu massimu ta' kull xahar għal qabdiet huwa miżjud għal 15 000 tunnellata. |
| Tip ta' bastiment | Bastiment tas-sajd tat-tkarkir pelaġiku industrijali |
| Għadd ta' bastimenti awtorizzati | Distribuzzjoni ta' bastimenti awtorizzati biex jistadu:<br>— 10 bastimenti b'tunnellaġġ superjuri għal 3 000 TG<br>— 3 bastimenti b'tunnellaġġ bejn 150 u 3 000 TG<br>— 5 bastimenti b'tunnellaġġ inferjuri għal 150 TG |
| Tunnellaġġ massimu awtorizzat għal kull bastiment | 7 765 TG, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-istruttura tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni Ewropea |
| Limitu ġeografiku taż-żona awtorizzata | Fin-Nofsinhar ta' 29°N.<br>— Lil hinn minn 15-il mil nawtiku għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir bil-friża<br>— Lil hinn minn 8 mili nawtiċi għall-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir RSW |
| Speċi fil-mira | Sardin, sardinell, kavalli, sawrell u inċova. |
| Kompożizzjoni tal-qabdiet (kull grupp ta' speċi) | — sawrell/kavalli/inċova: 65 %;<br>— sardin/sardinell: 33 %;<br>— qabdiet inċidentali: 2 %<br>Din il-kompożizzjoni tal-qabdiet tista' tinbidel mill-Kumitat Konġunt. |

| | |
|---|---|
| Obbligu ta' żbark fil-Marokk | 25 % tal-qabdiet kull sajda |
| Irkupru bijoloġiku | Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati għandhom josservaw l-irkupri bijoloġiċi kollha stipulati mid-Dipartiment fiż-żona tas-sajd awtorizzata u jieqfu minn kull attività ta' sajd ([1]). |
| Xbieki awtorizzati | Il-qies minimu tal-malja stirata tax-xbieki tat-tkarkir pelaġiku jew semi-pelaġiku hija ta' 40 mm.<br><br>Il-manka tax-xbiek tat-tkarkir pelaġiku jew semipelaġiku tista' tissaħħaħ minn xibka b'daqs minimu tal-malja stirata ta' 400 mm u minn anelli tal-ħabel spazjati ta' mill-lanqas metru u nofs (1,5 m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta' wara tax-xibka tat-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn 2 metri mill-fetħa tal-manka.<br><br>Ir-rinforzar jew l-irduppjar tal-manka għal kull mekkaniżmu ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ ma għandu jimmira għal speċi oħra għajr il-pelaġiċi żgħar awtorizzati. |
| Qabdiet inċidentali | Massimu ta' 2 % ta' speċi oħra.<br><br>Il-lista tal-ispeċi awtorizzati fil-qabdiet inċidentali hija stabbilita bir-rego-lamenti Marokkini dwar is-"sajd ta' pelaġiċi żgħar fl-Atlantiku tan-Nofsinhar". |
| Ipproċessar industrijali | L-ipproċessar industrijali tal-qabdiet għall-produzzjoni ta' għalf tal-ħut mitħun u/jew żejt tal-ħut huwa assolutament ipprojbit.<br><br>Madankollu, ħut bil-ħsara jew iddeterjorat kif ukoll l-iskart li jirriżulta mill-manipulazzjoni tal-qabdiet jista' jiġi pproċessat għall-produzzjoni tal-għalf tal-ħut mitħun jew żejt tal-ħut sakemm dan ma jaqbiżx il-limitu massimu ta' 5 % tal-qabdiet totali awtorizzati. |
| Tariffi | Għall-bastiment tas-sajd bit-tkarkir pelaġiċi industrijali bil-friża:<br><br>— EUR 100/tunnellata pagabbli bil-quddiem fuq bażi ta' kull xahar.<br><br>Għall-bastiment tas-sajd bit-tkarkir pelaġiċi industrijali u li ma joperawx bil-friża:<br><br>— EUR 35/tunnellata pagabbli bil-quddiem fuq bażi ta' kull xahar.<br><br>It-tariffa tiġi miżjuda jekk il-qabdiet awtorizzati jiġu maqbuża b'fattur ta' 3. |
| Obbligu ta' imbark | Tunnellaġġ tal-bastiment < 150 TG:<br><br>— 2 baħħara Marokkini<br><br>150 TG ≤ Tunnellaġġ tal-bastiment < 1 500 TG:<br><br>— 4 baħħara Marokkini<br><br>1 500 TG ≤ Tunnellaġġ tal-bastiment < 5 000 TG:<br><br>— 8 baħħara Marokkini<br><br>5 000 TG ≤ Tunnellaġġ tal-bastiment < 7 765 TG:<br><br>— 16-il baħħar Marokkin |

([1]) Id-Dipartiment għandu jikkomunika din id-deċiżjoni minn qabel lill-Kummissjoni fejn jispeċifika l-perjodu jew perjodi li għalihom hemm projbizzjoni fuq is-sajd kif ukoll iż-żoni kkonċernati.

*Appendiċi 3*

**KOMUNIKAZZJONI TAL-MESSAĠĠI VMS LILL-MAROKK**

**RAPPORT TAL-POŻIZZJONI**

| Element tad-Dejta | Kodiċi | Obbligatorju/Fakultattiv | Kontenut |
|---|---|---|---|
| Bidu tar-reġistrazzjoni | SR | O | Dettall tas-sistema li jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni |
| Destinatarju | AD | O | Dettall tal-messaġġ - Kodiċi Alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166) |
| Mibgħut minn | MT | O | Dettall tal-messaġġ - Kodiċi Alfa-3 tal-pajjiż li bagħat il-messaġġ (ISO-3166) |
| Stat tal-Bandiera | FS | O | Detall tal-messaġġ - Kodiċi Alfa-3 tal-pajjiż tal-bandiera (ISO-3166) |
| Tip ta' messaġġ | TM | O | Dettall tal-messaġġ - Tip ta' messaġġ (ENT, POS, EXI) |
| Kodiċi tas-sinjal tar-Radju (IRCS) | RC | O | Dettall tal-bastiment - Kodiċi internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (IRCS) |
| In-numru ta' referenza intern tal-Parti kontraenti | IR | F | Dettall tal-bastiment - Numru uniku tal-Kodiċi Alfa-3 tal-parti kontraenti (ISO-3166) segwit min-numru. |
| Numru tar-reġistrazzjoni esterna | XR | O | Dettall tal-bastiment - numru mwaħħal mal-ġenb tal-bastiment (ISO 8859.1) |
| Latitudni | LT | O | Dettall tal-pożizzjoni tal-bastiment - pożizzjoni fi gradi u gradi deċimali T/N DD.ddd (WGS84) |
| Lonġitudni | LG | O | Dettall tal-pożizzjoni tal-bastiment - pożizzjoni fi gradi u gradi deċimali L/P DD.ddd (WGS84) |
| Rotta | CO | O | Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360 grad |
| Veloċità | SP | O | Veloċità tal-bastimenti f'wieħed minn kull għaxar mili nawtiċi |
| Data | DA | O | Dettall tal-pożizzjoni tal-bastiment - data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni UTC (SSSSXXJJ) |
| Ħin | TI | O | Dettall tal-pożizzjoni tal-bastiment - ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni UTC (SSMM) |
| Tmiem ir-reġistrazzjoni | ER | O | Dettall tas-sistema li jindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni |

L-informazzjoni segwenti hija meħtieġa fiż-żmien tat-trażmissjoni sabiex tippermetti lis-CSCP Marokkin jidentifika s-CSCP emittenti:

— l-indirizz IP tas-server tas-CSCP u/jew ir-referenzi DNS,

— ċertifikat SSL (katina sħiħa tal-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni).

It-trażmissjoni tat-tagħrif għandha tkun strutturata kif ġej:

1. il-karattri utilizzati għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-ISO 8859.1,
2. linja mmejla doppja (//) u l-kodiċi "SR" jindikaw il-bidu tal-messaġġ,
3. kull element tad-dejta jiġi identifikat mill-kodiċi tiegħu u huwa sseparat mill-elementi l-oħra tad-dejta permezz ta' linja mmejla doppja (//),
4. linja mmejla waħda (/) tissepara l-kodiċi tal-qasam u d-dejta,
5. il-kodiċi "ER" segwit minn linja mmejla doppja (//) jindika tmiem il-messaġġ.
6. l-elementi tad-dejta fakultattivi għandhom jiddaħħlu bejn il-bidu u t-tmiem tal-messaġġ.

*Appendiċi 4*

**KOORDINATI TAŻ-ŻONI TAS-SAJD**

| Dokument tekniku | Kategorija | Żona tas-sajd (Latitudni) | Distanza mill-kosta |
|---|---|---|---|
| 1 | Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana: pelaġiku | 34°18′00″T— 35°48′00″T (estensjoni sa 33°25′00″T, b'konformità mal-kundizzjonijiet previsiti fid-dokument tekniku Nru°1) | Lil hinn minn 2 mili |
| 2 | Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana: Bil-konz | 34°18′00″T— 35°48′00″T (estensjoni sa 33°25′00″T, b'konformità mal-kundizzjonijiet previsiti fid-dokument tekniku Nru°2) | Lil hinn minn 6 mili |
| 3 | Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar | Fin-Nofsinhar ta' 30°40′00″ | Lil hinn minn 3 mili |
| 4 | Sajd tal-qiegħ (demersali) | Fin-Nofsinhar ta' 29°00′00″ | Bastimenti bil-konz: Lil hinn minn 12il-mil |
| | | | Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir: Lil hinn mill-isobath ta' 200 Metru |
| 5 | Sajd għat-tonn | L-Atlantiku kollu ħlief għall-perimetru bejn: 35°48′T; 6°20′P/33°30′T; 7°35′P | Lil hinn minn 3 mili u 3 mili għal-lixka |
| 6 | Sajd pelaġiku industrijali | Fin-Nofsinhar ta' 29°00′00″T | Lil hinn minn 15-il mil (bil-friża) |
| | | | Lil hinn minn 8 mili (bastimenti RSW) |

Qabel id-dħul fis-seħħ, id-Dipartiment se jikkomunika lill-Kummissjoni l-koordinati ġeografiċi tal-linja ta' bażi Marokkina, taż-żona tas-sajd Marokkina u taż-żoni li huma pprojbiti għan-navigazzjoni u għas-sajd. Id-Dipartiment se jikkomunika wkoll mill-anqas xahar minn qabel il-modifiki kollha li għandhom x'jaqsmu ma' dawn id-delimitazzjonijiet.

*Appendiċi 5*

**IL-KOORDINATI TAS-CSCP MAROKKIN**

Isem is-CSCP Marokkin CNSNP (Centre National de Surveillance des Navires de Pêche) (Ċentru Nazzjonali ta' Sorveljanza tal-Basitmenti tas-Sajd)

Tél. CNSNP: +212 5 37 68 81 45/46

Faks CNSNP: +212 5 37 68 83 29/82

Indirizz elettroniku CNSNP:

cnsnp@mpm.gov.ma

cnsnp.radio@mpm.gov.ma

Koordinati tal-istazzjoni tar-radju:

Kodiċi tar-radju: CNM

| Banda ta' frekwenzi | Frekwenza tal-emmissjonijiet tal-bastiment | Frekwenza tar-riċezzjoni tal-bastiment |
|---|---|---|
| 8 | 8 285 khz | 8 809 khz |
| 12 | 12 245 khz | 13 092 khz |
| 16 | 16 393 khz | 17 275 khz |

Indirizzi elettroniċi tal-individwi responsabbli mill-Protokoll tat-trażmissjoni tad-dejta tal-VMS:

boukhanfra@mpm.gov.ma

belhad@mpm.gov.ma

abida@mpm.gov.ma

*Appendiċi 6*

## ĠURNAL TA’ ABBORD TAL-ICCAT GĦAS-SAJD TAT-TONN

| | |
|---|---|
| ☐ | Bil-konz |
| ☐ | Lixka ħajja |
| ☐ | Tartarun idur |
| ☐ | Tkarkir |
| ☐ | Oħrajn |

| Isem il-bastiment: ........ | Tunnellaġġ gross: ........ | | Xahar | Jum | Sena | Port |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Pajjiż tal-bandiera: ........ | Kapaċità – (TM): ........ | TLUQ tal-bastiment: | | | | |
| Numru tar-reġistrazzjoni: ........ | Kaptan: ........ | | | | | |
| Sid il-bastiment: ........ | Għadd ta’ membri tal-ekwipaġġ: ........ | RITORN tal-bastiment: | | | | |
| Indirizz: ........ | Data tar-rapport: ........ | | | | | |
| | (Awtur tar-rapport): ........ | Għadd ta’ jiem fuq il-baħar: | | Għadd ta’ jiem ta’ sajd: / Għadd ta’ rimjiet: | | Nru. tas-sajda: |

| Data | | Settur | | Temperatura ta’ wiċċ il-baħar (°C) | Sforz tas-sajd Għadd ta’ snanar użati | Qabdiet | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | Lixka użata | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xahar | Jum | Latitudni T/N | Lonġitudni L/P | | | Tonn *Thunnus thynnus* jew *maccoyi* | | Tonna safra *Thunnus albacares* | | (Tonn oħxon għajnu kbira) *Thunnus obesus* | | (Alonga) *Thunnus alalunga* | | (Pixxispad) *Xiphias gladius* | | (Marlin) (Marlin abjad) *Tetraptunus audax* jew *albidus* | | (Marlin iswed) *Makaira indica* | | (Sailfish) *Istiophorus albicane* jew *platypterus* | | Palamit *Katsuwonus pelamis* | | (Qabdiet imħallta) | | Total tal-jum (piż f’kg biss) | | Kastardella | Klamari | Lixka ħajja | (Oħrajn) |
| | | | | | | Għadd | Piż kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | Għadd | kg | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| KWANTITAJIET IMĦATTA (FKG) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

1 – Uża paġna għal kull xahar u ringiela għal kull jum.
2 – Fi tmiem kull sajda, ibgħat kopja tal-ġurnal lill-korrispondenti tiegħek jew lill-ICCAT, Calle Corazón de María, 8, 28002 Madrid. Spanja
3 – “Jum” tfisser il-jum li fih jintrama l-konz.
4 – Is-settur tas-sajd jiddetermina l-pożizzjoni tal-bastiment. Qarreb il-minuti sal-eqreb minuta u nnota l-grad tal-latitudni u l-lonġitudni. Ara li tindika T/N (Tramuntana/Nofsinhar) u L/P (Lvant/Punent).
5 – L-aħħar ringiela (Kwantitajiet li ġew żbarkati) għandha timtela fi tmiem is-sajda. Irid jiġi indikat il-piż reali fil-mument tal-iżbark.
6 – L-informazzjoni kollha mniżżla hawn tibqa’ strettament kunfidenzjali..

*Appendiċi 7*

## ĠURNAL TA' ABBORD TAS-SAJD (MHUX TONN)

Il-format tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd li jikkorrispondi għall-attivitajiet li m'għandhomx x'jaqsmu mat-tonn se jkun stabbilit bi ftehim reċiproku qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

INTESTATURA Nru 1

Isem il-bastiment (1) ..........................................

Kodiċi tar-radju (2) ..........................................

Isem il-kaptan (3) ..........................................

Tluq minn (4) .......................................... Data (6) Jum |_|_| Xahar |_|_| Sena |_|_|_|_| Ħin |_|_|

Ritorn fi (5) .......................................... Data (6) Jum |_|_| Xahar |_|_| Sena |_|_|_|_| Ħin |_|_|

Tagħmir (7) Kodiċi tat-tagħmir (8) |_| Daqs tax-xibka (9) |_|_|_| Daqs tat-tagħmir (10) |_|_|_|

Firma tal-kaptan (11)

| INTESTATURA nru 2 | | | | INTESTATURA nru 3 Ħassar il-lista "A" jew "B" (skont liema ma tużax) | | | | | | | | | | | | | | | INTESTATURA nru 4 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Data (12) | Settur Statis-tiku (13) | Għadd ta' attivi-tajiet tas-sajd (14) | Ħin tas-sajd (sigħat) (15) | Stima tal-kwantitajiet li nqabdu minn kull speċi: (f'kilogrammi) (16) (jew kummenti jekk is-sajd jiġi mfixkel) | | | | | | | | | | | | | | | Piż Total tal-qabdiet (kg) (17) | Piż Total tal-ħut (kg) (18) | Piż total tas-smida tal-ħut (kg) (19) |
| | | | | Sawrell | Sardin | Sardinelli | Inċova | Kavalli | Ċinturini | Tonnijiet | Merluzz | Bażuga kaħlija | Klamari | Siċċ | Qarnit | Gambli | Awwista | Ħut ieħor | | | |
| | | | | Awwista B | Gambli | Astado | Carabi-neros | Gambli oħrajn | Alonga | Awwista roża | Krustaċji oħra | Petriċi | Merluzz | Ħut ieħor | Ċefalo-pidi varji | Frott il-baħar varji | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*Appendiċi 8*

**APP - MOROCCO**
**SENA - TRIMESTRU** [ ]

Dikjarazzjoni tal-Qabdiet (bastimenti pelaġiċi industrijali)

Isem il-bastiment [ ] Stat tal-bandiera [ ] Kategorija [ ]

**Qabdiet espressi f'Kilogrammi**

| **Xahar** | Sawrell | Sardin | Sardinelli | Inċova | Kavalli | Ċinturini | Tonnijiet | Merluz | Bażuga kaħlija | Klamari | Siċċ | Qarnit | Gambli | Awwista | Ħut ieħor | Piż totali tal-qabdiet | Piż totali tal ħut | Piż total tas-smida |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **(Kodiċi FAO)** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Jannar | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Frar | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Marzu | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| April | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Mejju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġunju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Lulju | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Awissu | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Settembru | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ottubru | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Novembru | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Diċembru | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Subtotali żbarkat fil-Marokk** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*Appendiċi 9*

**APP - MAROKK**
**SENA - TRIMESTRU**

Dikjarazzjoni tal-Qabdiet (bastimenti ghajr dawk pelaġiċi industrijali jew tat-tonn)

Isem il-bastiment | Stat tal-bandiera | Kategorija

**Qabdiet espressi f'Kilogrammi**

| **Xahar** | Awwista | Gamblu roża tal-Mediterran | Gamblu blistrixxi | Gamblu aħmar | Gambli oħra | Alonga | Awwista roża | Krustaċji oħra | Petriċi | Merluzz | Ħut ieħor | Ċefalopidi varji | Frott il-baħar varji | Piż totali tal-qabdiet | Piż totali tal-ħut | Piż totali tas-smida |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **(KODIĊI FAO)** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Jannar | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Frar | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Marzu | | | | | | | | | | | | | | | | |
| April | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Mejju | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ġunju | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Lulju | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Awissu | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Settembru | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ottubru | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Novembru | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Diċembru | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Subtotali żbarkat fil-Marokk** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | | | | | | | | | | | | | | | |

*Appendiċi 10*

**DETTALJI TAL-ISTAZZJONI TAR-RADJU TAD-DIPARTIMENT TAS-SAJD MARITTIMU FIL-MAROKK**

| | |
|---|---|
| MMSI: | 242 069 000 |
| Kodiċi tar-radju: | CNM |
| Post: | Rabat |
| Medda ta' frekwenza: | 1,6 sa 30 mHz |
| Klassi ta' trażmissjoni: | SSB-AIA-J2B |
| Qawwa tat-trażmissjoni: | 800 W |

Frekwenzi mħaddma

| Banda ta' Frekwenzi | Kanali | Trażmissjoni | Riċevitur |
|---|---|---|---|
| Frekwenza 8 | 831 | 8 285 kHz | 8 809 kHz |
| Frekwenza 12 | 1206 | 12 245 kHz | 13 092 kHz |
| Frekwenza 16 | 1612 | 16 393 kHz | 17 275 kHz |

Ħinijiet ta' ħidma tal-istazzjoni

| Perjodu | Ħinijiet |
|---|---|
| Jiem ta' xogħol | mit-08:30 sal-16:30 |
| Is-Sibt, il-Ħadd u festi pubbliċi | mid-09:30 sas-14:00 |

| | | |
|---|---|---|
| VHF: | Kanal 16 | Kanal 70 ASN |
| Teleks radju: | | |
| | Tip: | DP-5 |
| | Klassi ta' trażmissjoni: | ARQ-FEC |
| | Numru: | 31356 |
| Faks: | | |
| | Numri: | 212 5 37 68 8329 |

*Appendiċi 11*

**PROTOKOLL GĦALL-ĠESTJONI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAS-SISTEMA ELETTRONIKA GĦALL-KOMUNIKAZZJONI TA' DEJTA DWAR L-ATTIVITÀ TAS-SAJD (SISTEMA ERS)**

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

1. Kull bastiment tas-sajd tal-UE għandu jkun mgħammar b'sistema elettronika, minn hawn 'il quddiem imsejħa "sistema ERS", li tkun kapaċi tirreġistra u tittrażmetti dejta relatata mal-attività tas-sajd tal-bastiment, minn hawn 'il quddiem imsejħa "dejta ERS", waqt li l-bastiment ikun qed jopera fiż-żona tas-sajd Marokkina.

2. Bastiment tal-UE li ma jkunx mgħammar b'sistema ERS, jew li s-sistema ERS tiegħu ma tkunx qed taħdem, mhuwiex awtorizzat jidħol fiż-żona tas-sajd Marokkina biex iwettaq attivitajiet tas-sajd fiha.

3. Id-dejta ERS tiġi trażmessa b'konformità mal-proċeduri tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment fiċ-Ċentru ta' Sorveljanza u ta' Kontroll tas-Sajd (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "CSCP") tal-Istat tal-bandiera.

4. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera għandu jittrażmetti awtomatikament u mingħajr dewmien il-messaġġi ta' natura instantanja (COE, COX, PNO) mill-bastiment lis-CSCP Marokkin. Id-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet ta' kuljum (FAR) għandhom ikunu disponibbli awtomatikament u mingħajr dewmien lis-CSCP Marokkin.

5. L-Istat tal-bandiera u l-Marokk għandhom jiżguraw li s-CSCP tagħhom għandhom it-tagħmir u s-softwer tal-informatika meħtieġ biex isseħħ it-trażmissjoni awtomatika tad-dejta ERS fil-format XML disponibbli fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni Ewropea, u li għandhom proċedura ta' salvagwardja kapaċi li tirreġistra u taħżen id-dejta ERS f'forma li tinqara minn kompjuter għal perjodu ta' mhux anqas minn 3 snin.

6. Kull modifika jew aġġornament ta' dan il-format għandu jkun identifikat u datat, u għandu jsir operattiv sitt xhur wara li jiġi applikat.

7. It-trażmissjoni tad-dejta ERS għandha tuża l-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni mmaniġġjati mill-Kummissjoni Ewropea f'isem l-UE, identifikati bħala DEH ('Data Exchange Highway').

8. L-Istat tal-bandiera u l-Marokk għandhom jagħżlu korrispondent ERS kull wieħed li jkun il-punt ta' kuntatt.

9. Il-korrispondenti ERS għandhom jintgħażlu għal perjodu minimu ta' sitt xhur.

10. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera u tal-Marokk għandhom jikkomunikaw il-koordinati (ismijiet, indirizz, telefown, teleks, posta elettronika) tal-korrispondent tal-ERS tagħha malli s-sistema ERS tibda taħdem. Kull modifika fil-koordinati tal-korrispondent ERS għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien.

***Stabbiliment u komunikazzjoni tad-dejta ERS***

11. Il-bastiment tas-sajd tal-UE għandu:

(a) ta' kuljum jistabbilixxi d-dejta ERS għal kull jum li jagħmel fiż-żona tas-sajd Marokkina;

(b) jirreġistra għal kull qabda bit-tartarun jew ġibda tax-xbieki tat-tkarkir, jew bil-konz, il-kwantitajiet ta' kull speċi maqbuda jew miżmuma abbord bħala l-ispeċi fil-mira kif ukoll jekk tkun parti mill-qbid inċidentali, jew skartata;

(c) għal kull speċi identifikata fl-awtorizzazzjoni għas-sajd maħruġa mill-Marokk, jiddikjara wkoll meta ma jinqabad xejn;

(d) jidentifika kull speċi bl-użu tal-kodiċi alpha 3 tal-FAO;

(e) jesprimi l-kwantitajiet f'kilogrammi ta' piż ħaj, jew jekk ikun meħtieġ, f'għadd ta' ħut individwali;

(f) jirreġistra d-dejta ERS, għal kull speċi, il-kwantitajiet li ġew ittrasbordati u/jew żbarkati;

(g) fid-dejta ERS jirreġistra, waqt kull dħul (COE) u ħruġ (COX) miż-żona tas-sajd Marokkina, messaġġ speċifiku li jkun fih, għal kull speċi identifikata fl-awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa mill-Marokk, il-kwantitajiet li jkunu qed jinżammu abbord fil-mument ta' kull dħul/ħruġ;

(h) ta' kuljum jittrażmetti d-dejta ERS lis-CSCP tal-Istat tal-bandiera, b'mod elettroniku u fil-format XML previst fil-paragrafu 5 mhux aktar tard mill-23:59 UTC.

12. Il-kaptan huwa responsabbli għall-preċiżjoni tad-dejta ERS irreġistrata u trażmessa.

13. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera għandu awtomatikament u fil-pront jipprovdi lis-CSCP tal-Marokk bid-dejta ERS f'format XML previst fil-paragrafu 5.

14. Is-CSCP tal-Marokk għandu jikkonferma l-wasla tal-messaġġi kollha ERS permezz ta' messaġġ ta' ritorn (RET).

15. Is-CSCP tal-Marokk għandu jitratta d-dejta ERS b'mod kunfidenzjali.

***Nuqqas fis-sistema ERS abbord bastiment, u/jew fit-trażmissjoni tad-dejta ERS bejn il-bastiment u c-CSCP tal-Istat tal-bandiera***

16. L-Istat tal-bandiera għandu jinforma mingħajr dewmien lill-kaptan u/jew lil sid il-bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, jew lir-rappreżentant tiegħu, b'kull nuqqas tekniku tas-sistema ERS installata abbord bastiment jew b'nuqqas fil-funzjonament tat-trażmissjoni tad-dejta ERS bejn bastiment u s-CSCP tal-Istat tal-bandiera.

17. L-Istat tal-bandiera għandu jinforma lill-Marokk bin-nuqqas skopert u bil-miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu.

18. F'każ ta' ħsara tas-sistema ERS abbord il-bastiment, il-kaptan u/jew is-sid għandhom jiżguraw li l-ħsara titranġa jew li s-sistema ERS tinbidel f'mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol. Jekk il-bastiment jagħmel waqfa f'port fi ħdan dawk l-10 ijiem, huwa jista' jkompli biss bl-attivitajiet tas-sajd tiegħu fiż-żona tas-sajd Marokkina ladarba s-sistema ERS tiegħu tkun fi stat perfett ta' funzjonament, għajr jekk il-Marokk jawtorizzah mod ieħor.

19. Wara nuqqas tekniku fis-sistema ERS tiegħu, bastiment tas-sajd jista' jitlaq mill-port biss meta:

(a) is-sistema tkun għal darb'oħra operazzjonali, b'mod li jitqies sodisfaċenti għall-Istat tal-bandiera, jew

(b) qabel, jekk jirċievi l-awtorizzazzjoni mill-Istat tal-bandiera. Fil-każ tal-aħħar, l-Istat tal-bandiera għandu jinforma lill-Marokk bid-deċiżjoni tiegħu qabel it-tluq tal-bastiment.

20. Il-bastimenti kollha tal-UE li joperaw fiż-żona tas-sajd Marokkina b'sistema ERS difettuża għandhom jittrażmettu ta' kuljum u mhux aktar tard mill-23:59 UTC id-dejta ERS lis-CSCP tal-Istat tal-bandiera bi kwalunkwe mezz elettroniku ieħor ta' komunikazzjoni disponibbli.

21. Id-dejta ERS li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 11 li ma kinitx disponibbli għall-Marokk minħabba nuqqas tekniku, għandha tiġi trażmessa mis-CSCP tal-Istat tal-bandiera lis-CSCP tal-Marokk b'forma elettronika alternattiva miftiehma b'mod reċiproku. Din it-trażmissjoni alternattiva għandha titqies bħala prijoritarja, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-iskadenzi normalment applikabbli għat-trażmissjoni jistgħu ma jiġux rispettati.

22. Jekk is-CSCP tal-Marokk ma jirċevix id-dejta ERS mingħand bastiment matul 3 ijiem konsekuttivi, il-Marokk jista' joħroġ struzzjonijiet lill-bastiment biex imur immedjatament f'port magħżul mill-Marokk għal investigazzjoni.

***Nuqqas tas-CSCP - Nuqqas ta' wasla tad-dejta ERS għand is-CSCP Marokkin***

23. Jekk CSCP ma jirċevix dejta ERS, il-korrispondent tal-ERS tiegħu għandu jinforma lill-korrispondent tal-ERS tas-CSCP l-ieħor mingħajr dewmien u, jekk ikun meħtieġ, jikkoopera sakemm ikun hemm bżonn biex tissolva l-problema.

24. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera u s-CSCP tal-Marokk għandhom jaqblu b'mod reċiproku dwar mezzi ta' komunikazzjoni alternattivi li għandhom jintużaw sabiex tiġi trażmessa d-dejta ERS f'każ ta' nuqqas ta' CSCP, u għandhom jinfurmaw lil xulxin minnufih b'kull modifika.

25. Jekk is-CSCP tal-Marokk jirrapporta li d-dejta ERS ma tkunx waslet, is-CSCP tal-Istat tal-bandiera għandu jidentifika l-kawżi tal-problema u jieħu l-miżuri xierqa sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema. Is-CSCP tal-Istat tal-bandiera jinforma lis-CSCP tal-Marokk u lill-UE bir-riżultati tal-analiżi tiegħu u bil-miżuri mittieħda fi ħdan 24 siegħa.

26. Jekk ikun hemm bżonn ta' iktar minn 24 siegħa biex tinstab soluzzjoni għall-problema, is-CSCP tal-Istat tal-bandiera għandu jittrażmetti mingħajr dewmien id-dejta ERS li tkun nieqsa lis-CSCP tal-Marokk bl-użu ta' wieħed mill-mezzi elettroniċi alternattivi previsti fil-punt 24.

27. Il-Marokk għandu jinforma lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-UE ma jkunux meqjusa li qed iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dejta ERS ikkawżat min-nuqqas ta' CSCP.

***Manutenzjoni ta' CSCP***

28. L-operazzjonijiet ta' manutenzjoni ppjanifikati ta' CSCP (programmi ta' manutenzjoni) u li probabbli jaffettwaw l-iskambju tad-dejta ERS għandhom jiġu nnotifikati lis-CSCP l-ieħor mhux inqas minn 72 siegħa qabel, b'indikazzjoni, jekk dan ikun possibbli, tad-data u t-tul ta' żmien tal-manutenzjoni. L-informazzjoni, għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni mhux ippjanati, għandha tintbagħat mill-iktar fis possibbli lis-CSCP l-ieħor.

29. Matul l-operazzjoni ta' manutenzjoni, id-disponibbiltà tad-dejta ERS tista' titpoġġa fi stat ta' stennija sakemm is-sistema tiġi operattiva mill-ġdid. Imbagħad, id-dejta ERS ikkonċernata terġa' titpoġġa għad-dispożizzjoni immedjatament wara t-tmiem tal-operazzjoni ta' manutenzjoni.

30. Jekk l-operazzjoni ta' manutenzjoni ddum iktar minn 24 siegħa, id-dejta ERS għandha tiġi trażmessa lis-CSCP l-ieħor b'wieħed mill-mezzi elettroniċi alternattivi prevvisti fil-punt 24.

31. Il-Marokk għandu jinforma lis-servizzi ta' kontroll kompetenti tiegħu sabiex il-bastimenti tal-UE ma jkunux meqjusa li qed iwettqu ksur minħabba n-nuqqas ta' trażmissjoni tad-dejta ERS ikkawżat min-nuqqas ta' CSCP.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1270/2013

## tal-15 ta' Novembru 2013

## dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk ([1]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") billi adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 ([2]).

(2) L-Unjoni nnegozjat mar-Renju tal-Marokk protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jipprovdi lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li fuqhom ir-Renju tal-Marokk jeżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu fir-rigward tas-sajd. Il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fl-24 ta' Lulju 2013.

(3) Fil-15 ta' Novembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/1270/UE ([3]) dwar l-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid.

(4) Il-mod li bih issir l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-Protokoll il-ġdid.

(5) F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([4]), f'każ li l-għadd tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jew l-ammont ta' opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Unjoni taħt il-Protokoll il-ġdid ma jkunux użati totalment, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. In-nuqqas ta' tweġiba sal-iskadenza li għandha tiġi ffissata mill-Kunsill għandu jiġi kkunsidrat bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhumiex qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perijodu stabbilit. Dik l-iskadenza għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

(6) Dan ir-Regolament huwa meħtieġ li japplika mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll il-ġdid.

(7) Fid-dawl tal-urġenza tad-dossier, jeħtieġ li jsir provvediment għal eċċezzjoni mill-iskadenza ta' tmien ġimgħat prevista taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unioni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti taħt il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom ikunu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

| Kategorija ta' sajd | Tip ta' bastiment | Stat Membru | Liċenzji jew kwota |
|---|---|---|---|
| Sajd pelaġiku fuq skala żgħira fit-Tramuntana | Bastimenti bit-tartarun < 100 TG | Spanja | 20 |
| Sajd fuq skala żgħira fit-Tramuntana | bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ, < 40 TG | Spanja | 25 |
| | | Portugall | 7 |
| | bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ, > 40 TG < 150 TG | Portugall | 3 |

([1]) ĠU L 141, 29.5.2006, p. 4 (Verżjoni MT: ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 134).
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1; verżjoni MT: ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 131).
([3]) Ara paġna 40 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

| Kategorija ta' sajd | Tip ta' bastiment | Stat Membru | Liċenzji jew kwota |
|---|---|---|---|
| Sajd fuq skala żgħira fin-Nofsinhar | Xlief u qasab < 80 TG | Spanja | 10 |
| Sajd tal-qiegħ (demersali) | bastimenti tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ | Spanja | 7 |
| | | Portugall | 4 |
| | bastimenti tat-tkarkir | Spanja | 5 |
| | | Italja | 0 |
| Sajd għat-tonn | bil-qasab | Spanja | 23 |
| | | Franza | 4 |
| Pelaġiku industrijali | 80 000 tunnellata kull sena<br>b'massimu ta' 10 000 tunellata kull xahar għall-flotta sħiħa,<br>ħlief għax-xhur minn Awwissu sa Ottubru fejn il-limitu ta' kull xahar tal-qabidet jiġi miżjud għal 15 000-il tunnellata<br>Distribuzzjoni tal-bastimenti li huma awtorizzati għas-sajd:<br>10 bastimenti b'tunnellaġġ superjuri għal 3 000 TG<br>3 bastimenti b'tunnellaġġ bejn il-150 u t-3 000 TG<br>5 bastimenti b'tunnellaġġ inferjuri għal 150 TG | Ġermanja | 6 467 t |
| | | Litwanja | 20 693 t |
| | | Latvja | 11 640 t |
| | | Il-Pajjiżi l-Baxxi | 24 567 t |
| | | Irlanda | 2 917 t |
| | | Polonja | 4 525 t |
| | | Renju Unit | 4 525 t |
| | | Spanja | 467 t |
| | | Portugall | 1 555 t |
| | | Franza | 2 644 t |

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 japplika mingħajr preġudizzju għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

3. Jekk it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprux l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tqis it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd magħmula minn kwalunkwe Stat Membru ieħor taħt l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

4. L-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawlhom, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tinformahom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex eżawriti kollha.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. ŠADŽIUS

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1271/2013

## tat-30 ta' Settembru 2013

## dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 208 tiegħu,

Billi:

(1) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ([2]) dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet kien ibbażat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]). ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ġie sostitwit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Huwa għalhekk neċessarju li jkun rivedut ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. Fl-interessi taċ-ċarezza, huwa neċessarju li r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ikun sostitwit.

(2) Huwa meħtieġ li titqies id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012.

(3) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jeħtieġ li jiġu riveduti sabiex iqisu l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom.

(4) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi prinċipji wiesgħa u regoli bażiċi applikabbli għall-korpi mwaqqfa skont it-TFUE u t-Trattat tal-Euratom (minn hawn' il quddiem "korpi tal-Unjoni") li jirċievu kontribuzzjonijiet li jitħallsu mill-baġit u mingħajr ħsara għall-att kostitwenti. Fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament korpi tal-Unjoni għandhom jadottaw ir-regoli finanzjarji tagħhom stess li ma jistgħux ivarjaw mir-Regolament għajr meta l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jirrikjedu dan u bil-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni.

(5) Madankollu korpi tal–Unjoni li kompletament jiffinanzjaw lilhom infushom, li għalihom dan ir-Regolament ma japplikax, għal raġunijiet ta' konsistenza għandhom jistabbilixxu regoli simili fejn xieraq. F'konformità mal-istqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2012, dawk il-korpi għandhom jippreżentaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħhom u jqisu kif jixraq it-talbiet tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet.

(6) Korpi tal-Unjoni għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw il-baġit tagħhom skont il-ħames prinċipji fundamentali tal-liġi baġitarja - unità, akkuratezza, universalità, speċifikazzjoni u annwalità, u l-prinċipji ta' ekwilibriju, unità tal-kontijiet, ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza.

(7) In-natura ta' ibbilanċjar tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha tkun enfasizzata. Il-parti tar-riżultat baġitarju pożittiv tal-korp tal-Unjoni li jaqbeż l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mħallas matul is-sena għandu jkun rrotarnat lil baġit tal-Unjoni.

(8) Fejn l-att kostitwenti jistipula li d-dħul huwa kostitwit minn tariffi jew imposti b'żieda mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni u li d-dħul li jirriżulta minn tariffi u imposti jkun assenjat għal punti partikolari ta' nefqa, korpi tal-Unjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu l-bilanċ fil-forma ta' dħul assenjat.

(9) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat illi t-tariffi huma stabbiliti f'livell xieraq biex ikopru l-kostijiet tal-forniment tas-servizzi u biex jevitaw surpluses sinifikanti.

(10) Id-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil korpi tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi ġustifikata kif dovut mill-karatteristiċi tal-kompiti u l-għarfien espert speċifiku tal-korp tal-Unjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba u l-kosteffiċjenza. Il-kompiti ddelegati għandhom ikunu kompatibbli mal-att kostitwenti.

(11) Il-korpi tal-Unjoni għandhom jitħallew jirċievu għotjiet *ad hoc* biss jekk dan ikun ipprovdut espressament fl-atti bażiċi relevanti u awtorizzati fl-att kostitwenti.

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

(12) Skont l-Artikolu 50 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-korp tal-Unjoni għandu jieħu sehem f'eżerċizzju ta' benchmarking ma' korpi u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni.

(13) Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli dwar il-pjan ta' azzjoni biex isir segwitu tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet perjodiċi ġenerali sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tagħhom.

(14) Sabiex jiġi żgurat programmar konsistenti, il-korp tal-Unjoni għandu jfassal dokument li jkun fih l-ipprogrammar annwali u pluriennali li jqis il-gwida tal-Kummissjoni.

(15) Il-korp tal-Unjoni għandu jallinja l-iskeda ta' programmar annwali u pluriennali mal-proċedura baġitarja biex jiżgura l-effiċjenza tagħha u l-konsistenza tad-dokumenti kollha tal-ipprogrammar.

(16) Huwa neċessarju li tkun iċċarata l-arkitettura attwali tal-awditjar intern u tal-funzjonijiet ta' kontroll intern u li jkunu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar. Il-funzjoni tal-awditjar intern fil-korp tal-Unjoni għandha titwettaq mill-awditur intern tal-Kummissjoni li għandu jwettaq awditi meta dawn ikunu iġġustifikati mir-riskji involuti. Huwa neċessarju li jkunu pprovduti regoli dwar l-istabbiliment u l-funzjonament tal-kapaċitajiet tal-awditjar intern.

(17) L-obbligi ta' rappurtar għandhom jiġu razzjonalizzati. Korpi tal-Unjoni għandhom jipprovdu r-rapport annwali tal-attività kkonsolidat li jinkludi informazzjoni komprensiva dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħhom, il-baġit, il-pjan ta' politika tal-persunal, il-ġestjoni tiegħu u s-sistemi interni ta' kontroll.

(18) Sabiex titjieb il-kostefficjenza ta' korpi tal-Unjoni, huwa neċessarju li tkun prevista l-possibbiltà ta' kondiviżjoni tas-servizzi jew it-trasferment tagħhom lil korp ieħor tal-Unjoni jew lill-Kummissjoni. B'mod partikolari l-kosteffiċjenza tista' tittejjeb billi l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni ikun jista' jkun fdat bil-kompiti kollha tal-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni, jew parti minnhom.

(19) Kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-possibbiltà biex tikkategorizza impenji mifruxa fuq għadd ta' snin f'porzjonijiet annwali għandha tkun permessa biss fejn l-att kostitwenti jew l-att bażiku jipprovdu għal dan jew fejn ikunu relatati man-nefqa amministrattiva

(20) Sabiex jallinjaw ir-regoli dwar id-dħul assenjat ma' dawk tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 huwa neċessarju li jsiru provvedimenti għal regoli fuq divrenzjar tad-dħul assenjat (intern u estern) kif ukoll dwar ir-riport tagħhom.

(21) Sabiex jiġu allinjati r-regoli dwar it-trattament tal-imgħax iġġenerat mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn l-korp tal-Unjoni ma' dawk tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, huwa neċessarju li jkun provdut li l-imgħax ma jkunx dovut lill-baġit.

(22) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jipprovdi għal possibbiltà li jiddaħħal impenn legali qabel impenn baġitarju f'każijiet speċifiċi. Korpi tal-Unjoni għandu jkollhom ukoll dik il-possibbiltà.

(23) Sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-akkwisti u l-għotjiet ma għandhomx ikunu permessi. L-applikazzjoni ta' sett wieħed ta' regoli tiżgura simplifikazzjoni tal-ħidma tal-korp tal-Unjoni u tippermetti l-użu tal-linji gwida u l-mudelli mħejjija mill-Kummissjoni.

(24) Il-possibilità li jingħataw premji mill-korp tal-Unjoni għandha tkun introdotta sabiex ikunu allinjati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

(25) Biex jidentifikaw u jreġu b'mod korrett ir-riskju ta' kunflitt ta' interess reali jew perċepiti, korpi tal-Unjoni għandhom ikunu meħtieġa jadottaw regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interessi. Dawn ir-regoli għandhom iqisu l-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni wara d-dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2012.

(26) Id-dispożizzjonijiet dwar il-politika tal-bini, inkluża l-introduzzjoni tal-possibilità u l-kundizzjonijiet li jippermettu lil korpi tal-Unjoni jiksbu self, għandhom ikunu allinjati mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 li jiżgura applikazzjoni konsistenti tar-regoli li għadhom kemm ġew introdotti mill-korpi u l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni.

(27) Huwa meħtieġ li jsir provvediment għal dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-programmar u r-rappurtar minħabba li l-Kummissjoni għandha bżonn iż-żmien biex tiżviluppa l-linji gwida xierqa b'kooperazzjoni mal-korpi tal-Unjoni,

(28) Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex tkun tista' ssir l-adozzjoni f'waqtha tar-regolamenti finanzjarji riveduti tal-korpi tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sabiex tiżgura regoli koerenti tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli finanzjarji essenzjali li fuqhom korp tal-Unjoni għandu jadotta r-regoli finanzjarji tiegħu. Ir-regoli finanzjarji tal-korpi tal-Unjoni ma jmorrux lil hinn mir-regolament finanzjarju ta' qafas għajr meta l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jirrikjedu dan u bil-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "att kostitwenti" tfisser l-istrument tal-liġi tal-Unjoni li jirregola l-aspetti ewlenin tat-twaqqif u t-tħaddim tal-korp tal-Unjoni;

— "baġit tal-korp tal-Unjoni" tfisser l-istrument li, għal kull sena finanzjarja, ibassar u jawtorizza d-dħul u n-nefqa kollha meqjusa neċessarji għall-korp tal-Unjoni;

— "korp tal-Unjoni" tfisser kull korp imsemmi fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

— "bord ta' ġestjoni" tfisser il-korp intern prinċipali tal-korp tal-Unjoni li huwa responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet finanzjarji u baġitarji, irrispettivament mill-isem li ngħata fl-att kostitwenti;

— "direttur" tfisser il-persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-bord ta' ġestjoni u l-baġit tal-korp tal-Unjoni bħala uffiċjal awtorizzanti, irrispettivament mit-titolu mogħti lil dik il-persuna fl-att kostitwenti;

— "il-bord eżekuttiv" tfisser il-korp intern tal-korp tal-Unjoni li jassisti lill-bord ta' ġestjoni u li r-responsabbiltajiet tiegħu u r-regoli tal-proċeduri huma stabbiliti fl-att kostitwenti.

*Artikolu 3*

**Perjodi, dati u limiti ta' żmien**

Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill [1] japplika għall-iskadenzi stabbiliti b'dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Protezzjoni ta' dejta personali**

Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għar-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] u tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. [3]

*Artikolu 5*

**Rispett għall-prinċipji baġitarji**

Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun stabbilit u implimentat f'konformità mal-prinċipji tal-unità, l-akkuratezza baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba li titlob kontroll intern effettiv u effiċjenti, u t-trasparenza kif imniżżel f'dan ir-Regolament.

[1] Ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

[2] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u rigward il-moviment ħieles ta' din id-dejta (ĠU L 8, tat-12.1.2001, p. 1).

TITOLU II

**PRINĊIPJI BAĠITARJI**

*KAPITOLU 1*

***Prinċipji tal-unità u l-akkuratezza tal-baġit***

*Artikolu 6*

**Ambitu tal-baġit tal-korp tal-Unjoni**

1. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jinkludi:

(a) id-dħul proprju ġej minn tariffi u imposti li l-korp tal-Unjoni huwa awtorizzat jiġbor bis-saħħa tal-kompiti fdati lilu, u kwalunkwe dħul ieħor;

(b) dħul magħmul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri ospitanti;

(c) kontribuzzjoni mogħtija mill-Unjoni;

(d) dħul assenjat għal partiti speċifiċi tan-nefqa skont l-Artikolu 23(1);

(e) in-nefqa tal-korp tal-Unjoni, inkluż in-nefqa amministrattiva.

2. Id-dħul li jikkonsisti minn tariffi u imposti jiġu assenjati biss f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati previsti fl-att kostitwenti.

3. Meta waħda jew bosta mill-atti kostitwenti jipprovdu li kompiti definiti b'mod ċar huma ffinanzjati separatament jew meta korp tal-Unjoni jimplimenta kompiti fdati lilu minn ftehim ta' delega, huwa jżomm kontijiet separati, dwar l-operazzjonijiet ta' dħul u nefqa. Il-korp tal-Unjoni jidentifika b'mod ċar kull grupp ta' kompiti fl-ipprogrammar tar-riżorsi umani inkluż fid-dokument ta' programmar annwali u pluriennali msemmi fl-Artikolu 32.

*Artikolu 7*

**Għotjiet *ad hoc***

1. Korpi tal-Unjoni *ad hoc* ma jistgħux jirċievu għotjiet mill-baġit sakemm ma jkunux awtorizzati fl-att kostitwenti u espressament previsti mill-att bażiku.

2. Fejn l-korp tal-Unjoni jkun ġie awtorizzat li jirċievi għotjiet *ad hoc* il-kompiti ffinanzjati permezz ta' dawn l-għotjiet ikunu inklużi fil-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 32(3).

*Artikolu 8*

**Ftehimiet ta' delega**

1. Il-korp tal-Unjoni ma jkunx fdat il-kompiti għall-implimentazzjoni tal-baġit mill-Kummissjoni ħlief jekk dan ikun debitament iġġustifikat min-natura speċjali tal-azzjoni u l-għarfien espert speċifiku tal-korp tal-Unjoni.

2. L-għażla tal-korp tal-Unjoni tqis debitament dan li ġej:

(a) il-kosteffiċjenza f'li jkunu afdati dawk il-kompiti;

(b) l-impatt fuq l-istruttura ta' governanza tal-entità u dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha.

3. Fejn il-Kummissjoni eċċezzjonalment tafda kompiti f'idejn l-korp tal-Unjoni:

(a) l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 japplika għall-korp tal-Unjoni fir-rigward ta' fondi allokati għal dawk il-kompiti u l-Artikoli 108 u 109 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx;

(b) il-kompiti fdati għandhom ikunu msemmija fil-programm ta' ħidma annwali tal-korp tal-Unjoni, msemmi fl-Artikolu 32(3), għall-finijiet ta' informazzjoni biss.

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2, l-uffiċjal awtorizzanti jikkonsulta mal-bord ta' ġestjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' delega.

*Artikolu 9*

**Regoli speċifiċi dwar il-prinċipji tal-unità u l-akkuratezza baġitarja**

1. L-ebda dħul ma jinġabar u l-ebda nefqa ma ssir sakem ma jkunux marbuta ma' linja fil-baġit tal-korp tal-Unjoni.

2. L-ebda nefqa ma tista' tkun impenjata jew awtorizzata lil hinn mill-appropjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-korp tal-Unjoni.

3. Approprjazzjoni tista' tkun imdaħħla fil-baġit tal-korp tal-Unjoni biss jekk din tkun għal element ta' nefqa meqjus bħala neċessarju.

4. L-imgħaxijiet iġġenerati mill-pagament ta' prefinanzjament li jkun sar mill-baġit tal-korp tal-Unjoni ma jkunx dovut lill-korp tal-Unjoni.

*KAPITOLU 2*

***Prinċipju tal-annwalità***

*Artikolu 10*

**Definizzjoni**

L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-korp tal-Unjoni jkunu awtorizzati għal sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

*Artikolu 11*

**Tip ta' approprjazzjonijiet**

1. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun fih approprjazzjonijiet mhux differenzjati u, fejn ġustifikat mill-ħtiġiet operazzjonali, approprjazzjonijiet differenzjati. Approprjazzjonijiet differenzjati jikkonsistu f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

2. L-approprjazzjonijiet ta' impenn ikopru l-kost totali tal-impenji legali assunti matul is-sena finanzjarja.

3. L-approprjazzjonijiet ta' pagament ikopru l-pagamenti magħmula biex jonoraw l-impenji legali li jsiru matul is-sena finanzjarja jew is-snin finanzjarji preċedenti.

*Artikolu 12*

**Kontabilità għad-dħul u għall-approprjazzjonijiet**

1. Id-dħul tal-korp tal-Unjoni msemmi fl-Artikolu 6 jiddaħħal fil-kontijiet tas-sena finanzjarja skont l-ammonti miġbura matul dik is-sena finanzjarja.

2. Id-dħul tal-korp tal-Unjoni jwassal għal ammont ekwivalenti ta' appropjazzjonijiet ta' pagament.

3. L-approprjazzjonijiet awtorizzati għal sena finanzjarja jintużaw biss biex ikopru n-nefqa impenjata u mħallsa f'dik is-sena finanzjarja u biex ikopru ammonti dovuti kontra impenji minn snin finanzjarji preċedenti.

4. L-impenji jkunu rreġistrati fil-kontijiet fuq il-bażi tal-impenji legali li jsiru sal-31 ta' Diċembru.

5. Il-pagamenti jkunu rreġistrati fil-kontijiet għal sena finanzjarja fuq il-bażi tal-pagamenti affettwati mill-uffiċjal tal-kontabilità sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

*Artikolu 13*

**Impenn tal-approprjazzjonijiet**

L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-korp tal-Unjoni jistgħu jkunu impenjati b'effett mill-1 ta' Jannar, ladarba l-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun ġie adottat b'mod definittiv.

*Artikolu 14*

**Tħassir u riport tal-approprjazzjonijiet**

1. Approprjazzjonijiet li ma jkunux ġew użati sat-tmiem tas-sena finanzjarja li għaliha jkunu rreġistrati jkunu kkanċellati. Madankollu, dawn jistgħu jiġu riportati, iżda biss għas-sena finanzjarja segwenti, b'deċiżjoni meħuda sal-15 ta' Frar mill-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, mill-bord eżekuttiv f'konformità mal-paragrafi 3 u 4 jew jistgħu jiġu riportati awtomatikament f'konformità mal-paragrafu 5.

2. L-approprjazzjonijiet li jirrigwardaw in-nefqa relatata mal-persunal ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

3. Approprjazzjonijiet ta' impenn differenzjati u approprjazzjonijiet mhux differenzjati li ma jkunux ġew impenjati fl-għeluq tas-sena finanzjarja jistgħu jiġu riportati fir-rigward ta':

(a) ammonti li jikkorrispondu mal-approprjazzjonijiet ta' impenn;

(b) ammonti li jikkorrispondu għal approprjazzjonijiet mhux differenzjati relatati ma' proġetti ta' bini li dwarhom il-parti l-kbira tal-istadji preparatorji għall-proċedura tal-impenn ikunu tlestew sal-31 ta' Diċembru. L-istadju ta' tħejjija tal-proċedura ta' impenn ikun speċifikat fir-regoli li jimplimentaw ir-Regolament Finanzjarju ta' kull korp tal-Unjoni.

Tali ammonti jistgħu jkunu impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara, jew sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara għal ammonti relatati ma' proġetti ta' bini;

4. Approprjazzjonijiet ta' pagament jistgħu jiġu riportati fir-rigward ta' ammonti meħtieġa biex ikopru impenji eżistenti jew impenji marbuta ma' approprjazzjonijiet ta' impenn riportati, meta l-approprjazzjonijiet ta' pagament li hemm provvediment dwarhom fil-linji tal-baġiti relevanti għas-sena finanazjarja segwenti ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet.

Il-korp tal-Unjoni kkonċernat l-ewwel juża l-approprjazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u ma jużax mill-approprjazzjonijiet li jiġu riportati sakemm dawk preċedenti ma jkunux eżawriti.

5. Approprjazzjonijiet mhux differenzjati li jkunu jikkorrispondu għall-obbligi kkuntrattati kif suppost sat-tmiem tas-sena finanzjarja jiġu riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja segwenti biss.

6. Approprjazzjonijiet riportatai li ma jkunux impenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena N + 1 jitħassru awtomatikament u jkunu identifikati fil-kontjiiet.

*Artikolu 15*

**Regoli dwar it-trasferiment 'il quddiem għad-dħul assenjat**

Ir-riport tad-dħul assenjat imsemmi fl-Artikolu 23 u ta' approprjazzjonijiet mhux użati disponibbli fil-31 ta' Diċembru li jirriżultaw minn tali dħul ikunu konformi mar-regoli li ġejjin:

(a) id-dħul assenjat estern ikun riportat awtomatikament u jkun użat għalkollox sakemm l-operazzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-programm jew l-azzjoni li jkunu ġew assenjati għalihom ikunu twettqu; id-dħul assenjat estern riċevut matul l-aħħar sena tal-programm jew tal-azzjoni jista' jerġa' jintuża fl-ewwel sena tal-programm jew azzjoni sussegwenti;

(b) id-dħul assenjat intern jiġi riportat għal sena waħda biss, bl-eċċezzjoni tad-dħul assenjat intern definit fil-punt (f) tal-Artikolu 23(3), li jkun riportat awtomatikament.

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena N + 1, il-korp tal-Unjoni jinforma lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' kull dħul assenjat li jkun ġie riportat.

*Artikolu 16*

**Diżimpenjar tal-approprjazzjonijiet**

Meta jiġu diżempenjati approprjazzjonijiet fi kwalunkwe sena finanzjarja wara dik li fiha l-approprjazzjonijiet kienu ddaħħlu fil-baġit tal-korp tal-Unjoni bħala riżultat ta' nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-azzjonijiet li għalihom kienu allokati, l-approprjazzjonijiet ikkonċernati jkunu kkanċellati.

*Artikolu 17*

**Impenji**

1. Mill-15 ta' Ottubru ta' kull sena, nefqa amministrattiva ta' rutina tista' tkun allokata bil-quddiem mal-appropjazzjonijiet ipprovduti għas-sena finanzjarja ta' wara. Madankollu, tali impenji ma jaqbżux il-kwart tal-approprjazzjonijiet deċiżi mill-bord ta' ġestjoni fuq il-linja tal-baġit li tikkorrispondi magħhom għas-sena finanzjarja kurrenti. Dawn ma japplikawx għal nefqa ġdida tat-tip li tkun għadha mhux approvat fil-prinċipju fl-aħħar baġit tal-korp tal-Unjoni adottat kif xieraq.

2. In-nefqa li titħallas bil-quddiem, per eżempju kera, tista' tagħti lok għal pagamenti mill-1 ta' Diċembru 'l quddiem li jitħallsu mill-appropjazzjonijiet għas-sena finanzjarja ta' wara. F'dan il-każ, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax.

*Artikolu 18*

**Regoli applikabbli fil-każ ta' adozzjoni tard tal-baġit tal-korp tal-Unjoni**

1. Jekk il-baġit tal-korp tal-Unjoni ma jkunx ġie definittivament adottat fil-bidu tas-sena finanzjarja, ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 japplikaw.

2. L-impenji u l-pagamenti jistgħu jsiru fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 3.

3. Impenji jistgħu jsiru għal kull kapitolu sa massimu ta' kwart tat-total tal-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-kapitolu relevanti tas-sena finanzjarja preċedenti flimkien ma' parti minn kull tnax għal kull xhar li jkun għadda.

Il-limitu tal-appropjazzjonijiet previst fir-rendikont tal-estimi tad-dħul u n-nefqa ma' jinqabiżx.

Il-pagamenti jistgħu jsiru kull xhar għal kull kapitolu sa massimu ta' parti minn kull tnax tal-approprjazzjonijiet allokati fil-kapitolu relevanti tas-sena finanzjarja preċedenti. Dik is-somma, madankollu, ma tkunx aktar minn parti minn kull tnax tal-approprjazzjonijiet previsti fl-istess kapitolu fir-rendikont tal-estimi tad-dħul u n-nefqa.

4. L-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-kapitolu rilevanti tas-sena finanzjarja preċedenti, kif speċifikat fil-paragrafi 2 u 3, jinftiehmu li jirreferu għall-approprjazzjonijiet ivvotati fil-baġit tal-korp tal-Unjoni, inkluż permezz ta' baġits emendatorji, u wara aġġustament għat-trasferimenti li jkunu saru matul dik is-sena finanzjarja.

5. Fuq talba tad-direttur, jekk il-bżonnijiet ta' kontinwità tal-azzjoni mill-korp u l-ġestjoni tal-Unjoni jirrikjedu dan, il-bord ta' ġestjoni, jista' jawtorizza nefqa li tkun iktar minn parti waħda minn kull tnax proviżorji iżda li ma taqbiżx it-total ta' erba' partijiet minn kull tnax proviżorji, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti b'mod addizzjonali ma' dawk li jsiru disponibbbli b'mod awtomatiku skont il-paragrafi 2 u 3.

Il-partijiet minn kull tnax addizzjonali jkunu awtorizzati b'mod sħiħ u ma għandhomx ikunu diviżibbli.

6. Jekk, għal kapitolu partikolari, l-awtorizzazzjoni ta' erba' partijiet minn kull tnax proviżorji mogħtija skont il-paragrafu 5 ma tkunx suffiċjenti biex tiġi koperta n-nefqa meħtieġa biex tkun evitata interruzzjoni fil-kontinwità tal-azzjoni mill-korp tal-Unjoni fil-qasam kopert bil-kapitolu kkonċernat, tista eċċezzjonalment tingħata awtorizzazzjoni biex jinqabeż l-ammont tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-kapitolu korrispondenti tal-baġit tal-korp tal-Unjoni tas-sena finanzjarja preċedenti. Il-bord ta' ġestjoni jaġixxi skont il-proċeduri previsti fil-paragrafu 5. Madankollu, it-total kumplessiv disponibbli tal-approprjazzjonijiet fil-baġit tal-korp tal-Unjoni tas-sena finanzjarja preċedenti jew l-abbozz tal-baġit tal-korp tal-Unjoni, kif propost, ma jistax jinqabeż fl-ebda ċirkostanza.

*KAPITOLU 3*

***Prinċipju tal-ekwilibriju***

*Artikolu 19*

**Definizzjoni u ambitu**

1. Id-dħul u l-approprjazzjonijiet ta' pagament ikunu bbilanċjati.

2. Appropjazzjonijiet għall-impenn ma jistgħux jaqbżu l-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni, flimkien mad-dħul proprju u kull dħul ieħor imsemmi fl-Artikolu 6.

3. Għal korpi li għalihom id-dħul huwa kostitwit minn tariffi jew imposti b'żieda mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, it-tariffi għandhom ikunu ffissati f'livell li jkun tali li tiġi evitata akkumulazzjoni sinifikanti ta' surplus. Fejn riżultat baġitarju pożittiv jew negattiv sinifikanti, fit-tifsira tal-Artikolu 97, isir rikurrenti, il-livell tat-tariffi u l-imposti jkun revedut.

4. Il-korp tal-Unjoni ma jistax jissellef fil-qafas tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

5. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lejn l-korp tal-Unjoni tikkostitwixxi għall-baġit tal-korp tal-Unjoni kontribuzzjoni ta' bbilanċjar u tista' tinqasam f'għadd ta' pagamenti.

6. Il-korp tal-Unjoni jimplimenta ġestjoni rigoruża tal-kontanti, filwaqt li jqis id-dħul assenjat, sabiex jiżgura li l-bilanċi kontanti jkunu limitati għal bżonnijiet debitament ġustifikati. Mat-talbiet għall-pagamenti matul is-sena, huwa jippreżenta tbassir dettaljat u aġġornat tar-rekwiżiti kontanti tiegħu, inkluż informazzjoni dwar id-dħul assenjat.

*Artikolu 20*

**Riżultat tal-baġit mis-sena finanzjarja**

1. Jekk ir-riżultat tal-baġit skont it-tifsira tal-Artikolu 97 huwa pożittiv, huwa jitħallas lura lill-Kummissjoni sal-ammont tal-kontribuzzjonijiet imħallsa matul is-sena. Il-parti tar-riżultat tal-baġit li taqbeż l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mħallas matul il-perjodu ta' sena jiddaħħal fil-baġit tal-korp tal-Unjoni għas-sena finanzjarja segwenti bħala dħul.

L-ewwel subparagrafu japplika wkoll meta d-dħul tal-korp tal-Unjoni huwa kkostitwit minn tariffi u imposti addizzjonali mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

Id-differenza bejn il-kontribuzzjoni mdaħħla fil-baġit u dik attwalment imħallsa lill-korp tal-Unjoni tkun ikkanċellat.

Mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena N, il-korp tal-Unjoni jipprovdi estimu tar-riżultat tal-baġit għas-sena N – 1, li jrid jintradd lura lill-baġit aktar tard fis-sena N, sabiex tiġi kompluta l-informazzjoni diġà disponibbli dwar ir-riżultat tal-baġit tas-sena N – 2. Din l-informazzjoni tiġi kkunsidrata kif dovut mill-Kummissjoni meta tkun qed tivvaluta l-ħtiġijiet finanzjarji tal-korp tal-Unjoni għas-sena N + 1.

2. F'każijiet eċċezzjonali, fejn l-att kostitwenti jistipula li d-dħul li jirriżulta minn tariffi u imposti jkun assenjat għal partiti partikolari ta' nefqa, l-korp tal-Unjoni jista' jirriporta l-bilanċ tat-tariffi u l-imposti bħala dħul assenjat għall-attivitajiet relatati mal-provvista tas-servizzi li għalihom huma dovuti t-tariffi.

3. Jekk riżultat tal-baġit skont it-tifsira tal-Artikolu 97 juri żbilanċ negattiv, dan jiddaħħal fil-baġit tal-korp tal-Unjoni għas-sena finanzjarja segwenti bħala approprjazzjonijiet ta' pagament jew, fejn xieraq, ipatti għalih b'riżultat pożittiv tal-baġit tal-korp tal-Unjoni fis-snin finanzjarji segwenti.

4. Id-dħul jew l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiddaħħlu fil-baġit tal-korp tal-Unjoni waqt il-proċedura baġitarja permezz tal-proċedura tal-ittra ta' emenda stabbilita fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jew, waqt li tkun għaddejja l-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjon, permezz ta' baġit emendatorju.

*KAPITOLU 4*

***Prinċipju tal-unità tal-kontijiet***

*Artikolu 21*

**Użu tal-euro**

Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jitħejja u jkun implementat f'euro u l-kontijiet ikunu ppreżentati f'euro. Madankollu, għall-iskop ta' fluss tal-flus, l-uffiċċjal tal-kontabilità u, fil-każ ta' kontijiet imprest, l-amministraturi imprest, ikunu awtorizzati biex jagħmlu operazzjonijiet f'muniti oħra kif preskritt fir-regoli finanzjarji ta' kull korp tal-Unjoni.

*KAPITOLU 5*

***Prinċipju tal-universalità***

*Artikolu 22*

**Definizzjoni u ambitu**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, id-dħul totali jkopri l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25, id-dħul u n-nefqa kollha jkunu rreġistrati b'mod sħiħ mingħajr l-ebda aġġustament kontra xulxin.

*Artikolu 23*

**Dħul assenjat**

1. Id-dħul assenjat estern u d-dħul assenjat intern jintużaw biex jiffinanzjaw partiti speċifiċi tan-nefqa.

2. Dawn li ġejjin jikkostitwixxu dħul assenjat estern:

(a) kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi tagħhom, entitajiet, jew persuni fiżiċi għal ċerti attivitajiet, ta' korpi tal-Unjoni sakemm dan hu previst fil-ftehim milħuq bejn il-korp tal-Unjoni u l-Istati Membri, pajjiżi terzi jew aġenziji pubbliċi, entitajiet jew persuni naturali inkwistjoni;

(b) dħul allokat għal skop speċifiku, bħal dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati;

(c) kontribuzzjonijiet finanzjarji, mhux koperti mill-punt (a), għall-attivitajiet ta' korpi tal-Unjoni minn pajjiżi terzi jew minn korpi mhux tal-Unjoni:

— dħul minn għotjiet *ad hoc* imsemmija fl-Artikolu 7,

— dħul minn ftehimiet ta' delega msemmija fl-Artikolu 8;

(d) dħul assenjat intern imsemmi fil-paragrafu 3, sal-punt li dan ikun anċillari għad-dħul ieħor imsemmi fil-punti minn (a) sa (c) ta' dan il-paragrafu;

(e) dħul minn tariffi u imposti msemmija fl-Artikolu 6(2).

3. Dawn li ġejjin jikkostitwixxu dħul assenjat intern:

(a) dħul minn partijiet terzi fir-rigward ta' prodotti, servizz jew xogħol fornuti fuq talba tagħhom stess, għajr it-tariffi u l-imposti msemmija fl-Artikolu 6(1)(a);

(b) rikavat mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, istallazzjonijiet, materjali u apparat xjentifiku u tekniku li jkun sostitwit jew mormi meta l-valur kif imniżżel fil-kontijiet huwa deprezzat għal kollox;

(c) dħul li joriġina mir-rifużjoni, skont l-Artikolu 62, ta' ammonti mħallsa bi żball;

(d) rikavat mill-forniment ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet għal istituzzjonijiet tal-Unjoni jew korpi oħra tal-Unjoni;

(e) pagamenti tal-assigurazzjoni riċevuti;

(f) dħul minn kirjiet;

(g) dħul minn bejgħ ta' pubblikazzjonijiet jew films, inklużi dawk fuq medja elettronika;

(h) dħul li jirriżulta mir-rimborż sussegwenti tat-taxxi skont l-Artikolu 25(3)(b).

4. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 23(2)(e) l-att kostitwenti rilevanti jista' wkoll jassenja dħul li għalih jipprovdi f'partiti speċifiċi ta' nefqa.. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-att kostitwenti relevanti, tali dħul jikkostitwixxi dħul assenjat intern.

5. Il-partiti kollha ta' dħul fis-sens tal-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 2 u l-punti (a) u (d) tal-paragrafu 3 jkopru n-nefqa diretta jew indiretta kollha li ssir mill-attività jew għan inkwistjoni.

6. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jinkludi linji li jakkomodaw id-dħul assenjat estern u d-dħul assenjat intern u fejn possibbli jindika l-ammont.

Id-dħul assenjat jista' jiġi inkluż fl-estimi tad-dħul u n-nefqa biss għall-ammonti li huma ċerti fid-data tal-istabbiliment tal-abbozz tal-baġit.

*Artikolu 24*

**Donazzjonijiet**

1. Id-direttur jista' jilqa' kull donazzjoni li ssir lill-korp tal-Unjoni, bħalma huma fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati.

2. Aċċettazzjoni ta' donazzjonijiet li jistgħu jinvolvu xi imposta finanzjarja jkunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, mill-bord eżekuttiv, li jrid jiddeċiedi fi żmien xahrejn mid-data li titressaq quddiemu t-talba. Jekk il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv, jonqos milli jiddeċiedi f'dak il-perjodu, id-donazzjoni tkun ikkunsidrata aċċettata.

*Artikolu 25*

**Regoli dwar it-tnaqqis u l-aġġustamenti minħabba r-rati tal-kambju**

1. Jista' jsir it-tnaqqis li ġej minn talbiet għal pagament, li imbagħad ikunu mgħoddija għall-pagament tal-ammont nett:

(a) pieni imposti fuq partijiet għal kuntratti ta' akkwist jew fuq benefiċjarji;

(b) skontijiet, rifużjonijiet u tnaqqis fuq fatturi individwali u dikjarazzjonijiet tal-kostijiet;

(c) aġġustamenti għal ammonti li tħallsu u li ma kienux dovuti.

L-aġġustamenti msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu jistgħu jsiru bi tnaqqis dirett minn pagament ġdid interim jew mill-pagament tal-bilanċ lill-istess persuna li għandha titħallas taħt il-kapitolu, l-artikolu u s-sena finanzjarja li fiha sar il-pagament żejjed.

Ir-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni japplikaw għat-tnaqqis imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.

2. Il-kost tal-prodotti jew tas-servizzi pprovduti lill-Unjoni li jinkorporaw taxxi mroddija lura mill-Istati Membri skont il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jittieħed mill-baġit tal-korp tal-Unjoni għall-ammont qabel it-taxxa sakemm ikun japplika għall-korp tal-Unjoni.

3. Il-kost tal-prodotti jew tas-servizzi pprovduti lill-Unjoni li jinkorporaw taxxi mroddija lura minn pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-ftehimiet rilevanti jista' jittieħed mill-baġit tal-korp tal-Unjoni għal kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont qabel it-taxxa;

(b) l-ammont li jinkludi t-taxxa. F'tali każ, taxxi rimborżati sussegwentament jiġu ttrattati bħala dħul assenjat intern.

4. Kwalunkwe taxxa nazzjonali temporanjament imġarrba mill-Korp tal-Unjoni skont il-paragrafi 2 u 3 tiddaħħal f'kont sospiż sakemm jingħataw lura mill-Istat ikkonċernat.

5. Kwalunkwe riżultat negattiv tal-baġit jiddaħħal fil-baġit tal-korp tal-Unjoni bħala nefqa.

6. Aġġustamenti jistgħu jsiru fir-rigward tad-differenzi fil-kambju li jseħħu fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni. Il-qligħ jew it-telf finali jkun inkluż fil-bilanċ tas-sena.

*KAPITOLU 6*

***Prinċipju ta' speċifikazzjoni***

*Artikolu 26*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

L-approprjazzjonijiet ikunu mmirati għal skopijiet speċifiċi skont it-titolu u l-kapitolu. Il-kapitoli jkunu wkoll suddiviżi ulterjorment f'artikoli u partiti.

*Artikolu 27*

**Trasferimenti**

1. Id-Direttur jista' jittrasferixxi approprjazzjonijiet:

(a) minn titolu għal ieħor sa massimu ta' 10 % tal-approprjazzjonijiet għas-sena murija fil-linja li minnha jsir it-trasferiment;

(b) minn kapitolu għal ieħor u minn artikolu għal ieħor mingħajr limitu.

2. Lil hinn mil-limitu msemmi fil-paragrafu 1, id-Direttur jista' jipproponi lill-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, lill-bord eżekuttiv, trasferimenti ta' approprjazzjonijiet minn titolu għall-ieħor. Il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv ikollu tliet ġimgħat biex jopponi dawn it-trasferimenti. Wara dak il-limitu ta' żmien, it-trasferimenti jitqiesu li huma adottati.

3. Proposti għal trasferimenti u trasferimenti mwettqa taħt il-paragrafi 1 u 2 ikunu akkompanjati bid-dokumenti ta' sostenn xierqa u dettaljati li juru l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet u estimi tar-rekwiżiti sat-tmiem tas-sena finanzjarja, kemm għall-intestaturi li jridu jkunu kkreditati u kemm għal dawk li jridu jsiru l-approprjazzjonijiet minnhom.

4. Id-direttur jinforma lill-bord ta' ġestjoni mill-aktar fis possibbli dwar it-trasferimenti kollha li jsiru. Id-direttur jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti kollha mwettqa skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 28*

**Regoli speċifiċi dwar it-trasferimenti**

1. L-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu ttrasferiti biss lejn linji tal-baġit tal-korp tal-Unjoni li għalihom il-baġit tal-korp tal-Unjoni għandu approprjazzjonijiet awtorizzati jew li jkollhom entrata "*pro memoria*".

2. L-approprjazzjonijiet korrispondenti għal dħul assenjat jistgħu jkunu ttrasferiti biss jekk dan id-dħul ikun użat għall-iskop li għalih ikun assenjat.

*KAPITOLU 7*

***Prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba***

*Artikolu 29*

**Prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja/Prinċipji ta' ġestjonin finanzjarja tajba**

1. L-approprjazzjonijiet ikunu użati b'konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, jiġifieri skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja.

2. Il-prinċipju tal-ekonomija jirrikjedi li r-riżorsi użati mill-korp tal-Unjoni fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu jkunu disponibbli f'waqt xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz.

Il-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba.

Il-prinċipju tal-effikaċja jikkonċerna l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati.

3. Il-korp tal-Unjoni se jwettaq eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva kif imsemmi fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

L-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva jinkludi:

— analiżi tal-effiċjenza tas-servizzi orizzontali tal-korp tal-Unjoni;

— Analiżi tal-kostbenefiċċju tal-kondiviżjoni tas-servizzi jew it-trasferiment sħiħ tagħhom għal korp ieħor tal-Unjoni jew il-Kummissjoni.

Meta jwettaq l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafu l-korp tal-Unjoni jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex jevita kwalunkwe kunflitt tal-interessi.

4. Objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u bi skadenza jkunu stabbiliti għas-setturi kollha tal-attività koperta bil-baġit tal-korp tal-Unjoni. Il-kisba ta' dawk l-objettivi tkun immonitorjata b'indikaturi tal-prestazzjoni għal kull attività, u d-direttur jagħti l-informazzjoni lill-bord ta' ġestjoni. Dik l-informazzjoni tkun ipprovduta ta' kull sena u l-aktar tard fid-dokumenti li jakkumpanjaw l-abbozz preliminari tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

5. Sabiex jittejjeb it-teħid tad-deċiżjonijiet, il-korp tal-Unjoni jintrabat li jagħmel evalwazzjonijiet kemm *ex ante* kif ukoll *ex post* b'konformità mal-gwida pprovduta mill-Kummissjoni. Tali evalwazzjonijiet ikunu applikati għall-programmi u l-attivitajiet kollha li jinvolvu nefqa sinifikanti u r-riżultati tal-evalwazzjoni jintbagħtu lill-bord ta' ġestjoni.

6. Id-direttur jipprepara pjan ta' azzjoni biex isegwi fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 u jirraporta dwar il-progress tagħhom darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni u regolarment lill-bord ta' ġestjoni.

7. Il-bord ta' ġestjoni janalizza l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni msemmi fil-paragrafu 6.

*Artikolu 30*

**Kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit**

1. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jiġi implimentat f'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti.

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni, il-kontroll intern huwa definit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha tal-ġestjoni u mfassal biex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli għall-kisba tal-objettivi li ġejjin:

(a) l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-operazzjonijiet;

(b) l-affidabbiltà tar-rappurtar;

(c) is-salvagwardja tal-assi u tal-informazzjoni;

(d) il-prevenzjoni, il-qbid, il-korrezzjoni u s-segwitu tal-frodi u l-irregolaritajiet;

(e) l-amministrazzjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, fejn jittieħed kont tan-natura pluriennali tal-programmi kif ukoll in-natura tal-pagamenti kkonċernati.

3. Il-kontroll intern effettiv huwa bbażat fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u jinkludi b'mod partikolari:

(a) segregazzjoni tal-kompiti;

(b) strateġija xierqa ta' ġestjoni u kontroll tar-riskju inkluż il-kontroll fil-livell tar-riċevitur;

(c) evitar ta' kunflitti ta' interessi;

(d) traċċi adegwati għall-awditjar u integrità tad-dejta f'sistemi tad-dejta;

(e) proċeduri għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u għas-segwitu ta' dgħufijiet u eċċezzjonijiet fil-kontroll intern li jkunu identifikati;

(f) evalwazzjonijiet perjodiċi tal-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-kontroll intern.

4. Il-kontroll intern effiċjenti jkun ibbażat fuq l-elementi li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni ta' strateġija xierqa għall-ġestjoni tar-riskju u ta' kontroll ikkoordinati fost parteċipanti xierqa involuti fil-katina tal-kontroll;

(b) l-aċċessibilità għall-operaturi xierqa kollha fil-katina tal-kontroll tar-riżultati tal-kontrolli mwettqa;

(c) is-serħan, meta jkun xieraq, fuq opinjonijiet ta' awditjar indipendenti, sakemm il-kwalità tax-xogħol sottostanti tkun adegwata u aċċettabbli u tkun saret bi qbil mal-istandards miftehma;

(d) l-applikazzjoni f'waqtha ta' miżuri korrettivi inklużi, fejn xieraq, pieni dissważivi;

(e) l-eliminazzjoni tal-kontrolli multipli;

(f) it-titjib tal-proporzjon tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli.

*KAPITOLU 8*

***Prinċipju tat-trasparenza***

*Artikolu 31*

**Pubblikazzjoni tal-kontijiet, tal-baġits u tar-rapporti**

1. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun stabbilit u implementat u l-kontijiet ippreżentati b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

2. Sommarju tal-baġit tal-korp tal-Unjoni u kwalunkwe baġit emendatorju tal-korp tal-Unjoni, kif adottat b'mod definittiv, ikunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi żmien tliet xhur minn meta jkunu addottati.

Is-sommarju juri l-ħames linji ewlenin tal-baġit tad-dħul, il-ħames linji ewlenin tal-baġit tan-nefqa għall-baġit amministrattiv u operazzjoanli tal-korp tal-Unjoni, il-pjan ta' Stabbiliment u estimu tal-għadd ta' persunal b'kuntratt f'ekwivalenti ta' full-time li għalihom l-approprjazzjonijiet huma bbaġitjati, u esperti nazzjonali ssekondati. Huwa jindika wkoll iċ-ċifri għas-sena ta' qabel.';

3. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni inkluż il-pjan ta' stabbiliment u l-baġits emendatorji tal-korp tal-Unjoni, kif adottati finalment, kif ukoll indikazzjoni tan-numru ta' aġenti kuntrattwali espress f'ekwivalenti ta' full-time li għalihom l-approprjazzjonijiet huma bbaġitjati, u esperti nazzjonali ssekondati jiġu trasmessi għall-fini ta' informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kummissjoni, u jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tal-korp tal-Unjoni kkonċernat fi żmien erba' ġimgħat minn meta jkunu addottati.

4. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja segwenti l-korp tal-Unjoni jagħmel disponibbli fuq is-sit tal-Internet tiegħu informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi li joħorġu mill-baġit tal-korp tal-Unjoni, inklużi esperti mogħtija kuntratti skont l-Artikolu 89, skont il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 ([1]) wara preżentazzjoni standard. L-informazzjoni ppubblikata tkun faċilment aċċessibbli, trasparenti u komprensiva. L-informazzjoni ssir disponibbli b'osservanza xierqa tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-dejta personali stipulati fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

TITOLU III

**L-ISTABBILIMENT U L-ISTRUTTURA TAL-BAĠIT**

*KAPITOLU 1*

***Stabbiliment tal-baġit tal-korp tal-Unjoni***

*Artikolu 32*

**Programmar annwali u pluriennali**

1. Il-korp tal-Unjoni jfassal dokument ta' pprogrammar li fih programmar pluriennali u annwali li jqis il-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni.

2. Il-programm pluriennali jistabbilixxi:

— programmar strateġiku globali inkluż l-objettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi ta' prestazzjoni,

([1]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

— programmar tar-riżorsi inkluż l-ipprogrammar pluriennali tal-baġit u l-persunal.

L-ipprogrammar tar-riżorsi jinkludi informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar riżorsi umani u kwistjonijiet baġitarji għal skopijiet ta' rappurtar, b'mod partikolari:

— għas-snin N – 1 u N, l-informazzjoni dwar l-għadd ta' uffiċjali, persunal temporanju u kuntrattwali kif iddefiniti fir-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll esperti nazzjonali ssekondati,

— għas-sena N – 1 estimu tal-operazzjonijiet baġitarji fit-tifsira tal-Artikolu 97 u informazzjoni dwar kontribuzzjoni *in natura* mogħtija mill-Istat Membru ospitanti lejn il-korp tal-Unjoni,

— għas-sena N + 1 estimu tal-għadd ta' uffiċjali, persunal temporanju u kuntrattwali kif iddefinit fir-Regolamenti tal-Persunal,

— għas-snin segwenti, baġit indikattiv u programmar tar-riżorsi tal-persunal.

Il-Kummissjoni tibgħat lill-korp tal-Unjoni l-opinjoni tas-servizzi rilevanti tagħha dwar l-abbozz ta' programmar ta' riżorsi umani.

Jekk il-korp tal-Unjoni ma jqisx b'mod sħiħ l-opinjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni, huwa jipprovdi lill-Kummissjoni bi spjegazzjonijiet adegwati.

L-ipprogrammar tar-riżorsi jkun aġġornat kull sena. L-ipprogrammar strateġiku jkun aġġornat fejn huwa xieraq, u b'mod partikolari biex jindirizza r-riżultat tal-evalwazzjonijiet ġenerali msemmija fl-Att Kostitwenti.

3. Il-programm ta' ħidma annwali tal-korp tal-Unjoni jinkludi miri dettaljati u r-riżultati mistennija inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Huwa jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-azzjoni(jiet) li għandhom ikunu ffinanzjati u indikazzjoni tal-ammont allokat ta' riżorsi finanzjarji u umani għal kull azzjoni. Il-programm ta' ħidma annwali jkun koerenti mal-programm pluriennali msemmi fil-paragrafu 1.

Jindika b'mod ċar liema kompiti tal-korp tal-Unjoni ġew miżjuda, mibdula jew imħassra b'paragun mas-sena finanzjarja preċedenti.

4. Kwalunkwe emenda sostanzjali għall-programm annwali ta' ħidma tkun addottata bl-istess proċedura bħall-programm ta' ħidma inizjali, skont id-dispożizzjonijiet tal-att kostitwenti u l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament.

Il-bord ta' ġestjoni jista' jiddelega s-setgħa li jagħmel emendi mhux sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali lill-uffiċjal awtorizzanti tal-korp tal-Unjoni.

*Artikolu 33*

**Stabbiliment tal-baġit**

1. Il-baġit ikun stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-att kostitwenti.

2. Il-korp tal-Unjoni jibgħat lill-Kummissjoni abbozz provviżorju ta' estimi tad-dħul u n-nefqa tiegħu u l-linjigwida ġenerali li fuqhom ikun ibbażat dak l-estimu mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena.

3. F'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, kull sena l-korp tal-Unjoni jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill estimu tad-dħul u n-nefqa tiegħu kif speċifikat fl-att kostitwenti.

4. L-estimu ta' dħul u nefqa tal-korp tal-Unjoni jinkludi:

(a) pjan ta' stabbiliment li jistabbilixxi l-għadd ta' postijiet temporanji u permanenti awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet tal-baġit, bil-grad u bil-kategorija;

(b) f'każ ta' varjazzjoni fl-għadd ta' persunal, dikjarazzjoni li tiġġustifika t-talbiet għal impjiegi ġodda;

(c) (c) estimu kull tlett xhur ta' pagamenti kontantu u riċevuti;

(d) informazzjoni dwar il-ksib tal-objettivi kollha li ġew stabbiliti minn qabel għall-attivitajiet varji. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jkunu kkonsultati u referuti bħala evidenza tal-meriti possibbli ta' żieda jew tnaqqis tal-baġit propost tal-korp tal-Unjoni meta mqabbel mal-baġit għas-sena n.

5. Il-korp tal-Unjoni jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-abbozz ta' dokument ta' programmar msemmi fl-Artikolu 32 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata aktar tard ta' dak id-dokument.

6. Bħala parti mill-proċedura għall-adozzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni tibgħat id-dikjarazzjoni tal-estimi tal-korp tal-Unjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tipproponi l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-korp tal-Unjoni u l-għadd tal-persunal li hi tqis li l-entità teħtieġ. Il-Kummissjoni tipprovdi l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment tal-korpi tal-Unjoni u għal estimu tal-għadd ta' persunal b'kuntratt u ta' esperti nazzjonali sekondati espress f'ekwivalenti ta' full-time li għalihom huma proposti approprjazzjonijiet malli l-Kummissjoni tkun stabbiliet l-abbozz tal-baġit.

7. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw il-pjan ta' stabbiliment tal-korp tal-Unjoni u kull emenda sussegwnenti skont l-Artikolu 38(1). Il-pjan ta' stabbiliment ikun ippubblikat f'Anness mat-Taqsima III — Kummissjoni — tal-baġit.

8. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni u l-pjan ta' stabbiliment flimkien mad-dokument tal-ipprogrammar imsemmi fl-Artikolu 32 jiġi adottat mill-Bord ta' ġestjoni. Huma jsiru definittivi wara l-addozzjoni finali tal-baġit li tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni u tal-pjan ta' stabbiliment u jekk neċessarju, il-baġit tal-korp tal-Unjoni u l-pjan ta' stabbiliment ikunu rranġati skont il-ħtieġa.

9. Meta tafda kompiti ġodda f'idejn korp tal-Unjoni, il-Kummissjoni, mingħajr ħsara għall-proċeduri leġiżlattivi għall-modifika tal-att kostitwenti tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-informazzjoni neċesarja biex jiġi vvalutat l-impatt tal-kompiti l-ġodda fuq ir-riżorsi tal-korp tal-Unjoni sabiex janalizza, fejn ikun meħtieġ, il-finanzjament tiegħu.

*Artikolu 34*

**Baġits emendatorji**

Kull emenda għall-baġit tal-korp tal-Unjoni, inkluż il-pjan ta' stabbiliment, tkun is-suġġett ta' baġit emendatorju adottat bl-istess proċedura tal-baġit inizjali tal-korp tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-att kostitwenti u l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament.

*KAPITOLU 2*

***Struttura u preżentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni***

*Artikolu 35*

**Struttura tal-baġit tal-korp tal-Unjoni**

Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun magħmul minn dikjarazzjoni tad-dħul u dikjarazzjoni tan-nefqa.

*Artikolu 36*

**Nomenklatura baġitarja**

Sakemm ikun iġġustifikat bin-natura tal-attivitajiet tal-korp tal-Unjoni, ir-rendikont tan-nefqa irid ikun imqassam fuq bażi ta' nomenklatura bi klassifikazzjoni skont l-iskop. Dik in-nomenklatura tkun iddeterminata mill-korp tal-Unjoni u tagħmel distinzjoni ċara bejn appropjazzjonijiet amministrattivi u appropjazzjonijiet operatorji.

*Artikolu 37*

**Preżentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni**

Il-baġit tal-korp tal-Unjoni juri:

1. Fir-rendikont tad-dħul:

(a) l-estimu tad-dħul tal-Unjoni għas-sena finanzjarja kkonċernata ('sena N');

(b) l-estimu tad-dħul għas-sena finanzjarja preċedenti u d-dħul għas-sena N – 2;

(c) rimarki xierqa fuq kull linja ta' dħul;

2. Fid-dikjarazzjoni tan-nefqa:

(a) l-appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena N;

(b) l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għas-sena finanzjarja ta' qabel, u n-nefqa impenjata u n-nefqa mħallsa fis-sena N – 2 - din tal-aħħar espressa bħala persentaġġ tal-baġit tal-korp tal-Unjoni għas-sena n;

(c) rendikont fil-qosor ta' kif se jsiru l-pagamenti dovuti fis-snin finanzjarji ta' wara biex jintlaħqu l-impenji tal-baġit mibdijin fi snin finanzjarji ta' qabel;

(d) rimarki xierqa għal kull subdiviżjoni.

*Artikolu 38*

**Regoli dwar il-pjan ta' stabbiliment għall-persunal**

1. Il-lista tal-persunal imsemmija fl-Artikolu 33 tinkludi, fid-dawl tal-għadd ta' impjiegi awtorizzati għas-sena finanzjarja, l-għadd tal-impjiegi awtorizzati għas-sena finanzjarja preċedenti kif ukoll in-numru ta' impjiegi li tassew imtlew. Dan ikun limitu assolut għall-korp tal-Unjoni. Ma jistax ikun hemm aktar ħatriet minn dan il-limitu.

Madankollu, ħlief fil-każ ta' gradi AD 16, AD 15, AD 14 u AD 13, il-bord ta' ġestjoni jista' jimmodifika l-pjan ta' stabbiliment b'mhux iktar minn 10 % tal-postijiet awtorizzati, suġġett għall-kundizzjonijiet segwenti:

(a) il-volum tal-approprjazzjonijiet tal-persunal li jikkorrispondu għal sena finanzjarja sħiħa ma jkunx affettwat;

(b) il-limitu tal-għadd totali ta' karigi awtorizzat mill-organogramma ma jkunx maqbuż;

(c) il-korp tal-Unjoni jkunu ħa sehem f'eżerċizzju ta' benchmarking ma' korpi oħra tal-Unjoni kif mibdi mill-eżerċizzju ta' skrijning tal-persunal tal-Kummissjoni.

2. B'deroga għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-effetti ta' xogħol part-time awtorizzat mill-awtorita li taħtar skont ir-Regolamenti tal-persunal jistgħu ikunu kkompensati b'ħatriet oħrajn. Fejn membru tal-persunal jitlob l-irtirar tal-awtorizzazzjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu mogħti, il-korp tal-Unjoni jieħu l-miżuri xierqa biex jirrispetta l-limitu msemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun.

TITOLU IV

**IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-KORP TAL-UNJONI**

*KAPITOLU 1*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 39*

**Implimentazzjoni tal-baġit skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba**

1. Id-direttur jaqdi d-dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti. Hu jew hi j/timplimenta d-dħul u n-nefqa tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-korp tal-Unjoni u l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba fir-responsabbiltà tiegħu jew tagħha u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet awtorizzati.

2. Bla ebda ħsara lejn ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal awtorizzanti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-kxif ta' frodi u irregolaritajiet, il-korp tal-Unjoni jipparteċipa f'attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

*Artikolu 40*

**delega tal-poteri tal-implimentazzjoni tal-baġit**

1. Id-Direttur jista' jiddelega s-setgħat tal-implimentazzjoni tal-baġit lil persunal tal-korp tal-Unjoni kopert mir-Regolamenti tal-Persunal, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-korp tal-Unjoni adottati mill-bord ta' ġestjoni. Dawk inkarigati jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tas-setgħat mogħtija espressament lilhom.

2. Dak li jkun irċieva d-delega jista jiddelega l-poteri li rċieva lil ħaddieħor, kif previst fir-regoli li jimplimentaw' dan ir-regolament imsemmijin fl-Artikolu 114. Kull att ta' subdelega jkun irid il-qbil espliċitu tad-direttur.

*Artikolu 41*

**Kunflitti ta' interessi**

1. L-atturi finanzjarji fit-tifsira tal-Kapitolu 2 ta' dan it-Titolu u persuni oħra involuti fl-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit, inklużi l-atti preparatorji tagħhom, l-awditu jew il-kontroll ma jieħdu l-ebda azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'kunflitt ma' dawk tal-korp tal-Unjoni.

Fejn jeżisti tali riskju, il-persuna inkwistjoni tibqa' lura minn tali azzjonijiet u tirreferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti li tikkonferma bil-miktub jekk jeżistix kunflitt ta' interess. Meta jinstab li jeżisti kunflitt ta' interess, il-persuna inkwistjoni għandha twaqqaf l-attivitajiet kollha tagħha fil-kwistjoni. L-awtorità kompetenti tieħu kwalunkwe azzjoni ulterjuri li tkun xierqa.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ikun jeżisti kunflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif jissemma fil-paragrafu 1, ikun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju.

3. L-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 tkun s-superjur dirett tal-impjegat ikkonċernat. Jekk il-membru tal-persunal ikun id-direttur, l-awtorità kompetenti tkun l-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv.

4. Il-korp tal-Unjoni jadotta regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitt ta' interessi.

*Artikolu 42*

**Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni**

1. Il-baġit tal-korp tal-Unjoni jkun implimentat mid-Direttur fid-dipartimenti taħt l-awtorità tiegħu.

2. Kompiti ta' kompetenza teknika u kompiti amminstrattivi, preparatorji jew anċillari li ma jinvolvux l-eżerċitar ta' awtorità pubblika jew l-użu ta' poteri ta' ġudizzju diskrezjonali jistgħu jingħataw b'appalt lil entitajiet esterni mis-settur privat, fejn ma jistax isir mod ieħor.

*KAPITOLU 2*

***Atturi finanzjarji***

Sezzjoni 1

**Prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet**

*Artikolu 43*

**Segregazzjoni tad-dmirijiet**

Id-dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti u tal-uffiċjal tal-kontabilità jkunu segregati u reċiprokament esklussivi.

Sezzjoni 2

**Uffiċjal awtorizzanti**

*Artikolu 44*

**Poteri u dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti**

1. L-uffiċjal awtorizzanti jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u sabiex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-legalità u r-regolarità.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-uffiċjal awtorizzanti, skont l-istandards minimi adottati mill-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv abbażi ta' standards ekwivalenti preskritti mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha u b'kunsiderazzjoni tar-riskji assoċjati mal-ambjent ta' ġestjoni u n-natura tal-azzjoni ffinanzjata, jieħu ħsieb li jwaqqaf l-istruttura organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern xierqa għat-twettieq tad-dmirijiet tal-uffiċjal awtorizzanti.

L-istabbiliment ta' din l-istruttura u dawn is-sistemi jkun appoġġjat minn analiżi komprensiva tar-riskju, li tqis l-kosteffikaċja tagħhom.

L-uffiċjal awtorizzanti jista' jistabbilixxi fid-dipartiment tiegħu stess funzjoni ta' kompetenza u parir maħsuba biex tgħinu jikkontrolla r-riskji involuti fl-attivitajiet tiegħu.

3. Sabiex jimplimenta n-nefqa, l-uffiċjal awtorizzanti jwettaq impenji baġitraji u impenji legali, jivvalida n-nefqa u jawtorizza l-pagamenti, u jieħu l-passi prelimenari għall-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet.

4. L-implimentazzjoni tad-dħul tinkludi l-preparazzjoni tal-estimi tal-ammonti riċevibbli, l-istabbiliment tal-intitolamenti li għandhom jiġu rkuprati u l-ħruġ tal-ordnijiet tal-irkupru. Fejn ikun xieraq, tinkludi r-rinunzja ta' intitolamenti stabbiliti.

5. L-uffiċċjal awtorizzanti jżomm id-dokumenti ta' sostenn li għandhom x'jaqsmu mal-operazzjonijiet li jkunu saru fuq medda ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li tat il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni. Id-dejta personali inkluża fid-dokumenti ta' sostenn titħassar, fejn possibbli, meta dik id-dejta ma tkunx neċessarja għall-finijiet ta' kwittanza baġitarja, kontroll u awditjar. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplika f'dak li jirrigwarda l-konservazzjoni tad-dejta tat-traffiku.

*Artikolu 45*

**Kontrolli ex ante**

1. Kull operazzjoni msemmija fl-Artikolu 44 tkun suġġetta għal mill-anqas kontroll *ex ante*, ibbażat fuq analiżi mhux fuq il-post tad-dokumenti u wkoll fuq ir-riżultati disponibbli tal-kontrolli diġà mwettqa, fir-rigward tal-aspetti operazzjonali u finanzjarji tal-operazzjoni.

Il-kontrolli *ex ante* jinkludu l-inizjazzjoni u l-verifika tal-operazzjoni.

2. Bidu ta' operazzjoni jinftiehem bħala l-operazzjonijiet kollha li huma preparatorji għall-adozzjoni tal-atti li jimplimentaw il-baġit tal-korp tal-Unjoni mill-uffiċjali awtorizzanti msemmija fl-Artikoli 33 u 34.

3. Verifika *ex ante* ta' operazzjoni tinftiehem bħala l-kontrolli *ex ante* kollha li jagħmel l-uffiċjal awtorizzanti sabiex jivverifika l-aspetti operazzjonali u finanzjarji.

4. Il-kontrolli *ex ante* jivverifikaw il-koerenza fost id-dokumenti ta' sostenn mitluba u kwalunkwe informazzjoni disponibbli. Il-firxa f'termini tal-frekwenza u l-intensità tal-kontrolli *ex ante* iġu ddeterminati mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli billi jitqiesu konsiderazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji u l-kosteffikaċja. F'każ ta' dubju, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli mill-validazzjoni tal-pagamenti rilevanti jitlob informazzjoni kumplimentari jew jagħmel kontroll fuq il-post sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli bħala parti mill-kontroll *ex ante*.

L-għan tal-kontrolli *ex ante* huwa li jaċċertaw li:

(a) in-nefqa saret kif suppost u hija konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli;

(b) il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba stabbilit fl-Artikolu 29 ikun ġie applikat.

Għall-iskop tal-kontrolli, serje ta' tranżazzjonijiet individwali simili relatati man-nefqa ta' rutina fuq is-salarji, il-pensjonijiet, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-missjonijiet u tal-ispejjeż mediċi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala operazzjoni waħda mill-uffiċjal awtorizzanti.

5. Għal kull tranżazzjoni, il-verifika ssir mill-persunal li jkun differenti minn dak li inizja l-operazzjoni. Il-persunal li jwettaq il-verifiki ma jkunx subordinat għal membri tal-persunal li inizjaw l-operazzjoni.

*Artikolu 46*

**Kontrolli *ex post***

1. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jistabbilixxi kontrolli *ex post* sabiex jivverifika l-operazzjonijiet diġà approvati wara l-kontrolli *ex ante*. Dawn il-kontrolli jistgħu jkunu organizzati fuq bażi ta' kampjun skont ir-riskji.

2. Il-kontrolli *ex post* jistgħu jitwettqu fuq il-bażi ta' dokumenti u, fejn ikun xieraq, fuq il-post.

Il-kontrolli *ex post* jivverifikaw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-baġit tal-korp tal-Unjoni jiġu implimentati kif suppost u b'mod partikolari li jiġu rrispettati l-kriterji msemmija fl-Artikolu 45(4).

L-eżiti tal-kontrolli *ex post* jiġu analizzati mill-uffiċjal awtorizzanti mill-inqas kull sena sabiex tiġi identifikata kwalunkwe kwistjoni sistemika potenzjali. L-uffiċjal awtorizzanti jieħu miżuri biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet.

L-analiżi tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1 tkun rieżaminata fid-dawl tar-riżultati tal-kontrolli u ta' informazzjoni rilevanti oħra.

Fil-każ ta' programmi pluriennali, l-uffiċjal awtorizzanti jistabbilixxi strateġija ta' kontroll pluriennali, li permezz tagħha jispeċifika n-natura u l-firxa tal-kontrolli matul il-perjodu u l-mod kif għandhom jitkejlu r-riżultati sena wara sena għall-proċess ta' assigurazzjoni annwali.

3. Il-kontrolli *ex ante* jitwettqu minn membri tal-persunal li mhumiex dawk responsabbli għall-kontrolli *ex post*. Il-persunal responsabbli għall-kontrolli *ex post* ma jkunx subordinat għall-membri tal-persunal responsabbli għall-kontrolli *ex ante*.

Meta l-uffiċjal awtorizzanti jimplimenta awditjar finanzjarju tal-benefiċjarji bħala kontrolli *ex post*, ir-regoli tal-awditjar relatati jkunu ċari, konsistenti u trasparenti, u jirrispettaw id-drittijiet kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-korp tal-Unjoni u ta' dawk awditjati.

4. Il-persunal responsabbli għall-kontroll tal-ġestjoni tal-operazzjonijiet finanzjarji msemmi fil-paragrfu 3 jkollu ll-kapaċitajiet professjonali meħtieġa. Huma jridu jżommu ma' kodiċi speċifiku ta' standards professjonali addottat mill-korp tal-Unjoni u bbażat fuq standards preskritti mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha stess.

*Artikolu 47*

**Rapport Annwali tal-Attività Kkonsolidat**

1. L-uffiċjal awtorizzanti jirrapporta lill-bord ta' ġestjoni dwar it-twettiq tad-doveri tiegħu fil-forma ta' rapport tal-attività annwali kkonsolidat li fih:

(a) informazzjoni dwar:

— l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali, il-baġit u riżorsi tal-persunal tal-korp imsemmija fl-Artikolu 38,

— sistemi ta' ġestjoni u kontroll intern inkluż sommarju tal-għadd u t-tip ta' awditjar intern imwettqa mill-awditur intern, il-kapaċitajiet ta' awditjar intern, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni li ttieħdet dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet u dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' snin preċedenti, kif imsemmi fl-Artikoli 82 u 83,

— kwalunkwe osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u l-azzjonijiet meħuda dwar dawn l-osservazzjonijiet,

— il-kontijiet u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja mingħajr ħsara għall-Artikoli 92, 96 u 97;

(b) dikjarazzjoni tal-uffiċjal awtorizzanti li jiddikjara jekk huwa għandux assigurazzjoni raġonevoli li sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riservi marbuta ma' oqsma defimiti ta' dħul u nefqa:

— l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta,

— ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport intużaw għall-finijiet intenzjonati tagħhom u f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzarja tajba,

— il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Ir-rapport ta' attivita' annwali kkonsolidat jindika r-riżultati taloperazzjonijiet b'referenza għall-objettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati mal-operazzjonijiet, l-użu li jkun sar mir-riżorsi provduti u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern, inkluża valutazzjoni ġenerali tal-kostijiet u tal-benefiċċji talkontrolli.

Ir-rapport annwali kkonsolidat jiġi ppreżżentat lill-bord ta' ġestjoni għall-valutazzjoni.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju ta' kull sena, ir-rapport ta' attività annwali kkonsolidat flimkien mal-valutazzjoni tiegħu jintbagħat mill-bord ta' ġestjoni lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali jistgħu jkunu pprovduti skont l-att kostitwenti f'każijiet ġustifikati kif xieraq, b'mod partikolari meta dan ikun meħtieġ min-natura tal-qasam li fiha jopera l-korp.

*Artikolu 48*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Jekk membru tal-persunal, involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-tranżazzjonijiet iqis li deċiżjoni li s-superjur tiegħu jirrikjedi minnu li japplika jew li jaqbel magħha tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li dak ilmembru tal-persunal huwa rikjest li josserva, huwa jinforma lid-direttur tiegħu li jirrispondi bil-miktub. Jekk id-direttur jonqos milli jieħu azzjoni jew jikkonferma d-deċiżjoni jew listruzzjoni inizjali tiegħu u l-membru tal-persunal iqis li tali konferma ma tikkostitwixxix tweġiba raġonevoli għall-problema tiegħu, il-membru tal-persunal jinforma lill-bord rilevanti msemmi fl-Artikolu 54(5) u lill-bord ta' ġestjoni bil-miktub.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Unjoni, il-membru talpersunal jinforma lill-awtoritajiet jew il-korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli. Il-kuntratti mal-awdituri esterni li jwettqu awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tal-korp tal-Unjoni jipprovdu għall-obbligu tal-awditur estern biex jinforma lill-uffiċjal awtorizzanti bi kwalunkwe suspett ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Unjoni.

*Artikolu 49*

**delega tal-implimentazzjoni tal-baġit**

Meta l-poteri għall-implimentazzjoni tal-baġit ikunu ddelegati jew subdelegati skont l-Artikolu 40, l-Artikolu 44(1), (2) u (3) japplikaw *mutatis mutandis* għall-uffiċċjali awtorizzanti b'delega jew subdelega.

Sezzjoni 3

**Uffiċjal tal-kontabilità**

*Artikolu 50*

**Setgħat u dmirijiet tal-uffiċjal tal-kontabilità**

1. Il-bord ta' ġestjoni jaħtar uffiċjal tal-kontabilità, kopert bir-Regolamenti tal-Persunal, li fil-qadi ta' dmirijietu jkun totalment indipendenti. L-uffiċjal tal-kontabilità jkun responsabbli fil-korp tal-Unjoni:

(a) għall-implimentazzjoni adegwata tal-pagamenti, għall-ġbir tad-dħul u għall-irkupru tal-ammonti stabbiliti bħala riċevibbli;

(b) jipprepara u jippreżenta l-kontijiet skont it-Titolu IX;

(c) iżomm il-kontijiet skont it-Titolu IX;

(d) jimplimenta, b'konformità mat-Titolu IX, ir-regoli tal-kontabilità u l-iskeda tal-kontijiet skont id-dispożizzjonijiet adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni;

(e) jistabbilixxi u jivvalida s-sistemi tal-kontabilità u, fejn xieraq, jivvalida sistemi stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti maħsuba biex ifornu jew jiġġustifikaw l-informazzjoni dwar il-kontijiet; f'dan ir-rigward l-uffiċjal tal-kontabilità jingħata s-setgħa biex jivverifika fi kwalunkwe żmien ir-rispett tal-kriterji ta' validazzjoni;

(f) jamministra t-teżor.

2. Jista' jkun hemm żewġ korpi tal-Unjoni jew aktar li jaħtru l-istess uffiċjal tal-kontabilità.

Korpi tal-Unjoni jistgħu wkoll jaqblu mal-Kummissjoni li l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jaġixxi wkoll bħala l-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni.

Korpi tal-Unjoni jistgħu wkoll jafdaw lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni b'parti mill-kompiti ta' uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni, waqt li jqisu l-analiżi tal-kostbenefiċċju msemmija fl-Artikolu 29.

Fil-każ imsemmi f'dan is-subparagrafu, huma jagħmlu l-arranġamenti neċessarji sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità jakkwista mingħand l-uffiċjal awtorizzanti l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni ta' kontijiet li jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korp tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni tal-baġit. L-uffiċjal awtorizzanti jiggarantixxi l-affidabbiltà ta' tali informazzjoni.

4. Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet mid-direttur, l-uffiċjal tal-kontabilità jiffirmahom u b'dan jiċċertifika li l-uffiċjal tal-kontabilità għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korp tal-Unjoni.

Għal l-iskop tal-ewwel subparagrafu, l-uffiċjal tal-kontabilità jivverifika li l-kontijiet tħejjew skont ir-regoli msemmija fl-Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u li d-dħul u n-nefqa kollha jkunu ddaħħlu fil-kontijiet.

L-uffiċjal awtorizzanti jgħaddi kwalunkwe informazzjoni li l-uffiċjal tal-kontabilità għandu bżonn biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu.

L-uffiċjali awtorizzanti jibqgħu totalment responsabbli għall-użu xieraq tal-fondi li jamministraw, il-legalità u r-regolarità tan-nefqa taħt il-kontroll tagħhom u l-kompletezza u l-akkuratezza tal-informazzjoni mgħoddija lill-uffiċjal tal-kontabilità.

5. L-uffiċjal tal-kontabilità jingħata s-setgħa sabiex jikkontrolla l-informazzjoni li tasal kif ukoll li jwettaq kwalunkwe kontroll ieħor li jqis meħtieġ sabiex jiffirma l-kontijiet.

L-uffiċjal tal-kontabilità jagħmel riżervi, jekk ikun meħtieġ, u jispjega eżattament in-natura u l-ambitu ta' tali riżervi.

6. Bla ħsara għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 51, l-uffiċjal tal-kontabilità biss ikollu l-poter tal-ġestjoni ta' flus kontanti u l-ekwivalenti tagħhom. L-uffiċjal tal-kontabilità jkun responsabbli għas-salvagwardja tagħhom.

7. Fit-twettiq ta' dmirijietu, l-uffiċjal tal-kontabilità jista' jiddelega ċerti kompiti lil persunal ta' taħtu, bla ħsara għar-Regolamenti tal-Persunal, fejn dan ikun indispensabbli għall-qadi ta' dmirijietu.

8. L-istrument tad-delega jippreskrivi l-kompiti fdati lil min jirċievi d-delega u d-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

Taqsima 4

**Amministratur imprest**

*Artikolu 51*

**Kontijiet imprest**

Fejn huwa indispensabbli għall-pagament ta' ammonti żgħar u għall-ġbir ta' dħul ieħor imsemmi fl-Artikolu 6, jistgħu jitwaqqfu kontijiet imprest. Il-kontijiet imprest jimtlew mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-istituzzjoni u jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà ta' amministraturi imprest maħturin mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-istituzzjoni.

L-ogħla ammont ta' kull partita ta' nefqa jew dħul li jista' jitħallas mill-aministratur imprest lil partijiet terzi ma jistax jaqbeż EUR 60 000 u jkun speċifikat minn kull korp tal-Unjoni għal kull partira ta' nefqa jew dħul. 'Pagamenti minn kontijiet imprest jistgħu jsiru permezz ta' trasferiment ta' kreditu bil-bank, inkluża s-sistema ta' debitu dirett imsemmija fl-Artikolu 74(1), ċekk jew mezz ieħor ta' ħlas, skont l-istruzzjonijiet stipulati mill-uffiċjal tal-kontabilità.'

*KAPITOLU 3*

***Responsabbiltà tal-atturi finanzjarji***

Sezzjoni 1

**Regoli ġenerali**

*Artikolu 52*

**Irtirar ta' delegi u sospensjoni tal-kompiti mogħtija lill-atturi finanzjarji**

1. L-uffiċjali awtorizzanti b'delega u subdelega jistgħu fi kwalunkwe waqt ikollhom id-delega jew is-subdelega tagħhom irtirata temporanjament jew definittivament mill-awtorità li taħtarhom. L-uffiċċjal awtorizzanti jista', f'kull żmien, jirtira l-qbil tiegħu għal subdelega speċifika.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità jew l-amministrattur imprest, jew it-tnejn li huma, jistgħu fi kwalunkwe waqt ikunu sospiżi temporanjament jew definittivament mid-dmirijiet tagħhom mill-bord ta' ġestjoni. F'każ bħal dan, il-bord ta' ġestjoni jaħtar uffiċjal interim tal-kontabilità.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ikunu bla ħsara għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari meħuda fir-rigward tal-atturi finanzjarji msemmija f'dwak il-paragrafi.

*Artikolu 53*

**Responsabbiltà tal-atturi finanzjarji għal attività illegali, frodi jew korruzzjoni**

1. L-Artikoli 52 sa 56 huma bla ħsara għal kwalunkwe responsabbiltà skont id-dritt kriminali, li l-atturi finanzjarji msemmijin fl-Artikolu 52 jistgħu jġarbu kif previst fid-dritt nazzjonali applikabbli u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Unjoni jew uffiċjali tal-Istati Membri.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 54, 55 u 56, kull wieħed mill-uffiċjali awtorizzanti, mill-uffiċjali tal-kontabilità jew l-amministraturi imprest ikun suġġett għal azzjoni dixxiplinari u pagament ta' kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal. Fil-każ ta' attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni, il-kwistjoni tkun ippreżentata lill-awtoritajiet u lill-korpi nnominati bil-leġislazzjoni applikabbli, partikolarment lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.

Taqsima 2

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali awtorizzanti**

*Artikolu 54*

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali awtorizzanti**

1. L-uffiċjal awtorizzanti jkun responsabbli għall-pagament ta' kumpens kif stipulat fir-Regolamenti tal-Persunal.

2. L-obbligu li jitħallas kumpens japplika partikolarment jekk l-uffiċjal awtorizzanti, jew b'mod intenzjonat jew minħabba traskuraġni serja min-naħa tiegħu:

(a) jiddetermina intitolamenti li għandhom jiġu rkuprati jew joħroġ ordnijiet ta' rkupru, jikkommetti nefqa jew jiffirma ordni ta' pagament mingħajr ma jkun konformi ma' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, mar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-Korp tal-Unjoni;

(b) jonqos milli jfassal dokument li jistabbilixxu ammont riċevibbli, jittraskura milli joħroġ ordni ta' rkupru jew jittardja l-ħruġ tagħha jew jittardja l-ħruġ ta' ordni għal ħlas, u b'hekk jesponi lill-korp tal-Unjoni għal azzjoni ċivili minn partijiet terzi.

3. Uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega li jikkonsidra li deċiżjoni li jkun fir-responsabilità tiegħu li għandu jieħu tkun irregolari jew kontra l-prinċipji tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba, jinforma b'dan bil-miktub lill-awtorità tad-delega. Jekk l-awtorità tad-delega mbagħad tagħti bil-miktub struzzjoni motivata lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega biex jieħu d-deċiżjoni, dak l-uffiċjal awtorizzanti ma jinżammx responsabbli.

4. Fil-każ ta' delega, l-uffiċjal awtorizzanti jibqa' responsabbli mill-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti u għall-għażla tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega.

5. Il-bord speċjalizzat fl-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit mill-Kummissjoni jew li fih il-Kummissjoni tiegħu sehem skont l-Artikolu 73(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, jeżerċita l-istess setgħat fir-rigward tal-korp tal-Unjoni kif huwa jagħmel fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, sakemm il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv ma jiddeċiedix li jwaqqaf bord funzjonalment indipendenti, jew li jipparteċipa f'bord konġunt imwaqqaf minn diversi korpi. Għal każijiet preżentati mill-korpi tal-Unjoni, il-bord speċjalizzat fl-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni jew li fih tipparteċipa l-Kummissjoni jinkludi membru wieħed tal-persunal ta' korp tal-Unjoni.

Fuq il-bażi tal-opinjoni tal-bord imsemmi fl-ewwel subparagrafu, id-direttur jiddeċiedi jekk jagħtix bidu għal proċedimenti għal azzjoni dixxiplinari jew għall-pagament ta' kumpens. Jekk il-bord jidentifika problemi sistematiċi, huwa jibgħat rapport bir-rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Jekk l-opinjoni timplika lid-direttur, il-bord jibgħatha lill-bord ta' ġestjoni u lill-awditur intern tal-Kummissjoni. Id-direttur jirreferi, f'forma anonima, għall-opinjonijiet tal-bord fir-rapport ta' attività annwali u jindika l-miżuri ta' segwitu meħuda.

6. Kull membru tal-persunal jista' jintalab jagħmel tajjeb għad-dannu, kollu jew parti minnu, li jkun sofra l-bord tal-Unjoni minħabba mġiba serjament ħażina min-naħa tiegħu jew tagħha waqt il-qadi ta' dmirijietu/ha jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu/ha. L-awtorità tal-ħatra tieħu deċiżjoni motivata wara li twettaq il-formalitajiet preskritti mir-Regolamenti tal-Persunal rigward kwistjonijiet dixxiplinari.

### Taqsima 3

### Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontabilità u l-amministraturi imprest

*Artikolu 55*

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontabilità**

Uffiċjal tal-kontabilità jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinari u pagament ta' kumpens, kif stabbilit u skont il-proċeduri tar-Regolamenti tal-Persunal. Uffiċjal tal-kontabilità jista', b'mod partikolari, isir suġġett għal dan b'riżultat ta' kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta ħażina minn naħa tiegħu:

(a) telf jew ikkawżar ta' danni lil fondi, assi jew dokumenti li jkun fil-pussess tiegħu jew tagħha jew l-ikkawżar tat-telf jew il-ħsara tagħhom minħabba n-negliġenza tiegħu jew tagħha;

(b) bdil ta' kontijiet bankarji jew kontijiet kurrenti postali b'mod żbaljat;

(c) irkuprar jew pagament ta' ammonti li ma jkunux konformi mal-ordnijiet għall-irkupru jew ordnijiet għall-pagament korrispondenti;

(d) huwa jonqos milli jiġbor id-dħul dovut.

*Artikolu 56*

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali imprest**

Amministratur imprest ikun suġġett għal azzjoni dixxiplinari u l-pagament ta' kumpens, kif stabbilit u b'konformità mal-proċeduri fir-Regolamenti tal-Persunal. B'mod partikolari, amministratur imprest jista' jagħmel lilu nnifsu suġġett għal dan b'riżultat ta' kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta ħażina minn naħa tiegħu:

(a) telf jew ikkawżar ta' danni lil fondi, assi u dokumenti li jkun fil-pussess tiegħu jew tagħha jew l-ikkawżar tat-telf jew il-ħsara tagħhom minħabba n-negliġenza tiegħu jew tagħha;

(b) nuqqas ta' provi dokumentarji adegwati għall-pagamenti li jkun għamel;

(c) pagamenti magħmula lil persuni li mhumiex intitolati għal tali pagamenti;

(d) huwa jonqos milli jiġbor id-dħul dovut.

### KAPITOLU 4

### *Operazzjonijiet ta' dħul*

*Artikolu 57*

**Talba għall-pagament**

Il-korp tal-Unjoni jippreżenta lill-Kummissjoni talbiet għall-pagament tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni kollha jew parti minnha skont l-Artikolu 19(6) skont it-termini u fl-intervalli maqbula mal-Kummissjoni.

*Artikolu 58*

**Trattament ta' imgħax**

L-imgħax iġġenerat minn fondi imħallsa lill-korp tal-Unjoni mill-Kummissjoni permezz tal-kontribuzzjoni ma jkunx dovut lill-baġit.

*Artikolu 59*

**Estimu tal-ammonti riċevibbli**

1. Meta l-uffiċjal awtorizzanti jkollu informazzjoni suffiċjenti u affidabbli fir-rigward ta' kwalunkwe miżura jew sitwazzjoni li jistgħu jwasslu biex ikun hemm ammont dovut lill-korp tal-Unjoni, l-uffiċjal awtorizzanti jagħmel estimu tal-ammont riċevibbli.

2. L-estimu tal-ammont riċevibbli jkun aġġustat mill-uffiċjal awtorizzanti malli dan isir jaf b'avveniment li jimmodifika l-miżura jew is-sitwazzjoni li wasslet li għall-estimu.

Meta jistabbilixxi l-ordni ta' rkupru dwar miżura jew sitwazzjoni li qabel kienet wasslet għal estimu tal-ammonti riċevibbli, tali estimu tiġi aġġustat skont dan mill-uffiċjal awtorizzanti.

Jekk l-ordni ta' rkupru jsir għall-istess ammont bħall-estimu oriġinali tal-ammonti riċevibbli, tali estiu jitnaqqas għal żero.

*Artikolu 60*

**Stabbiliment tal-ammonti riċevibbli**

1. L-istabbiliment ta' ammont riċevibbli huwa l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti:

(a) jivverifika li d-dejn jeżisti;

(b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tad-dejn;

(c) jivverifika l-kundizzjonijiet li fihom ikun dovut id-dejn.

2. Kwalunkwe ammont riċevibbli li jiġi identifikat bħala ċert, ta' ammont fiss u dovut jiġi stabbilit permezz ta' ordni ta' rkupru lill-uffiċjal tal-kontabilità permezz ta' nota ta' debitu lid-debitur, li jkunu t-tnejn magħmula mill-uffiċjal awtorizzanti.

3. L-ammonti li jitħallsu bi żball ikunu rkuprati.

4. Kwalunkwe debitu mhux mħallas lura sad-data stipulata fin-nota ta' debitu jiġġenera imgħax skont ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012.

5. F'każijiet sustanzjati kif xieraq, ċerti partiti tad-dħul ta' rutina jistgħu jkunu stabbilit proviżorjament. L-istabbiliment proviżorju jkopri l-irkupru ta' bosta ammonti individwali li ma jeħtiġux għalhekk li jiġu stabbiliti individwalment. Qabel tmiem is-sena finanzjarja, l-uffiċjal awtorizzanti jemenda l-ammonti stabbiliti proviżorjament biex jiżgura li jikkorrispondu għall-ammonti riċevibbli realment stabbiliti.

*Artikolu 61*

**Awtorizzazzjoni tal-irkupru**

L-awtorizzazzjoni tal-irkupru hija att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontabilità, bil-ħruġ ta' ordni ta' rkupru, sabiex jirkupra ammont riċevibbli li l-uffiċjal awtorizzanti jkun stabbilixxa.

*Artikolu 62*

**Regoli dwar l-irkupru**

1. L-uffiċjal tal-kontabilità jaġixxi fuq ordnijiet għall-irkupru għal ammonti riċevibbli li jkunu ġew iddeterminati b'mod xieraq mill-uffiċjal awtorizzanti. L-uffiċjal tal-kontabilità jeżerċita diliġenza dovuta sabiex jiżgura li l-korp tal-Unjoni jirċievi d-dħul tiegħu u jiżgura li d-drittijiet tiegħu jkunu salvagwardjati.

2. Jekk l-irkupru effettiv ma jseħħx fl-iskadenza prevista fin-nota tad-debitu, l-uffiċjal tal-kontabilità jgħarraf lill-uffiċjal awtorizzanti u jniedi minnufih il-proċedura tal-irkupru bi kwalunkwe mezz legali, inkluż, jekk ikun il-każ, permezz ta' tpaċija, u jekk dan ma jkunx jistax isir, permezz ta' infurzar.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità jirkupra ammonti billi jpaċihom ma' pretensjonijiet ekwivalenti li l-korp tal-Unjoni jkollu fuq kull debitur li min-naħa tiegħu jkollu pretensjoni fuq il-korp tal-Unjoni. Tali pretensjonijiet ikunu ċerti, ta' ammont fiss u eżegwibbli.

4. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti jkun qiegħed jippjana li jirrinunzja għal jew parzjalment jirrinunzja għal irkupru ta' xi ammont riċevibbli stabbilit, huwa jiżgura li r-rinunzja ssir sewwa u li tkun konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità. Id-deċiżjoni ta' rinunzja tkun ssostanzjata. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiddelega din id-deċiżjoni ta' rinunzja biss għal ammonti riċevibbli ta' anqas minn EUR 5 000.

Id-deċiżjoni ta' rinunzja ssemmi liema azzjonijiet ikunu ttieħdu biex isir l-irkupru u l-punti ta' dritt u ta' fatt li fuqhom tkun ibbażata.

5. L-uffiċjal awtorizzanti jikkanċella ammont riċevibbli stabbilit b'mod sħiħ jew parzjali meta s-sejba ta' żball turi li l-ammont ma ġiex stabbilit sewwa. Tali kanċellazzjoni ssir b'deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzanti u tkun is-suġġett ta' motivazzjoni xierqa.

*Artikolu 63*

**Formalitajiet ta' ġbir**

1. L-irkupru effettiv mill-uffiċjal tal-kontabilità jagħti lok għall-annotazzjoni mill-istess uffiċjal tal-kontabilità fil-kontijiet u l-għoti ta' din l-informazzjoni lill-uffiċjal awtorizzanti.

2. Kull pagament fi flus kontanti lill-uffiċjal tal-kontabilità jagħti lok għall-ħruġ ta' irċevuta.

3. Rimborż parzjali minn debitur suġġett għal diversi ordnijiet ta' rkupru jrid l-ewwel jitħallas fuq l-aktar intitolament antik sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mid-debitur.

Kwalunkwe pagament parzjali jrid l-ewwel ikopri l-imgħax.

*Artikolu 64*

**Żmien addizzjonali għal pagament**

1. L-uffiċjal tal-kontabilità, f'kollaborazzjoni mal-uffiċjal awtorizzanti, jista' jagħti aktar żmien biex isir il-pagament biss b'talba bil-miktub mid-debitur, bir-raġunijiet għaliex għandu jagħmel dan, u bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-debitur iwiegħed li jħallas imgħax bir-rata speċifikata fl-Artikolu 83 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 għall-perjodu addizzjonali sħiħ permess, li jibda mill-iskadenza msemmija fl-Artikolu 80(3)(b) ta' Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012;

(b) sabiex ikunu mħarsa d-drittijiet tal-korp tal-Unjoni, id-debitur jagħti garanzija finanzjarja li tagħmel tajjeb għas-somma prinċipali u għall-imgħax, li tkun aċċettata mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni.

Il-garanzija msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tista' tinbidel b'garanzija konġunta jew bosta garanziji minn parti terza approvati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni.

2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, wara talba mid-debitur, l-uffiċjal tal-kontabilità jista' jirrinunzja għall-ħtieġa ta' garanzija msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 meta, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tiegħu, id-debitur ikun irid u jkun jista' jagħmel il-pagament fil-perjodu ta' żmien addizzjonali, iżda ma jkunx jista' jipprovdi tali garanzija u jkun jinsab f'sitwazzjoni diffiċli.

*Artikolu 65*

**Lista ta' intitolamenti**

1. L-uffiċjal tal-kontabilità jżomm lista ta' ammonti li għandhom ikunu rkuprati. L-intitolamenti tal-korp tal-Unjoni jinġabru flimkien fil-lista skont id-data tal-ħruġ tal-ordni ta' rkupru. L-uffiċjal tal-kontabilità jindika d-deċiżjonijiet biex issir rinunzja jew rinunzja parzjali għall-irkupru ta' ammonti stabbiliti. Il-lista tiżdied mar-rapport tal-korp tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja.

2. Il-korp tal-Unjoni jistabbilixxi lista ta' intitolamenti tal-korp tal-Unjoni li tinkludi l-ismijiet tad-debituri u l-ammonti tad-djun, fejn id-debitur ikun ġie ordnat jagħmel rimborż b'deċiżjoni tal-Qorti li għandha s-saħħa ta' *res judicata* u fejn l-ebda pagament jew l-ebda rimborż sinifikanti ma jkun sar għal sena wara l-pronunzjament tagħha. Il-lista tiġi ppubblikata, filwaqt li tittieħed inkonsiderazzjoni l-protezzjoni tad-dejta personali skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-dejta personali li tirreferi għal persuni fiżiċi, l-informazzjoni ppubblikata titneħħa ladarba l-ammont tad-dejn jitħallas kollu. L-istess japplika għad-dejta personali li tirreferi għal persuni ġuridiċi li għalihom it-titolu uffiċjali jidentifika persuna fiżika waħda jew iktar.

Id-deċiżjoni li d-debitur jiġi inkluż fil-lista ta' intitolamenti tal-korp tal-Unjoni tittieħed f'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità u tikkunsidra b'mod partikolari l-importanza tal-ammont.

*Artikolu 66*

**Perjodu ta' limitazzjoni**

L-intitolamenti tal-korp tal-Unjoni fir-rigward ta' partijiet terzi u l-intitolamenti ta' partijiet terzi fir-rigward tal-korp tal-Unjoni jkunu suġġetti għal terminu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

*Artikolu 67*

**Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għat-tariffi u l-imposti**

Meta l-korp tal-Unjoni jiġbor tariffi u imposti msemmijin fl-Artikolu 6(1)(a), estimu totali provviżorju ta' dawn it-tariffi u l-imposti jsir fil-bidu ta' kull sena finanzjarja.

Fejn it-tariffi u l-imposti huma ddeterminati kompletament permezz ta' leġiżlazzjoni jew deċiżjonijiet tal-bord ta' ġestjoni, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jastjeni milli joħriġ ordnijiet ta' rkupru u, wara li jkun stabbilixxa l-ammont riċevibbli, iħejji direttament noti ta' debitu. F'dan il-każ, jiġu rreġistrati d-dettalji kollha tal-intitolament tal-korp tal-Unjoni. L-uffiċjal tal-kontabilità jżomm lista tan-noti ta' debitu kollha u jagħti l-għadd ta' noti ta' debitu u l-ammont globali fir-rapport tal-korp tal-Unjoni dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja.

Fejn il-korp tal-Unjoni juża sistema ta' fatturar separata, l-uffiċjal tal-kontabilità jdaħħal is-somma akkumulata ta' tariffi u imposti riċevuti fil-kontijiet regolarment, u tal-anqas kull xahar.

Il-korp tal-Unjoni jipprovdi servizzi bis-saħħa tal-kompiti fdati lilu biss wara li l-pagament korrispondenti jkun tħallas fl-intier tiegħu. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, servizz jista' jkun ipprovdut mingħajr pagament minn qabel tal-imposta jew tariffa korrispondenti. F'każijiet fejn ingħata servizz mingħajr ma kien hemm pagament minn qabel tal-imposta jew tariffa korrispondenti., l-Artikoli 60 sa 66 japplikaw.

*KAPITOLU 5*

***Operazzjonijiet ta' nefqa***

*Artikolu 68*

**Deċiżjoni ta' finanzjament**

1. Kull element tan-nefqa jiġi impenjat, validat, awtorizzat u mħallas.

2. Kull impenn ta' nefqa jrid jiġi wara deċiżjoni ta' finanzjament.

3. Il-programm ta' ħidma annwali tal-korp tal-Unjoni jkun ekwivalenti għal deċiżjoni ta' finanzjament għall-attivitajiet li jkopri, sakemm l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 32(3) huma identifikati b'mod ċar.

4. Approprjazzjonijiet amministrattivi jistgħu isiru mingħajr ma ssir deċiżjoni ta' finanzjament minn qabel.

*Artikolu 69*

**Tipi ta' impenji**

1. Impenn tal-baġit huwa l-operazzjoni li biha l-approprjazzjoni neċessarja sabiex tkopri l-pagamenti sussegwenti sabiex ikunu onorat impenji legali hija rriservata.

2. Impenn legali huwa att li bih l-uffiċjal awtorizzanti jidħol fi, jew jistabbilixxi, obbligu li jirriżulta f'imposta.

3. L-impenji tal-baġit jaqgħu taħt waħda mit-tliet kategoriji li ġejjin:

(a) individwali: l-impenn tal-baġit huwa individwali meta r-riċevent u l-ammont tan-nefqa huma magħrufa;

(b) globali: l-impenn tal-baġit huwa globali meta għall-anqas wieħed mill-elementi meħtieġa biex ikun identifikat l-impenn individwali jkun għadu mhux magħruf;

(c) provviżorju: l-impenn tal-baġit huwa provviżorju meta huwa ntiż biex ikopri nefqa amministrattiv ta' rutina u jew l-ammont jew ir-riċeventi finali mhumiex magħrufa.

L-impenji baġitarji proviżorji jkunu implimentati jew bil-konklużjoni ta' wieħed jew aktar mill-impenji ġuridiċi individwali li joħolqu intitolament għal pagamenti sussegwenti, inkella, f'każijiet eċċezzjonali marbuta man-nefqa tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, direttament permezz ta' pagamenti.

4. L-impenji tal-baġit għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jkunu maqsuma matul diversi snin f'pagamenti parzjali annwali biss meta l-att kostitwenti jew l-att bażiku jipprovdi dan jew fejn ikunu relatati man-nefqa amministrattiva.

*Artikolu 70*

**Regoli applikabbli għall-impenji**

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' tistabbilixxi nefqa addebitabbli lill-baġit tal-korp tal-Unjoni, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli l-ewwel jagħmel impenn baġitarju qabel ma' jidħol għal impenn legali ma' partijiet terzi.

2. L-obbligu biex isir impenn baġitarju qabel ma jittieħed impenn legali kif previst fil-paragrafu 1, ma jkunx applikabbli għall-impenji legali konklużi wara dikjarazzjoni ta' sitwazzjoni ta' kriżi fil-qafas tal-pjan ta' kontinwità tal-attivitajiet, f'konformità mal-proċeduri adottati mill-korp tal-Unjoni.

3. L-impenji globali baġitarji jkopru l-kostijiet totali tal-impenji legali individwali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N + 1.

Suġġett għall-Artikoli 69(4) u 87(2) l-impenji legali individwali li jirrigwardaw impenji individwali jew proviżżorji tal-baġit ikunu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena N.

Fit-tmiem tal-perjodi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu, il-bilanċ mhux użat ta' tali impenji baġitarji jkun diżimpenjat mill-uffiċjal awtorizzanti.

L-ammont ta' kull impenn legali individwali adottat b'segwiment ta' impenn globali baġitarju, qabel il-firma, ikun irreġistrat mill-uffiċjal awtorizzanti fil-kontijiet tal-baġit u mdaħħal fl-impenn globali baġitarju.

4. L-impenji baġitarji u legali li jsiru għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda, ħlief fil-każ ta' nefqa tal-persunal, ikollhom data finali għall-implimentazzjoni stabbilita, b'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Xi partijiet ta' tali impenji li ma jkunux ġew effettwati fi żmien sitt xhur wara d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkunu diżimpenjati f'konformità mal-Artikolu 16.

L-ammont ta' impenn tal-baġit li jikkorrispondi għal impenn legali li għalih ma sar l-ebda pagament skont it-tifsira tal-Artikolu 75 f'perjodu ta' sentejn wara l-iffirmar tal-impenn legali jkun diżimpenjat, ħlief fejn dak ammont ikun relatat ma' każijiet f'litigazzjoni quddiem qrati ġudizzjarji jew korpi arbitrali jew fejn jeżistu dispożizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-atti bażiċi.

*Artikolu 71*

**Verifiki applikabbli għall-impenji**

1. Meta jaddotta impenn baġitarju, l-uffiċċjal awtorizzanti jrid jiżgura li:

(a) in-nefqa tkun ġiet debitata lill-partita korretta tal-baġit tal-korp tal-Unjoni;

(b) l-approprjazzjonijiet ikunu disponibbli;

(c) in-nefqa konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli, b'mod partikolari dawk tal-istrument kostitwenti, ir-regoli finanzjarji ta' kull entità tal-Komunità u l-atti kollha addottati skonthom;

(d) jiġi rispettat il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

2. Meta jirreġistra l-impenn legali b'firma fiżika jew elettronika, l-uffiċjal awtorizzanti jiżgura li:

(a) l-impenn ikun kopert bl-impenn tal-baġit li jikkorrispondi miegħu;

(b) in-nefqa hija legali u regolari u konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli, b'mod partikolari dawk ta l-istrument kostitwenti, ir-regoli finanzjarji ta' kull korp tal-Unjoni u l-atti kollha addottati skonthom;

(c) jiġi rispettat il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

*Artikolu 72*

**Validazzjoni tan-nefqa**

Il-validazzjoni tan-nefqa hu l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti:

(a) jivverifika l-eżistenza tal-initolament tal-kreditur;

(b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tal-pretensjoni;

(c) jivverifika l-kundizzjonijiet li fihom huwa dovut il-ħlas.

*Artikolu 73*

**Validazzjoni u forma materjali għall-"mgħoddi għall-pagament"**

1. Il-validazzjoni ta' kwalunkwe nefqa tkun ibbażata fuq id-dokumenti ta' sostenn li juru l-intitolament tal-kreditur, fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni tas-servizzi tassew mogħtija, il-provvisti tassew ikkonsenjati jew ix-xogħol tassew imwettaq, jew fuq il-bażi ta' dokumenti oħra li jiġġustifikaw il-ħlas, inklużi pagamenti rikorrenti ta' sottoskrizzjonijiet jew korsijiet ta' taħriġ.

2. L-uffiċjal awtorizzanti jivverifika d-dokumenti ta' sostenn personalment jew, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess, jaċċerta li dan ikun sar, qabel ma jieħu d-deċiżjoni li jivvalida n-nefqa.

3. Id-deċiżjoni ta' validazzjoni hija kkomunikata permezz bl-iffirmar ta' "mgħoddi għall-pagament" mill-uffiċjal awtorizzanti.

4. F'sistema mhux ikkompjuterizzata, il-"mgħoddi għall-pagament" issir permezz ta' timbru li jkun jinkorpora il-firma tal-uffiċjal awtorizzanti.

F'sistema kkompjuterizzata, il-"mgħoddi għall-pagament" issir permezz ta' validazzjoni permezz tal-password personali tal-uffiċjal awtorizzanti.

*Artikolu 74*

**Awtorizzazzjoni tan-nefqa**

1. L-awtorizzazzjoni tan-nefqa hija l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti, wara li jkun ivverifika li l-approprjazzjonijiet ikunu disponibbli, jagħti struzzjoni lill-uffiċjal tal-kontabilità billi joħroġ ordni għall-ħlas, sabiex jitħallas ammont tan-nefqa li l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun ivvalida.

Fejn isiru pagamenti perjodiċi fir-rigward tas-servizzi mogħtija, inklużi s-servizzi ta' kiri jew ta' merkanzija konsenjata, u bla ħsara għall-analiżi tar-riskju tal-uffiċjal awtorizzanti, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.

2. L-ordni ta' pagament tiġi ddatata u ffirmata mill-uffiċjal awtorizzanti u mbagħad tintbagħat lill-uffiċjal tal-kontabilità. Id-dokumenti ta' sostenn jinżammu mill-uffiċjal awtorizzanti skont l-Artikolu 44(5).

3. Fejn xieraq, l-ordni tal-pagament mibgħuta lill-uffiċjal tal-kontabilità tkun akkumpanjata minn dokument li jiċċertifika li l-oġġetti ddaħħlu fl-inventarji msemmija fl-Artikolu 106(1).

*Artikolu 75*

**Tipi ta' pagamenti**

1. Il-pagament isir mal-preżentazzjoni ta' prova li l-azzjoni relevanti tkun twettqet f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att bażiku jew mal-kuntratt jew mal-ftehim tal-għotja, u jkopri waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pagament tal-ammont kollu dovut;

(b) il-pagament tal-ammont dovut f'xi wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin:

(1) prefinanzjament li jista' jinqasam f'numru ta' pagamenti wara l-iffirmar tal-kuntratt jew ftehim ta' għotja jew wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-għotja;

(2) pagament interim wieħed jew aktar bħala kontroparti għat-twettiq parzjali tal-azzjoni;

(3) pagament tal-bilanċ tal-ammonti dovuti meta l-azzjoni tiġi mwettqa b'mod sħiħ.

Il-prefinanzjament jipprovdi float. Dan jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Pagament interim, li jista' jiġi ripetut, jista' jkopri n-nefqa mġarrba għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni jew tal-ftehim jew biex jitħallsu servizzi, provvisti jew xogħlijiet li jkunu saru u/jew li ġew ikkonsenjati fl-istadji interim tal-kuntratt. Huwa jista' jikklerja l-prefinanzjament kollu jew parti minnu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-att bażiku.

L-għeluq tan-nefqa jieħu l-forma tal-pagament tal-bilanċ, li ma jistax jiġi ripetut u li jikklerja n-nefqa kollha preċedenti, jew ordni ta' rkupru.

2. Issir distinzjoni fil-kontabilità baġitarja bejn it-tipi differenti ta' pagamenti msemmija fil-paragrafu 1 meta jsir kull ħlas.

*Artikolu 76*

**Pagament limitat għall-fondi disponibbli**

Il-pagament tan-nefqa jsir mill-uffiċjal tal-kontabilità fil-limiti tal-fondi disponibbli.

*Artikolu 77*

**Limiti taż-żmien**

Il-pagament tan-nefqa jsir fil-limiti ta' żmien speċifikati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012, u skonthom.

*KAPITOLU 6*

***Sistemi tal-IT***

*Artikolu 78*

**Ġestjoni elettronika tal-operazzjonijiet**

Fejn id-dħul u n-nefqa ikunu amministrati permezzi ta' sistemi komputerizzati, id-dokumenti jistgħu jiġu ffirmati bi proċedura komputerizzata jew elettronika.

*Artikolu 79*

**Gvern elettroniku**

Il-korp tal-Unjoni jistabbilixxi u japplika standards uniformi għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni ma' terzi li jieħdu sehem fi proċeduri ta' akkwist u għotjiet. B'mod partikolari, sal-massimu possibbli, dawn ifasslu u jimplimentaw soluzzjonijiet għall-preżentazzjoni, il-ħżin u l-ipproċessar tad-dejta ppreżentata fil-kuntest tal-proċeduri ta' akkwist u ta' għoti, u għal dawn il-finijiet, jiddefinixxu spazju ta' interskambju tad-dejta elettronika uniku għall-applikanti, il-kandidati u l-offerenti.

*Artikolu 80*

**Amministrazzjoni tajba**

1. L-uffiċjal awtorizzanti jħabbar mingħajr dewmien il-bżonn ta' forniment ta' provi u/jew dokumentazzjoni, il-forma u l-kontenut prerekwżit tagħhom, kif ukoll, jekk ikun il-każ, l-iskeda indikattiva għat-tlestija tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni.

2. Fejn, minħabba żball klerikali evidenti min-naħa tal-applikant jew tal-offerent, l-applikant jew l-offerent jonqos milli jippreżenta provi jew jagħmel dikjarazzjonijiet, il-kumitat ta' evalwazzjoni jew, jekk ikun il-każ, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, għajr f'każijiet debitament ġustifikati, jitlob lill-applikant jew lill-offerent iforni l-informazzjoni nieqsa jew jiċċara l-provi dokumentarji. Tali informazzjoni jew kjarifiki ma jimmodifikaw sostanzjalment il-proposta jew jalteraw it-termini tas-sejħa għall-offerti.

*Artikolu 81*

**Indikazzjoni ta' mezzi ta' rimedju**

Meta att proċedurali ta' uffiċjal awtorizzanti jolqot b'mod negattiv id-drittijiet ta' applikant jew ta' offerent, benefiċjarju jew kuntrattur, huwa jkun fih indikazzjoni tal-mezzi disponibbli ta' rimedju amministrattiv u/jew ġudizzjarju għall-kontestazzjoni ta' dak l-att.

B'mod partikolari, in-natura tar-rimedju, l-entità jew l-entitajiet lil min jista' jitressaq kif ukoll il-limiti taż-żmien għall-eżerċizzju tagħhom ikunu indikati.

*KAPITOLU 7*

***Awditur intern***

*Artikolu 82*

**Ħatra u setgħat u dmirijiet tal-awditur intern**

1. Il-korp tal-Unjoni jkollu funzjoni ta' awditjar intern li trid issir skont l-istandardi internazzjonali relevanti.

2. Il-funzjoni tal-awditjar intern titwettaq mill-awditur intern tal-Kummissjoni. L-awditur intern la jista' jkun uffiċjal awtorizzanti u lanqas uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jew tal-Kummissjoni

3. L-awditur intern jagħti pariri lill-korp tal-Unjoni dwar it-trattament tar-riskji, billi jagħti fehmiet indipendenti fuq il-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-operazzjonijiet u l-promozzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

L-awditur intern ikun responsabbli, partikolarment, għal:

(a) valutazzjoni tal-idoneità u l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni interna u l-prestazzjoni tad-dipartimenti fil-programmi u azzjonijiet ta' implimentazzjoni b'referenza għar-riskji marbuta magħhom;

(b) valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern u ta' awditjar intern applikabbli għal kull operazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

4. L-awditur intern iwettaq id-doveri tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet u d-dipartimenti kollha tal-korp tal-Unjoni. L-awditur intern igawdi minn aċċess sħiħ u mingħajr limitu għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq dmirijitu.

5. L-awditur intern jieħu nota tar-rapport annwali kkonsolidat tal-attività tal-uffiċjali awtorizzanti u ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni oħra identifikata.

6. L-awditur intern jirrapporta lill-bord ta' ġestjoni u lid-direttur dwar is-sejbiet tiegħu u dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

L-awditur intern jirrapporta wkoll fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

— riskji u rakkomandazzjonijiet kritiċi ma ġewx indirizzati,

— hemm dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet magħmula fis-snin ta' qabel.

Il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv u d-direttur jiżguraw monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv jeżamina l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(1)(a) u jekk ir-rakkomandazzjonijiet ġewx kompletament implimentati u jekk l-implimentazzjoni kinitx f'waqtha.

7. Il-korp tal-Unjoni jagħmel disponibbli d-dettalji ta' kuntatt tal-awditur intern għal kull persuna fiżika jew ġuridika involuta f'operazzjonijiet ta' nefqa, sabiex ikunu jistgħu jikkuntatjaw lill-awditur intern b'mod kunfidenzjali.

8. Ir-rapporti u r-riżultati tal-awditur intern ikunu aċċessibbli għall-pubbliku biss wara validazzjoni mill-awditur intern tal-azzjoni meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom.

*Artikolu 83*

**Indipendenza tal-awditur intern**

L-indipendenza tal-awditur intern, ir-responsabbiltà tiegħu għall-azzjoni meħuda fit-twettiq ta' dmirijietu u d-dritt tal-awditur intern li jressaq kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiġi determinata skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

*Artikolu 84*

**Stabbiliment tal-kapaċità ta' awditjar intern**

1. Il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv jista' jistabbilixxi, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kosteffiċjenza u l-valur miżjud, kapaċità ta' awditjar intern, li twettaq id-dmirijiet tagħha skont l-istandards internazzjonali rilevanti.

L-għan, l-awtorità u r-responsabbiltà tal-kapaċità ta' awditjar intern ikun provdut għalihom fil-karta tal-awditjar intern u jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, tal-bord eżekuttiv.

Il-pjan annwali tal-awditjar ta' kapaċità ta' awditjar intern jiġi mfassal mill-Kap ta' kapaċità tal-awditjar intern li jqis *inter alia* l-valutazzjoni tar-riskju tad-direttur fil-korp tal-Unjoni.

Huwa jiġi analizzat u approvat mill-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, mill-bord eżekuttiv.

Il-kapaċità ta' awditjar intern tirrapporta lill-bord ta' ġestjoni u, fejn xieraq, lill-bord eżekuttiv u lid-direttur dwar dak li ssib u dwar ir-rakkomandazzjonijiet tagħha.

2. Jekk il-kapaċità tal-awditjar intern ta' korp waħdieni tal-Unjoni ma tkunx kosteffikaċji jew ma tkunx tista' tilħaq standards internazzjonali, il-korp tal-Unjoni jista' jiddeċiedi li jikkondividi kapaċità ta' awditjar intern ma' korpi oħra tal-Unjoni li jaħdmu fl-istess qasam ta' politika.

F'tali każijiet il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv tal-korp tal-Unjoni kkonċernat jaqblu dwar il-modalitajiet prattiċi tal-kapaċità kondiviża ta' awditjar intern.

3. L-atturi ta' awditjar intern jikkooperaw effiċjentement billi jiskambjaw informazzjoni u r-rapporti ta' awditjar u, fejn xieraq, jistabbilixxu valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, u jwettqu awditi konġunti.

Il-bord ta' ġestjoni jew, fejn permess mill-att kostitwenti, il-bord eżekuttiv u d-direttur jiżguraw monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-kapaċità ta' awditjar intern.

TITOLU V

**AKKWIST PUBBLIKU**

*Artikolu 85*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Fir-rigward tal-akkwisti, it-Titolu V tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplikaw suġġett għall-Artikolu 86.

2. Il-korp tal-Unjoni jista', fuq talba proprja, ikun assoċjat, bħala awtorità kontraenti, fl-għoti ta' kuntratti tal-Kummissjoni jew kuntratti interistituzzjonali u fl-għoti ta' kuntratti ta' korpi oħra tal-Unjoni.

3. Il-korp tal-Unjoni jipparteċipa fil-bażi tad-dejta ċentrali ta' esklużjoni mwaqqfa u operata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

*Artikolu 86*

**Proċeduri ta' akkwist**

1. Il-korp tal-Unjoni jista' jikkonkludi kuntratt, mingħajr ma jirrikorri għal proċedura ta' akkwist pubbliku, mal-Kummissjoni, l-uffiċċji interistituzzjonali u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 ([1]) għall-fornitura ta' oġġetti jew ta' servizzi jew għat-twettiq ta' xogħol li jipprovdu dawn tal-aħħar.

2. Il-korp tal-Unjoni jista' japplika proċeduri ta' akkwist pubbliku konġunti mal-awtoritajiet kontraenti tal-Istat Membru ospitanti sabiex ikopri l-ħtiġijiet amministrattivi. F'tali każ, l-Artikolu 133 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 japplika *mutatis mutandis*.

TITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR L-APPROPRIJAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI**

*Artikolu 87*

**Appropjazzjonijiet amministrattivi**

1. L-approprjazzjonijiet amministrattivi jkunu approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

2. In-nefqa amministrattiva li toriġina minn kuntratti li jkopru perjodi li huma itwal mis-sena finanzjarja, jew b'konformità mal-prattika lokali jew li jirigwardaw il-forniment ta' tagħmir, ikunu rreġistrati taħt il-baġit tas-sena finanzjarja li fiha jkunu effettwati.

3. Sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, il-korp tal-Unjoni jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dokument ta' ħidma dwar il-politika tiegħu dwar il-bini, li fih jinkorpora l-informazzjoni li ġejja:

(a) għal kull binja, in-nefqa u l-arja superfiċjali koperti mill-approprjazzjonijiet tal-linji baġitarji korrispondenti fil-baġit tal-korp tal-Unjoni;

(b) l-evoluzzjoni mistennija tal-ipprogrammar globali tal-erja tas-superfiċje u postijiet għas-snin li ġejjin, b'deskrizzjoni tal-proġetti ta' bini fil-fażi ta' ppjanar li diġà ġew identifikati;

(c) il-patti u l-kostijiet finali kif ukoll l-informazzjoni rilevanti rigward l-implimentazzjoni tal-proġetti ġodda ta' bini li kienu preċedentament tressqu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont il-proċedura stabbilita fl-Artkolu 88 u mhux inklużi fid-dokumenti ta' ħidma tas-sena preċedenti.

*Artikolu 88*

**Proġetti ta' bini**

1. Għal kwalunkwe proġett ta' bini li għandu mnejn ikollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-baġit, il-korp tal-Unjoni jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kemm jista' jkun kmieni dwar l-erja tas-superfiċje rikjesta għall-kostruzzjoni u l-pjanifikazzjoni provviżorja qabel ma jibda jgħarrex is-suq lokali fil-każ ta' kuntratti ta' bini, jew qabel ma joħroġu stediniet għas-sejħa għall-offerti, fil-każ ta' xogħlijiet ta' bini.

2. Għal kull proġett ta' bini li għandu mnejn ikollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-baġit, il-korp tal-Unjoni jippreżenta l-proġett ta' bini, li jkun fih estimu dettaljat tal-kostijiet u tal-finanzjamet tiegħu, kif ukoll elenku tal-abbozz tal-kuntratti li jkun hemm il-ħsieb li jintużaw, u jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill qabel ma l-kuntratti jiġu konklużi. Fuq talba tal-korp tal-Unjoni, id-dokumenti ppreżentati marbutin mal-proġett ta' kostruzzjoni jiġu trattati b'mod kunfidenzjali.

Ħlief fil-każijiet ta' *force majeure*, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, għandhom jiddeliberaw fuq il-proposta dwar il-proġett ta' bini fi żmien erba' ġimgħat mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet ikunu rċevewha.

Il-proġett ta' bini jitqies approvat wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' erba' ġimgħat, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jiħdux deċiżjoni kuntrarja għall-proposta qabel ma jiskadi dak it-terminu.

Jekk il-Parlament Ewropew u/jew il-Kunsill iqanqlu tħassib debitament ġustifikat f'dak it-terminu ta' erba' ġimgħat, dak it-terminu jiġi estiż darba b'ġimagħtejn.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jieħdu deċiżjoni kuntrarja għall-proġett ta' bini, il-korp tal-Unjoni kkonċernat jirtira l-proposta tiegħu u jkun jista' jippreżenta waħda ġdida.

3. Fil-każijiet ta' *force majeure*, l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 4 tista' tkun ippreżentata konġuntament mal-proġett ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jiddeliberaw fuq il-proġett ta' bini fi żmien ġimagħtejn mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet ikunu rċevewh. Il-proġett ta' bini jitqies approvat wara l-iskadenza ta' dan it-terminu ta' ġimagħtejn, sakemm il-Parlament Ewropew u/jew il-Kunsill ma jiħdux deċiżjoni kuntrarja għall-proposta qabel ma jiskadi dan it-terminu.

4. Dawn li ġejjin jitqiesu bħala proġetti tal-bini li aktarx li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji sinifikati fuq il-baġit tal-korp tal-Unjoni huma:

(a) kull akkwist ta' art;

(b) l-akkwiżizzjoni, il-bejgħ, rinnovazzjoni strutturali, kostruzzjoni ta' binjiet jew kwalunkwe proġett li jkun jikkombina dawn l-elementi li għandhom jkunu implementati fl-istess perjodu ta' żmien, li jaqbżu EUR 3 000 000;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

(c) kull kuntratt immobiljari (inklużi l-użufrutt, il-kirjiet fit-tul, u t-tiġdid ta' kuntratti eżistenti skont kundizzjonijiet anqas favorevoli) li ma jkunx kopert mill-punt b) b'korrispettiv annwu ta' mill-anqas EUR 750 000;

(d) l-estensjoni jew it-tiġdid ta' kuntratti eżistenti (inklużi l-użufrutt u l-kirjiet fit-tul) skont l-istess kundizzjonijiet jew kundizzjonijiet aktar favorevoli, b'korrispettiv annwu ta' mill-anqas EUR 3 000 000.

5. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 19(4), proġett ta' akkwist immobiljari jista' jkun iffinanzjat permezz ta' self suġġett li jkun hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Is-self jkun kkontrattat u mħallas lura f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u b'kont dovut tal-aqwa interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Meta l-korp tal-Unjoni jipproponi li jiffinanzja l-akkwiżizzjoni permezz ta' self, il-pjan ta' finanzjament li għandu jiġi ppreżentat, flimkien ma' talba għal approvazzjoni minn qabel mill-korp tal-Unjoni, jispeċifika b'mod partikolari, il-livell massimu ta' finanzjament, il-perjodu ta' finanzjament, it-tip ta' finanzjament, il-kundizzjonijiet tal-finanzjament u l-iffrankar b'paragun ma' tipi oħrajn ta' arranġamenti kuntrattwali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiddeliberaw fuq it-talba għal approvazzjoni minn qabel fi żmien erba' ġimgħat, prorogabbli b'ġimagħtejn, mid-data li fiha ż-żewġ istituzzjonijiet ikunu rċevewha. L-akkwist permezz ta' self jitqies riġettat jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma japprovawhx espressament qabel ma jiskadi dan it-terminu.

TITOLU VII

## ESPERTI

*Artikolu 89*

### Esperti esterni b'remunerazzjoni

L-Artikolu 287 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplika *mutatis mutandis* għall-għażla ta' esperti. Tali esperti jiġu mħallsa fuq il-bażi ta' ammont fiss imħabbar minn qabel u jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità professjonali tagħhom. L-għażla ssir fuq il-bażi tal-kriterji tal-għażla li jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, it-trattament ugwali u l-assenza ta' kunflitti ta' interessi.

TITOLU VIII

## GĦOTJIET U PREMJI MOGĦTIJA MILL-KORP TAL-UNJONI

*Artikolu 90*

### Għotjiet

Fejn il-korp tal-Unjoni jista' jagħti għotjiet skont l-att kostitwenti jew permezz ta' delega tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament u r-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 japplikaw.

*Artikolu 91*

### Premijiet

Fejn il-korp tal-Unjoni jista' jagħti premijiet skont l-att kostitwenti jew permezz ta' delega tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 58(1)(c)(iv) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament u r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1268/2012 japplikaw.

TITOLU IX

## PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U KONTABILITÀ

KAPITOLU 1

### *Preżentazzjoni tal-kontijiet*

*Artikolu 92*

### Struttura tal-kontijiet

Il-kontijiet tal-korp tal-Unjoni jinkludu:

(a) ir-rendikonti finanzjarji tal-korp tal-Unjoni;

(b) ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

*Artikolu 93*

### Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Kull korp tal-Unjoni jħejji rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena finanzjarja.

2. Id-direttur jibgħat ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri, sal-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti.

3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 jagħti rendikont, kemm f'termini assoluti u espressi bħala perċentwali, mill-anqas, tar-rata ta' implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn id-diversi partiti tal-baġit.

*Artikolu 94*

### Regoli dwar il-kontijiet

1. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni japplika r-regoli adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni bbażati fuq standards tal-kontabilità aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

2. Il-kontijiet tal-korp tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 92 jirrispettaw il-prinċipji tal-baġit stipulati fl-Artikoli 5 sa 31. Huma jagħtu stampa vera u ġusta tal-operazzjonijiet tad-dħul u n-nefqa tal-baġit.

*Artikolu 95*

### Prinċipji tal-kontabilità

Ir-rendikonti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 92 jippreżentaw informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar il-politiki tal-kontabilità, b'mod li jiġi żgurat li tkun relevanti, affidabbli, komparabbli u li tista' tinftiehem. Ir-rendikonti finanzjarji jitfasslu f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati kif deskritti fir-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143, tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

*Artikolu 96*

**Rendikonti finanzjarji**

1. Ir-rendikonti finanzjarji jiġu ppreżentati f'euro u jinkludu:

(a) il-karta tal-bilanċ u rendikont tal-prestazzjoni finanzjarja, li jirrappreżentaw l-assi u l-obligazzjonijiet kollha u s-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat ekonomiku fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; huma jkunu ppreżentati bi qbil mar-regoli tal-kontabilità msemmija fl-Artikolu 143, tar-Regolament (UE, Eurratom) Nru 966/2012;

(b) ir-rendikont tal-fluss tal-flus li juri l-ammonti miġbura u maħruġa matul is-sena u l-pożizzjoni finali tat-teżor;

(c) id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assi netti li tippreżenta ħarsa ġenerali taċ-ċaqliq matul is-sena fir-riżervi u r-riżultati akkumulati.

2. In-noti tar-rendikonti finanzjarji jissuplimentaw lil u jikkumentaw dwar l-informazzjoni mogħtija fir-rendikonti msemmija fil-paragrafu 1 u jagħtu l-informazzjoni l-oħra kollha preskritta minn prattiċi tal-kontabilità aċċettati internazzjonalment, fejn tali informazzjoni hija relevanti għall-attivitajiet tal-korp tal-Unjoni.

*Artikolu 97*

**Rapporti dwar l-implementazzjoni baġitarja**

1. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja jkunu ppreżentati f'euro. Huma jinkludu:

(a) rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha għassena f'termini ta' dħul u nefqa;

(b) noti ta' spjegazzjoni, li jissupplimentaw u jikkummentaw fuq l-informazzjoni mogħtija fir-rapporti.

2. Ir-riżultat tal-baġit jikkonsisti fid-differenza bejn:

— id-dħul kollu miġbur fir-rigward ta' dik is-sena finanzjarja,

— l-ammont ta' pagamenti magħmula għall-approprjazzjonijiet għal dik is-sena finanzjarja miżjuda bl-ammont ta' approprjazzjonijiet għall-istess sena finanzjarja riportati.

Id-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu tiżdid jew titnaqqas, min-naħa l-waħda, bl-ammont nett ta' approprjazzjonijiet riportati minn snin finanzjajri preċedenti li ġew ikkanċellati u, min-naħa l-oħra, permezz ta':

— pagamenti magħmula żejda fuq approprjazzjonijiet mhux differenzjati riportati mis-sena finanzjarja preċedenti, b'riżultat ta' bidliet fir-rati tal-euro,

— il-bilanċ li jirriżulta mill-gwadann u t-telf mill-kambju matul is-sena finanzjarja, kemm realizzat kif ukoll mhux realizzat.

3. L-istruttura tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni baġitarja tkun l-istess bħal dik tal-baġit tal-korp tal-Unjoni stess.

*Artikolu 98*

**Kontijiet provviżorji**

1. L-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jibgħat l-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Marzu tas-sena segwenti.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena segwenti, l-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jibgħat ukoll pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, f'format standardizat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

*Artikolu 99*

**Approvazzjoni tal-kontijiet finali**

1. Skont l-Artikolu 148(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena segwenti, il-Qorti tal-Awdituri tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-kontijiet proviżorji tal-korp tal-Unjoni.

2. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji tal-korp tal-Unjoni, l-uffiċjal tal-kontabilità jfassal il-kontijiet finali tal-korp tal-Unjoni skont l-Artikolu 50. Id-direttur jibgħathom lill-bord ta' ġestjoni, li jagħti opinjoni dwar dawn il-kontijiet.

3. L-uffiċjal tal-kontabilità jibgħat il-kontijiet finali, flimkien mal-fehma tal-bord ta' ġestjoni, lill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ewropew, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena segwenti.

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena segwenti, l-uffiċjali tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jibgħat ukoll pakkett ta' rapporti lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, f'format standardizat kif stabbilit mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

4. L-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jibgħat ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, b'kopja lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, fl-istess data tat-trażmissjoni tal-kontijiet finali tiegħu, ittra ta' rappreżentazzjoni li tkopri dawk il-kontijiet finali.

Il-kontijiet finali jkunu akkumpanjati minn nota stabbilita mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, li fiha dan tal-aħħar jiddikjara li l-kontijiet finali kienu ppreparati skont dan it-Titolu u l-prinċipji, r-regoli u l-metodi tal-kontabilità applikabbli.

Il-kontijiet finali tal-korp tal-Unjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena segwenti.

5. Id-Direttur jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri risposta għall-osservazzjonijiet li tkun għamlet sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Fl-istess waqt, ir-risposti tal-korp tal-Unjoni jintbagħtu lill-Kummissjoni.

*KAPITOLU 2*

***Kontabilità u inventarji ta' propjetà***

Taqsima 1

**Dispożizzjonijiet komuni**

*Artikolu 100*

**Is-sistema tal-kontabilità**

1. Is-sistema taż-żamma tal-kotba tal-korp tal-Unjoni hi sistema li tintuża biex tkun organizzata l-informazzjoni baġitraja u finanzjarja b'mod li ċ-ċifri jkunu jistgħu jiddaħħlu, jkunu arkivjati u rreġistrati.

2. Il-kontijiet jikkonsistu fil-kontijiet ġenerali u l-kontijiet tal-baġit. Il-kontijiet jinżammu f'euro fuq il-bażi tas-sena kalendarja.

3. L-uffiċjali awtorizzanti jista' jżomm ukoll kontijiet analitiċi.

*Artikolu 101*

**Rekwiżiti komuni għas-sistema tal-kontijiet tal-istituzzjonijiet**

Ir-regoli tal-kontabilità u l-iskeda tal-kontijiet li għandha tintuża mill-korp tal-Unjoni tiġi adottata mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 152 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012.

Taqsima 2

**Kontijiet ġenerali u baġitarji**

*Artikolu 102*

**Kontijiet ġenerali**

Il-kontijiet ġenerali jżommu, b'ordni kronoloġika u bil-metodu tal-partita doppja, l-eventi u l-operazzjonijiet kollha li jolqtu l-qagħda ekonomika u finanzjarja u l-assi u l-piżijiet tal-korp tal-Unjoni.

*Artikolu 103*

**Entrati fil-kontijiet ġenerali**

1. Il-bilanċi u ċ-ċaqliq fil-kontijiet ġenerali jiddaħħlu fir-reġistri tal-kontabilità.

2. L-entrati kollha tal-kontabilità, inklużi l-aġġustamenti għall-kontijiet, ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' appoġġ, li jirriferu għalihom l-entrati.

3. Is-sistema tal-kontijiet tkun tali li tħalli traċċja ċara ta' awditjar għall-entrati kollha tal-kontabilità.

*Artikolu 104*

**Aġġustamenti fil-kontabilità**

Wara li tagħlaq is-sena finanzjarja u sad-data tal-preżentazzjoni tal-kontijiet finali, l-uffiċjal tal-kontabilità tal-korp tal-Unjoni jagħmel kwalunkwe aġġustament li, mingħajr ma jkun jinvolvi żborsi jew ġbir fir-rigward ta' dik is-sena, ikun meħtieġ għal preżentazzjoni vera u ġusta tal-kontijiet. Tali aġġustamenti jikkonformaw mar-regoli tal-kontabilità li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 101.

*Artikolu 105*

**Kontabilità tal-baġit**

1. Il-kontijiet tal-baġit jipprovdu rekord dettaljat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-kontijiet tal-baġit jirreġistraw l-operazzjonijiet tad-dħul u n-nefqa kollha tal-baġit previsti fit-Titolu IV.

*Artikolu 106*

**Inventarju tal-proprjetà**

1. Il-korp tal-Unjoni jżomm inventarji li jkun fihom il-kwantità u l-valur tal-assi tanġibbli u mhux, u l-assi finanzjarji li jikkostitwixxu l-propjetà tal-Unjoni skont mudell imħejji mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

Il-korp tal-Unjoni jikkontrolla li l-annotazzjonijiet fl-inventarju jaqblu mal-qagħda veru.

2. Il-bejgħ tal-assi tanġibbli tal-korp tal-Unjoni jkun reklamat kif xieraq.

TITOLU X

**AWDITJAR ESTERN, KWITTANZA U L-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI**

*Artikolu 107*

**Awditjar estern**

1. Awditur estern indipendenti jivverifika li l-kontijiet annwali tal-korp tal-Unjoni, jippreżentaw b'mod xieraq l-introjtu, in-nefqa u l-qagħda finanzjarja tal-korp tal-Unjoni qabel il-konsolidazzjoni fil-kontijiet finali tal-korp tal-Unjoni.

Sakemm ma jkunx ipprovdut xort'oħra fl-att kostitwenti, il-Qorti tal-Awdituri tħejji rapport annwali speċifiku dwar il-korp tal-Unjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 287(1) tat-TFUE.

Fit-tħejjija tar-rapport li hemm referenza għalih fit-tieni subparagrafu, il-qorti tikkunsidra x-xogħol ta' awditjar imwettaq mill-awditur indipendenti estern msemmi fl-ewwel subparagrafu u l-azzjoni meħuda bi tweġiba għas-sejbiet tiegħu jew tagħha.

2. Il-korp tal-Unjoni jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri l-baġit tal-korp tal-Unjoni, kif adottat definittivament. Huwa jgħarraf lill-Qorti tal-Awdituri, mill-aktar fis, b'kull deċiżjoni u b'kull att li jaddotta skont l-Artikoli 10, 14, 19 u 23.

3. L-iskrutinju mwettaq mill-Qorti tal-Awdituri jkun irregolat bl-Artikoli 158 sa 163 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

*Artikolu 108*

**Skandezi għall-proċedura ta' kwittanza**

1. Għajr fejn provdut xort'oħra fl-att kostitwenti, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, jagħti kwittanza lid-Direttur fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N. Id-Direttur jinforma lill-bord ta' ġestjoni bl-osservazzjonijiet tal-Parlament Ewropew li tinsab fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza.

2. Jekk id-data prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jgħarraf lid-direttur għalfejn kien hemm posponiment.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li tagħti kwittanza, id-direttur, bil-kooperazjoni tal-bord tal-ġestjoni, jagħmel kull sforz biex, mill-aktar fis possibbli, jieħu miżuri sabiex ineħħi jew jiffaċilita t-tneħħija tal-ostakoli għal dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 109*

**Proċedura ta' kwittanza**

1. Id-deċiżjoni ta' kwittanza tkopri l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa kollha tal-korp tal-Unjoni, u turi l-bilanċ li jirriżulta u l-assi u l-obligazzjonijiet tal-korp tal-Unjoni murija fir-rendikont finanzjarju.

2. Bit-tir li jikkonċedi l-kwittanza, il-Parlament Ewropew jeżamina l-kontijiet u r-rendikonti finanzjarji tal-korp tal-Unjoni, wara li jkun għamel dan il-Kunsill. Jeżamina wkoll ir-rapport annwali magħmul mill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet tad-direttur tal-korp tal-Unjoni, kull rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri li għandu x'jaqsam mas-sena finanzjarja kkonċernata u r-rendikont ta' assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awditrui rigward l-affidabilità tal-kontijiet u l-legalita u r-regolarita tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

3. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, id-direttur jippreżentalu kull informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni, kif provdut fl-Artikolu 165(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

*Artikolu 110*

**Miżuri ta' segwitu**

1. Id-direttur jieħu l-passi xierqa biex jaġixxi fuq l-osservazzjonijiet li jkunu mad-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew u fuq il-kummenti li jkunu mar-rakkomandazzjoni għall-kwittanza adottata mill-Kunsill.

2. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, id-direttur jirrapporta fuq il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet u kummenti. Id-direttur jibgħat kopja tar-rapport lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri.

*Artikolu 111*

**Verifiki fuq il-post mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF**

1. Il-korp tal-Unjoni jagħti lill-persunal tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati minnha, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, aċċess għas-siti u l-binjiet tiegħu u għad-dejta u l-informazzjoni kollha, inkluż informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa sabiex iwettqu l-awditi tagħhom.

2. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet inkluż kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 [2] bil-għan li jkun stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt mogħtija skont dan ir-Regolament.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, il-ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, l-għotjiet u l-akkwisti tal-korp tal-UE jinkludu dispożizzjonijiet li jagħtu espliċitament is-setgħa lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-OLAF sabiex iwettqu tali awditjar u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

TITOLU XI

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI**

*Artikolu 112*

**Talbiet għal informazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma intitolati li jiksbu kwalunkwe informazzjoni jew spjegazzjoni neċessarja mill-korp tal-Unjoni dwar kwistjonijiet tal-baġit li jagħmlu parti mill-oqsma ta' kompetenza tagħhom.

*Artikolu 113*

**Adozzjoni tar-regolament finanzjarju ġdid tal-korp tal-Unjoni**

Kull korp imsemmi fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jadotta Regolament Finanzjarju ġdid fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Jannar 2014 jew, fi kwalunkwe każ, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha korp jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 208 ta' dak ir-Regolament, wara l-għoti ta' kontribut ddebitat lill-baġit.

*Artikolu 114*

**Regoli li jimplimentaw r-regolament finanzjarju ġdid tal-korp tal-Unjoni**

Il-bord ta' ġestjoni, sa fejn u sakemm ikun neċessarju u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni, jadotta regoli dettaljati biex jimplimenta r-Regolament Finanzjarju tal-korp tal-Unjoni, fuq proposta tad-direttur tiegħu.

*Artikolu 115*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Madankollu, l-Artikolu 40 jibqa' japplika sal-31 ta' Diċembru 2014 u l-paragrafi 4 u 7 tal-Artikolu 27 ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2015.

---

(1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1)

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996 p. 2)

*Artikolu 116*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2014. Madankollu, l-Artikoli 47 u 82(5) japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015 u l-Artikolu 32 u l-paragrafi 5 u 8 tal-Artikolu 33 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1272/2013

## tas-6 ta' Diċembru 2013

## li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi ("REACH") fir-rigward tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 68(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-benżo[a]piren, il-benżo[e]piren, il-benż[a]antraċen, Chrysen, il-benżo[b]fluworanten, il-benżo[j]fluworanten, il-benżo[k]fluworanten u d-dibenżo[a,h]antraċen, minn hawn 'il quddiem imsejħa idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), huma klassifikati bħala karċinoġeni tal-kategorija 1B skont l-Anness VI mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([2]).

(2) Dawn il-PAHs jistgħu jinstabu fil-partijiet tal-plastik u tal-lastku ta' firxa wiesgħa ta' oġġetti għall-konsumatur. Ikunu preżenti bħala impuritajiet f'xi materji primi li jintużaw fil-produzzjoni ta' dawn l-oġġetti, partikolarment fi żjut dilwenti u fl-iswed tal-karbonju. Dawn mhumiex miżjuda intenzjonalment mal-oġġetti u ma jwettqux xi funzjoni speċifika bħala kostitwenti tal-partijiet tal-plastiks jew tal-gomma.

(3) Dawn il-PAHs huma pprojbiti għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali bħala sustanzi waħedhom jew f'taħlitiet permezz tal-annotazzjoni 28 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Barra minn hekk, l-annotazzjoni 50 tal-Anness XVII ta' dak ir-Regolament tirrestrinġi l-preżenza tal-PAHs fi żjut dilwenti li jintużaw għall-manifattura tat-tajers.

(4) L-informazzjoni mressqa mill-Ġermanja lill-Kummissjoni tindika li l-oġġetti li fihom il-PAHs jistgħu joħolqu riskju għas-saħħa tal-konsumaturi meta jinbelgħu, permezz tal-adsorbiment mill-ġilda u, f'xi każijiet, min-nifs.

(5) Il-konklużjoni rigward ir-riskju għall-konsumaturi ġiet ibbażata fuq l-istimi tal-esponiment tal-PAH permezz tal-ġilda ġej mill-użu ta' ċerti oġġetti ta' konsum, fl-agħar kundizzjonijiet realistiċi ta' użu. Dak l-esponiment instab li jaqbeż il-Livelli Derivati ta' Effett Minimu (DMEL) ([3]) determinat għal benżo[a]piren, li kien intuża bħala sostitut għat-tossiċità tal-PAHs l-oħra.

(6) L-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja lill-Kummissjoni tindika l-eżistenza ta' riskju għall-konsumaturi ppreżentat minn oġġetti li fihom il-PAHs, li jindikaw li restrizzjoni tista' tillimita r-riskju. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-industrija tas-settur u partijiet interessati oħrajn dwar ir-riperkussjonijiet ta' restrizzjoni fuq il-preżenza tal-PAHs f'oġġetti li jistgħu jintużaw mill-konsumaturi.

(7) Sabiex titħares saħħet il-konsumaturi mir-riskju li ġej mill-esponiment għall-PAHs fl-oġġetti, għandhom ikunu stabbiliti limiti fuq il-kontenut tal-PAH fil-partijiet aċċessibbli ta' oġġetti tal-lastku jew tal-plastik, u t-tqegħid fis-suq ta' oġġetti li fihom xi PAHs f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 1 mg/kg f'dawk il-partijiet, għandu jkun pprojbit.

(8) Filwaqt li titqies il-vulnerabilità tat-tfal għandu jiġi stabbilit valur ta' limitu iktar baxx. Għalhekk it-tqegħid fis-suq tal-ġugarelli u l-oġġetti għall-kura tat-tfal, li jkun fihom xi PAHs f'konċentrazzjonijiet ikbar minn 0,5 mg/kg fil-partjiet tagħhom tal-plastik jew tal-gomma għandu jkun projbit.

(9) Din ir-restrizzjoni għandha tapplika biss għal dawk il-partijiet ta' oġġetti li jiġu f'kuntatt dirett kif ukoll prolongat jew ħafif iżda repetittiv mal-ġilda tal-bniedem jew fil-kavità orali taħt kundizzjonijiet ta' użu normali jew prevedibbli. L-oġġetti jew partijiet tagħhom li huma biss f'kuntatt qasir u infrekwenti mal-ġilda jew fil-kavità orali m'għandhomx jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu tar-restrizzjoni billi l-esponiment li jirriżulta għall-PAHs ikun insinifikanti. Għandhom jkun hemm iktar gwida f'dan ir-rigward.

(10) Ġew identifikati fis-suq tal-Unjoni materji primi alternattivi li fihom livelli baxxi ta' PAHs. Dawn jinkludu l-iswed tal-karbonju u żjut li jilħqu r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel ([4]).

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

([3]) http://www.echa.europa.eu/documents/10162/13643/information_requirements_part_b_mt.pdf

([4]) ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1.

(11) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-valuri tal-limitu eżistenti adottat f'din ir-restrizzjoni b'mod partikolari fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida, inkluża informazzjoni dwar il-migrazzjoni tal-PAHs minn materjali tal-plastik jew tal-lakstu tal-oġġetti koperti kif ukoll materja prima oħra. Id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tal-metodi tat-testjar għandhom ukoll ikunu kkunsidrati f'din l-analiżi ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(13) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli lill-partijiet interessati kkonċernati biex jieħdu l-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konformità mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(14) Restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti użati u oġġetti li qegħdin fil-katina tal-provvista fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament tista' toħloq diffikultajiet għall-infirzar. Għalhekk, ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għall-oġġetti mqiegħda fuq is-suq għall-ewwel darba qabel dik id-data.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVII mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mis-27 ta' Diċembru 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, fil-Kolonna 2 tal-entrata 50, jiżdiedu l-paragrafi 5, 6, 7 u 8:

| | |
|---|---|
| | "5. M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq oġġetti għall-forniment tal-pubbliku inġenerali, jekk kwalunkwe mill-komponenti tal-gomma jew tal-plastik tagħhom li jiġu f'kuntatt dirett kif ukoll kuntatt prolongat jew kuntatt qasir ripetut mal-ġilda tal-bniedem jew fil-kavità orali, f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli, ikun fih aktar minn 1 mg/kg (0,0001 % bil-piż ta' dan il-komponent) ta' kwalunkwe wieħed mill-PAHs elenkati.<br>Dawn l-oġġetti jinkludu fost l-oħrajn:<br>— tagħmir tal-isports bħal roti, stikek tal-golf, paletti,<br>— utensili tad-dar, trolis, frejms tal-mixi,<br>— għodod għall-użu domestiku,<br>— ħwejjeġ, żraben, ilbies tal-isports u ingwanti,<br>— ċineg tal-arloġġi, bends tal-polz, bends tar-ras, maskri<br>6. M'għandhomx jitqiegħdu fis-suq ġugarelli, inkluż ġugarelli tal-attivitajiet u oġġetti għall-kura tat-tfal, jekk kwalunkwe mill-komponenti tal-gomma jew tal-plastik tagħhom li jiġu f'kuntatt dirett kif ukoll kuntatt prolongat jew kuntatt qasir ripetut mal-ġilda tal-bniedem jew fil-kavità orali, f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġonevolment prevedibbli, ikun fih aktar minn 0,5 mg/kg (0,00005 % bil-piż ta' dan il-komponent) ta' kwalunkwe wieħed mill-PAHs elenkati.<br>7. B'deroga mill-paragrafi 5 u 6, dawn il-paragrafi m'għandhomx japplikaw għall-oġġetti mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba qabel is-27 ta' Diċembru 2015.<br>8. Sas-27 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-valuri ta' limitu fil-paragrafi 5 u 6 fid-dawl tal-informazzjoni xjentifika ġdida, inkluż il-migrazzjoni tal-PAHs elenkati mill-artikoli msemmija fihom, u l-informazzjoni dwar materji primi alternattivi u, jekk ikun xieraq, timmodifika dawn il-paragrafi kif meħtieġ." |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1273/2013

## tas-6 ta' Diċembru 2013

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 454/2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ([2]) (minn hawn 'il quddiem "TAP-TSI") jeħtieġ li dan ir-Regolament għandu jiġi emendat, u f'din l-emenda jitqiesu r-riżultati tal-ewwel fażi definita fit-Taqsima 7.2 tal-Anness I tat-TAP-TSI.

(2) It-Taqsima 7.2.2.2 tal-Anness I tat-TAP-TSI tipprevedi li l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ERA") għandha tevalwa l-elementi prodotti mill-partijiet interessati f'termini tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà, il-governanza u l-pjan ġenerali bil-għan li tiddetermina jekk l-objettivi segwiti fil-fażi 1 intlaħqux.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea ERA/REC/09-2012/INT tal-31 ta' Ottubru 2012 li tinkludi għadd ta' abbozzi ta' emendi għat-TAP-TSI.

(4) Il-Kumitat ta' Tmexxija stabbilit skont it-taqsima 7.2.1 tat-TAP-TSI iddiskuta r-Rakkomandazzjoni tal-ERA u, b'mod partikolari, l-istatus legali tal-elementi tal-fażi 1. Dan il-Kumitat iddeċieda li jbiddel l-istatus ta' xi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà għal Gwidi ta' Applikazzjoni.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 454/2011 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 454/2011 għandu jiġi modifikat kif ġej:

(a) L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

L-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-infrastruttura, l-amministraturi tal-istazzjon, il-bejjiegħa tal-biljetti u l-Aġenzija għandhom jikkontribwixxu għax-xogħol li jsir fit-tieni fażi, kif speċifikat fit-Taqsima 7.3 tal-Anness I, billi jipprovdu l-informazzjoni funzjonali u teknika kif ukoll l-għarfien espert tagħhom."

(b) L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-korpi rappreżentattivi mis-settur ferrovjarju li jaġixxu fuq livell Ewropew kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) flimkien ma' rappreżentant tal-bejjiegħa tal-biljetti u rappreżentant tal-passiġġieri Ewropej, għandhom ikomplu jiżviluppaw applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri tas-subsistema kif speċifikat fit-Taqsima 7.3 tal-Anness I. L-elementi tal-ewwel fażi (Gwidi ta' applikazzjoni, Arkitettura, Governanza u Pjan Ġenerali) għandhom ikunu magħmulin disponibbli pubblikament mill-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji fuq il-websajt tagħha."

(*) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1."

(c) L-Artikolu 6 għandu jinbidel b'din id-dispożizzjoni:

"*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-infrastruttura, l-amministraturi tal-istazzjonijiet u l-bejjiegħa tal-biljetti jkunu infurmati b'dan ir-Regolament, u għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt nazzjonali (NCP) għas-segwitu tal-implimentazzjoni tiegħu." Ir-rwol tal-NCPs hija deskritta fl-Anness VI."

(d) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b'din id-dispożizzjoni:

"*Artikolu 7*

1. Dan ir-Regolament għandu jiġi emendat, u f'din l-emenda jitqiesu r-riżultati tat-tieni fażi msemmija fit-Taqsima 7.3 tal-Anness I.

2. L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għandha temenda id-dokument tekniku B.60 (Arkitettura), billi jitqiesu r-riżultati tal-ewwel fażi u tiġi applikata l-proċedura tal-Artikolu 3."

*Artikolu 2*

L-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 454/2011 għandhom jiġu emendati kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 454/2011 għandhom jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 4.2.1 għandha tinbidel b'li ġej:

"4.2.1. *Exchange of timetable data*

This basic parameter lays down how the railway undertaking shall perform the exchange of timetable data.

This basic parameter shall ensure that timetables comprising the data elements defined below shall be made available.

This basic parameter shall further ensure that each railway undertaking shall provide accurate and up-to-date timetable data.

The provisions of this basic parameter shall apply to the passenger services of the railway undertaking.

This basic parameter shall have the following process:"

(b) It-Taqsima 4.2.2 għandha tinbidel b'li ġej:

"4.2.2. *Exchange of tariff data*

This basic parameter lays down how the railway undertaking shall perform the exchange of tariff data.

This basic parameter shall ensure that tariff data in the format defined below shall be made available.

The provisions of this basic parameter shall apply in respect of all passenger tariffs of the railway undertaking for domestic, international and foreign sales.

This basic parameter shall have following process:"

(c) It-Taqsima 4.2.2.1 għandha tinbidel b'li ġej:

"4.2.2.1. The railway undertaking makes available its own tariffs to other railway undertakings, authorised public bodies and third parties

Without prejudice to passenger rights and in accordance with distribution agreements, each railway undertaking shall make available its tariffs (including fare tables) by guaranteeing access to railway undertakings to which it grants authorisation to sell, third parties to which it grants authorisation to sell, and to authorised public bodies. The railway undertaking shall ensure that the tariff data are accurate and up-to-date. Where a railway undertaking operates a transport service for which it is one of the joint carriers, the railway undertaking shall ensure, together with all the other joint carriers, that the tariff data are accurate and up-to-date.

The main content of tariff data intended for international or foreign sales shall be as defined in Annex IV.

Tariff data intended for international or foreign sales shall be made available at least as far in advance as provided for in Annex IV.

The above process and the information used for it shall be compliant for tariff data intended for international or foreign sales with the technical document(s):

— B.1 (see Annex III),

— B.2 (see Annex III),

— B.3 (see Annex III).

The above process and the information used for it in respect of tariff data intended for domestic sales shall comply with the technical documents to be developed by the Agency (see Annex II).”

(d) Fit-taqsima 4.2.6 għandha titħassar is-sentenza li ġejja:

“The provision of this basic parameter regarding electronic request/confirmation shall be applied if there is an agreement between the requesting and the addressed parties.”

(e) Fit-Taqsima 4.2.6.1 is-sentenza:

“This website shall comply with web content accessibility guidelines which take into account the needs of people with auditory and/or visual impairment.”

għandha tinbidel b'dan li ġej:

“This website shall be accessible to persons with disabilities”.

(f) It-Taqsima 4.2.6.2 għandha tinbidel b'li ġej:

“4.2.6.2. If the railway undertaking or ticket vendor uses IT communication for the purposes of sending an availability/reservation request for PRM assistance, such request must comply with the relevant provisions

The requesting distribution system shall send to the system requests for the relevant train availability/reservation in respect of the specified type of assistance.

The main types of requests shall be:

— Availability request,

— Reservation request,

— Partial cancellation request,

— Full cancellation request.

This process shall be performed following a request from a customer transmitted to the system of the railway undertaking or ticket vendor.

The data elements and the information content of the message used to meet the obligations shall comply:

— either with elements defined in technical document B.10 (see Annex III), in which case all addressed systems must be able to understand the request and to respond,

— or with otherwise defined standards, in which case the addressed system must be able to understand the request and to reply.”

(g) It-Taqsima 7.2.3 tal-Anness I għandha tinbidel bit-test li ġej:

“7.2.3. *Deliverables*

The phase 1 deliverables include the following:

(1) Application guides describing functional, technical and performance specifications, the associated data, the interface requirements, the security and the quality requirements.

(2) The outline of the global architecture of the system.

(3) The master plan including:

— The identification of the activities necessary to achieve the implementation of the system.

— A migration plan which includes a set of phases that is conducive to intermediate and verifiable tangible results, from the current framework of stakeholders' information and communication systems to the system itself.

— A detailed milestone plan.

— A risk assessment of the crucial phases of the master plan.

— An assessment of the total lifecycle costs (LCC) associated with the deployment and operation of the system, together with a subsequent investment plan and the relevant cost-benefit analysis.

(4) The governance deliverable which includes the identification of the appropriate governance structures, methods and procedures to support the development and validation of the system and subsequently its deployment and its field operation and management throughout its lifetime (including dispute management between the parties involved under the provisions of this TSI).”

(h) Il-kapitolu 7.3 tal-Anness 1 għandu jinbidel bit-test li ġej:

“7.3. **Phase 2 — Development**

All actors concerned shall develop the system following the provisions of the phase 1 deliverables as follows:

(a) Project governance

In order to guarantee the appropriate development of the system the governance structure as described in technical document B.61 (see Annex V) shall be progressively implemented by the actors.

Roles and responsibilities of all actors shall evolve with the implementation of the new governance structure as described in technical document B.61.

The steering committee set up under phase 1 will be maintained in phase 2 until the governance structure described in technical document B.61 is fully operational. Its rules of procedure will be updated also to take into account its new role which is to monitor progress of implementation of the new governance structure, the architecture developed in phase 1 and the development of the system by individual companies taking particularly into account the adherence to the application guides published and maintained by ERA. Before recognising the end of phase 2 the Steering Committee will issue an opinion on the legal status and ownership of the Application Guides.

Full compliance with technical document B.61 will be considered as a presumption of conformity of the new governance structure with the requirements of this Regulation. However due to the nature of the document and the continuous need for alignment of the governance structure to the real needs of the market, any deviation from its provisions should be immediately reported to the Steering Committee which will assess the deviation and decide if the technical document and/or its legal status needs to evolve at the end of phase 2.

(b) Master Plan

In order to guarantee the appropriate development of the system all actors concerned shall cooperate and implement the system in full adherence to the master plan as specified in ERA technical document B.62 (see Annex V).

(c) Development of the system

All actors concerned shall cooperate and develop the retail architecture of the system according to the architecture provisions as described in ERA technical document B.60 (see Annex V).

All concerned actors shall cooperate and develop the system and its parts as to be as much as possible compliant with the Application Guides as described in the technical documents:

B.50 (see Annex III)

B.51 (see Annex III)

B.52 (see Annex III)

B.53 (see Annex III)

B.54 (see Annex III)

B.55 (see Annex III)

B.56 (see Annex III).

Full compliance with these technical documents will be considered as a presumption of conformity of the system with the technical requirements of this Regulation. Any deviation from the Application Guides shall be reported to the Steering Committee which will assess it in the context of its role described under item (a). As the Application Guides B.50 to B.56 referred to in Annex III are not mandatory specifications, they are not subject to the Change Control Management."

2. L-Anness III għandu jinbidel bl-Anness III li ġej:

*"ANNEX III*

**List of technical documents**

| Reference | Label |
|---|---|
| B.1. (V1.1.1) | Computer generation and exchange of tariff data meant for international or foreign sales — NRT tickets |
| B.2. (V1.1) | Computer generation and exchange of tariff data meant for international and foreign sales — Integrated Reservation Tickets (IRT) |
| B.3. (V1.1) | Computer generation and exchange of data meant for international or foreign sales — Special offers |
| B.4. (V1.1.1) | Implementation guide for EDIFACT messages covering timetable data exchange |
| B.5. (V1.1) | Electronic reservation of seats/berths and electronic production of travel documents — Exchange of messages |
| B.6. (V1.1) | Electronic seat/berth reservation and electronic production of transport documents (RCT2 standards) |
| B.7. (V1.1.1) | International Rail ticket for Home Printing |
| B.8. (V1.1) | Standard numerical coding for railway undertakings, infrastructure managers and other companies involved in rail-transport chains |
| B.9. (V1.1) | Standard numerical coding of locations |
| B.10 (V1.1) | Electronic reservation of assistance for persons with reduced mobility — Exchange of messages |
| B.30. (V1.1) | Schema — messages/datasets catalogue needed for the RU/IM communication of TAP TSI |
| B.50. (V1.0) | Timetable Application Guide |
| B.51. (V1.0) | Tariff Application Guide |
| B.52. (V1.0) | Reservation Application Guide |
| B.53. (V1.0) | Direct Fulfilment Application Guide |
| B.54. (V1.0) | Indirect Fulfilment Application Guide |
| B.55. (V1.0) | PRM Assistance Application Guide |
| B.56. (V1.0) | RU/IM communication Application Guide" |

3. It-test tat-taqsima C.1 tal-Anness IV għandu jinbidel bit-test li ġej:

"C.1. **NRT Tariffs**

The main content of NRT tariff data shall be:

— Series,

— Products,

— Services,

— Carrier codes,

— Fare tables,

— Station list.

NRT tariffs shall be made available in advance according to their sales conditions.”

4. Għandu jiżdied Anness V kif ġej:

*“ANNEX V*

**List of technical documents for retail architecture, governance and master plan**

| Reference | Label |
|---|---|
| B.60 (V1.0) | TAP Retail Architecture |
| B.61 (V1.0) | TAP Governance |
| B.62 (V1.0) | TAP Master Plan” |

5. Għandu jiżdied Anness VI kif ġej:

*“ANNEX VI*

**Tasks to be undertaken by the TAF/TAP national contact point (NCP)**

(1) Act as point of contact between ERA, the TAF/TAP Steering Committee and railway actors (Infrastructure Managers, Railway Undertakings, Wagon Keepers, Station Managers, Ticket Vendors and relevant associations) in the Member State in order to ensure that the railway actors are engaged with TAF and TAP and are aware of general developments and decisions of the Steering Committee.

(2) Communicate the concerns and issues of the railway actors in the Member State to the TAF/TAP Steering Committee via the co-chairs, to the extent that concerns are known and there is a wish to raise them.

(3) Liaise with the Member State Railway Interoperability and Safety Committee (RISC) member ensuring that the RISC member is briefed on national issues relating to TAF/TAP prior to each RISC meeting and ensuring that RISC decisions relating to TAF/TAP are communicated appropriately to affected railway actors.

(4) The Member State ensures that all licensed Railway Undertakings and other railway actors (Infrastructure Managers, Railway Undertakings, Wagon Keepers, Station Managers, Ticket Vendors) are contacted and provided with NCP details and advised to make contact with the NCP if contact is not already established.

(5) To the extent that railway actors in the Member State are known, make them aware of their obligations under the TAF and TAP regulations and that they must comply.

(6) Work with the Member State to ensure that an entity is appointed to be responsible for populating the Central Reference Domain with primary location codes. The identity of the appointed entity shall be reported to DG MOVE for appropriate distribution.

(7) Facilitate information sharing between the Member State railway actors (Infrastructure Managers, Railway Undertakings, Wagon Keepers, Station Managers, Ticket Vendors and relevant associations) in the Member State.”

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1274/2013

## tas-6 ta' Diċembru 2013

## li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 fir-rigward ta' ċerti addittivi tal-ikel

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10(3), 14 u 30(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista ta' addittivi tal-ikel tal-Unjoni approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, f'enżimi tal-ikel, f'aromatizzanti, f'nutrijenti u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel [3] elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(4) Dawk il-listi jistgħu jiġu aġġornati skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, kemm fuq inizjattiva tal-Kummissjoni u kemm fuq talba.

(5) Meta jiġu aġġornati l-ispeċifikazzjonijiet jeħtieġ li jitqiesu l-ispeċifikazzjonijiet u t-tekniki analitiċi għal addittivi tal-ikel kif stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar tal-Addittivi tal-Ikel adottati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius kif ukoll mis-Sistema Internazzjonali ta' Numerazzjoni għall-Addittivi tal-Ikel, jiġifieri, l-isem INS [4].

(6) Il-kulur alimentari attwalment awtorizzat "Iswed Brillanti BN, Iswed PN" (E 151) għandu jingħata l-isem mill-ġdid "Iswed Brilliant PN" fil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom u fl-ispeċifikazzjonijiet għal dan l-addittiv għall-finijiet ta' ċarezza u sabiex ikun allinjat mal-isem irreġistrat tiegħu fl-INS.

(7) Fil-preżent, id-definizzjoni tal-addittiv tal-ikel "Algal Carotenes" (E 160a (iv)) fl-ispeċifikazzjonijiet tindika "Karoteni mħallta jistgħu wkoll ikunu magħmula mir-razez tal-alga *Dunaliella salina*, imkabbra f'lagi melħin kbar f'Whyalla, fin-Nofsinhar tal-Awstralja. (…)" li tirreferi għal post speċifiku fejn l-alga titkabbar, jiġifieri, Whyalla. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, id-domanda globali għall-karoteni mill-alga żdied u ġew stabbiliti lagi melħin oħrajn fl-Awstralja u f'pajjiżi oħra. Ma hemm l-ebda referenza u ma hi indikata l-ebda restrizzjoni dwar il-post(ijiet) fejn titkabbar id-*Dunaliella salina fl-ispeċifikazzjonijiet* għall-karoteni mill-alga [5] tal-Kumitat Espert Konġunt attwali tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel u fl-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-karoteni mħallta (E 160a (i)) u tal-beta-karoten (E 160a (ii)) bħala addittiv tal-ikel [6]. Għalhekk, sabiex ikun evitat it-tfixkil tas-suq, id-deskrizzjoni ta' Karoteni mill-Alga (E 160a (iv)) fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi emendata.

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 fih żbalji fl-ispeċifikazzjonijiet għall-Bisulfit tal-Kalċju (E 227) u għall-Bisulfit tal-Potassju (E 228). Dawn l-iżbalji għandhom jiġu kkoreġuti.

(1) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
(2) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
(3) ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1.

(4) Is-Sistema Internazzjonali ta' Numerazzjoni għall-Addittivi tal-Ikel (INS).
(5) Monografija 4 (2007) dwar il-KAROTENI (Alga) disponibbli fuq http://www.fao.org/ag/agn/jecfa-additives/specs/Monograph1/Additive-114.pdf
(6) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel (ANS); Opinjoni Xjentifika dwar ir-rivalutazzjoni tal-karoeteni mħallta (E 160a(i)) u tal-beta-karoteni (E 160a(ii)) bħala addittiv tal-ikel. Il-Ġurnal tal-EFSA 2012; 10(3):2593.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 jistabbilixxi speċifikazzjonijiet ukoll għaċ-Ċelluloża Mikrokristallina (E 460(i)) li jindikaw li s-sinonimu għal dan l-addittiv tal-ikel huwa l-Ġell taċ-ċelluloża. Peress li l-Codex Alimentarius adotta isem doppju għaċ-Ċelluloża Mikrokristallina (E 460(i)), l-isem INS uffiċjali huwa "Ċelluloża Mikrokristallina (Ġell taċ-ċelluloża)". B'kunsiderazzjoni tal-prattika preċedenti ([1]) u sabiex tkun żgurata l-konsistenza, u jiġi evitat kull tip ta' tfixkil fil-kummerċ, l-isem doppju ta' Ċelluloża Mikrokristallina, Ġell taċ-Ċelluloża għandu jiġi adottat għall-addittiv tal-ikel (E 460(i)). Għalhekk, l-isem "Ġell taċ-ċelluloża" għandu jitneħħa mill-annotazzjoni "Sinonimi" fl-ispeċifikazzjonijiet għal dak l-addittiv tal-ikel u l-isem għandu jiġi emendat skont dan fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

(10) L-addittiv tal-ikel "Karbossimetilċelluloża, Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża" (E 466) għandu jingħata l-isem mill-ġdid ta' "Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża" fil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel imniżżla fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u fl-ispeċifikazzjonijiet għal dan l-addittiv għall-finijiet ta' ċarezza u sabiex jiġi allinjat mal-isem reġistrat tiegħu fl-INS.

(11) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") sabiex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornamenti inkwistjoni ma jkunux mistennija li jħallu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Billi l-aġġornamenti fil-listi tal-Unjoni msemmija hawn fuq mhumiex mistennija li jħallu effett fuq is-saħħa tal-bniedem, ma hemmx bżonn li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(12) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huma emendati skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

L-addittivi tal-ikel "Iswed Brillanti BN, Iswed PN" (E 151) jew "Karbossimetilċelluloża, Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża" (E 466) u l-ikel li fih dawn l-addittivi tal-ikel, ittikkettati jew mqiegħda fis-suq sa erbgħa u għoxrin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu kkummerċjalizzati sakemm il-ħażniet jiġu eżawriti.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) L-emenda proposta hija konformi ma' każi simili oħra, bħall-Karbossimetilċelluloża tas-sodju (E 466), u l-karbossimetilċelluloża tas-sodju retikolata (E 468) u l-Karbossimetilċelluloża idrolizzata bl-enżimi (E 469), li ġew attribwiti ismijiet doppji.

*ANNESS I*

A. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-tabella 3 tal-Parti A, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN" |

(2) Fil-Parti B:

(a) fil-punt 1, "Kuluri" l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN" |

(b) fil-punt 3 "Addittivi għajr kuluri u sustanzi li jagħtu l-ħlewwa" l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża" |

(3) Fil-Parti C:

(a) fil-Grupp III: Kuluri tal-ikel b'limitu massimu kkombinat, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN" |

(b) fil-Grupp I, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*" |

(4) Fil-Parti E:

(a) fil-kategorija tal-ikel 09.2 "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN | 100 | (35) | pejst tal-ħut u pejst tal-krustaċji biss" |

(b) fil-kategorija tal-ikel 09.2 "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN | 250 | (36) | krustaċji msajrin minn qabel biss" |

(c) fil-kategorija tal-ikel 09.2 "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 151 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 151 | Iswed Brillanti PN | 100 | (37) | ħut iffumikat biss" |

(d) fil-kategorija tal-ikel 11.4.1 "Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda f'forma likwida", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 460 (i) tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 460 (i) | Ċelluloża mikrokristallina, Ġell taċ-ċelluloża | *quantum satis*" | | |

(e) fil-kategorija tal-ikel 11.4.3 "Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda f'pilloli", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 460(i) tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 460 (i) | Ċelluloża mikrokristallina, Ġell taċ-ċelluloża | *quantum satis*" | | |

(f) fil-kategorija tal-ikel 01.6.1 "Krema pastorizzata bla togħmiet miżjuda (minbarra kremi b'xaħam imnaqqas)", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*" | | |

(g) fil-kategorija tal-ikel 01.6.2 "Prodotti tal-krema ħajjin iffermentati u mhux mogħtija t-togħma u prodotti li jissostitwixxu b'kontenut ta' xaħam ta' inqas minn 20 %", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*" | | |

(h) fil-kategorija tal-ikel 11.4.1 "Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda f'forma likwida", l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*" | | |

(i) fil-kategorija tal-ikel 11.4.2 “Prodotti li jżidu l-ħlewwa ta’ fuq il-mejda f’forma ta’ trab”, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*” | | |

(j) fil-kategorija tal-ikel 11.4.3 “Prodotti li jżidu l-ħlewwa għal fuq il-mejda f’pilloli”, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis*” | | |

(k) fil-kategorija tal-ikel 13.1.5.1 “Ikel dijetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali u formuli speċjali għal trabi”, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | 10 000 | | Mit-twelid ‘il quddiem fi prodotti għall-ġestjoni dijetetika f’każ ta’ problemi metaboliċi” |

(l) fil-kategorija tal-ikel 13.1.5.2 “Ikel dijetetiku għal trabi u tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE”, l-annotazzjoni dwar l-additiv tal-ikel E 466 jinbidel b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | 10 000 | | Mit-twelid ‘il quddiem fi prodotti għall-ġestjoni dijetetika f’każ ta’ problemi metaboliċi” |

(m) fil-kategorija tal-ikel 14.1.3 “Nettari tal-frott kif definiti mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u nettari tal-ħaxix u prodotti simili”, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis* | | ġuleppijiet Svediżi u Finlandiżi tal-frott tradizzjonali miċ-ċitru biss” |

B. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis* | L-addittivi tal-ikel kollha” |

(2) Fil-Parti 3, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis* | *quantum satis* | *quantum satis* | Iva" |

(3) Fil-Parti 5, it-Taqsima A, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | *quantum satis* | In-nutrijenti kollha | Iva" |

(4) Fil-Parti 5, it-Taqsima B, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża | Għal użijiet fil-preparazzjonijiet ta' nutrijenti bil-kundizzjoni li l-livell massimu fl-ikel imsemmi fil-punt 13.1 tal-Parti E tal-Anness II ma jinqabiżx | In-nutrijenti kollha | Ikel dijetetiku għat-trabi u t-tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali kif definiti fid-Direttiva 1999/21/KE" |

(5) Fit-tabella 1 tal-Parti 6, l-annotazzjoni dwar l-addittiv tal-ikel E 466 tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "E 466 | Karbossimetilċelluloża tas-sodju, Gomma taċ-ċelluloża" |

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-annotazzjoni dwar E 160a(iv) Karoteni mill-Alga, l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "**Definizzjoni** | Karoteni mħallta jistgħu wkoll ikunu magħmula mir-razez tal-alga *Dunaliella salina*. Il-beta-karoten jiġi estratt b'żejt essenzali. Il-preparazzjoni hija suspensjoni ta' 20-30 % f'żejt tajjeb għall-ikel. Il-proporzjon tal-iżomeri "trans-cis" huwa fil-firxa ta' 50/50 sa 71/29.<br><br>Il-prinċipju ewlieni tal-koloranti jikkonsisti f'karotenojdi li minnhom il-beta-karoten jikkostitwixxi l-biċċa l-kbira tagħhom. Jistgħu jkunu preżenti l-alfa-karoten, il-luteina, iż-żeaksantin u l-beta-kriptoksantin. Minbarra l-pigmenti koloranti, din is-sustanza jista' jkollha żjut, xaħam u xama' preżenti b'mod naturali fil-materja tal-oriġini." |

(2) L-annotazzjoni dwar E 151 Iswed Brillanti BN, Iswed PN, tinbidel b'dan li ġej:

(a) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

**"E 151 ISWED BRILLANTI PN"**

(b) l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "**Definizzjoni** | L-Iswed Brillanti PN jikkonsisti essenzjalment minn tetrasodju-4-aċetammido-5-irdossi-6-[7-sulfonato-4-(4-sulfonatofenilażo)-1-naftilażo] naftalen-1,7-disulfonat u s-sustanzi sussidjarji koloranti flimkien mal-klorur tas-sodju u/jew is-sulfat tas-sodju bħala l-komposti prinċipali mingħajr kulur.<br><br>L-Iswed Brillanti PN huwa deskritt bħala melħ tas-sodju.<br><br>Il-melħ tal-kalċju u tal-potassju huma wkoll permessi." |

(3) Fl-annotazzjoni dwar E 227, Bisulfit tal-Kalċju l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

**"E 227 IDROĠENSULFIT TAL-KALĊJU"**

(4) Fl-annotazzjoni dwar E 228, Bisulfit tal-Potassju, l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

**"E 228 IDROĠENSULFIT TAL-POTASSJU"**

(5) L-annotazzjoni dwar E 460(i) Ċelluloża Mikrokristallina hija emendata kif ġej:

(a) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

**"E 460(i) ĊELLULOŻA MIKROKRISTALLINA, ĠELL TAĊ-ĊELLULOŻA"**

(b) l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tas-sinonimi tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| **"Sinonimi"** | |

(6) L-annotazzjoni dwar E 466 Karbossimetilċelluloża tas-Sodju, Karbossimetilċelluloża, Gomma taċ-Ċelluloża hija emendata kif ġej:

(a) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

**"E 466 KARBOSSIMETILĊELLULOŻA TAS-SODJU, GOMMA TAĊ-ĊELLULOŻA"**

(b) l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tas-sinonimi tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "**Sinonimi** | NaCMC; CMC tas-sodju" |

(c) l-ispeċifikazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "**Definizzjoni** | Il-karbossimetilċelluloża tas-sodju hija l-melħ parzjali tas-sodju tal-etere karbossimetiliku taċ-ċelluloża, billi ċ-ċelluloża tkun inkisbet direttament mir-razez tal-materja fibruża tal-pjanti" |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1275/2013**

**tas-6 ta' Diċembru 2013**

**li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku, il-kadmju, iċ-ċomb, in-nitriti, iż-żejt tal-mustarda volatili u impuritajiet botaniċi perikolużi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2002/32/KE tistipula li l-użu ta' prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali li fihom livelli ta' sustanzi mhux mixtieqa li jaqbżu l-livelli massimi stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva huwa pprojbit.

(2) Ċerti formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul ta' għalf kumplimentari għal għanijiet partikolari tan-nutriment b'konċentrazzjoni għolja ta' elementi traċċa inevitabbilment jinkludu ammonti ta' arseniku, kadmju jew ċomb li jaqbżu l-livelli massimi stabbiliti għal dawn il-metalli tqal fl-għalf kumplimentari. Madankollu, livelli massimi ogħla għal dawn il-metalli tqal f'formulazzjonijiet għall-forniment fit-tul ma għandhomx jinvolvu riskju għas-saħħa tal-annimali jew is-saħħa pubblika jew l-ambjent billi l-esponiment tal-annimali għall-metalli tqal, permezz tal-użu ta' dawn il-formulazzjonijiet speċifiċi, għall-forniment fit-tul huwa ferm inqas milli fil-każ ta' għalf kumplimentari ieħor li fih elementi traċċa. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti livelli massimi ogħla għal dawk il-metalli tqal għal tali formulazzjonijiet għall-forniment fit-tul, li fihom livelli għoljin ta' elementi traċċa.

(3) Ġiet irċevuta dejta li tindika li wara bidla taż-żona tal-produzzjoni, f'ċerti każijiet il-livell ta' arseniku fl-addittiv tal-għalf karbonat ferruż jeċċedi l-livell massimu attwali. Sabiex tkun garantita l-provvista ta' karbonat ferruż fis-suq Ewropew huwa xieraq li jiżdied il-livell massimu ta' arseniku f'karbonat ferruż. Din iż-żieda ma għandhiex effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali u dik pubblika jew l-ambjent minħabba li l-livell massimu stabbilit għall-arseniku f'għalf kumplimentari u għalf komplut ma jinbidlux.

(4) Reċentement, ġiet identifikata differenza sinifikanti mil-Laboratorju Ewropew ta' Referenza għall-metalli tqal fl-għalf u fl-ikel (EURL-HM) bejn ir-riżultati analitiċi miksuba bl-applikazzjoni ta' metodi ta' estrazzjoni differenti attwalment użati għad-determinazzjoni taċ-ċomb f'tafal tal-kawlina u għalf li fih tafal tal-kawlina ([2]). Qabel, ma ġew osservati l-ebda differenzi sinifikanti bejn il-livelli ta' metalli tqal f'għalf minerali bl-applikazzjoni ta' metodi ta' estrazzjoni differenti ([3]). Il-livelli massimi ta' metalli tqal fl-għalf jirreferu għal "*determinazzjoni analitika taċ-ċomb, fejn l-estrazzjoni ssir fl-aċidu nitriku (5 % w/w) għal 30 minuta f' temperatura tat-togħlija*." Huwa għalhekk xieraq li jkun stipulat l-użu ta' dan il-metodu ta' estrazzjoni għad-determinazzjoni taċ-ċomb f'tafal tal-kawlina.

(5) Fir-rigward tan-nitriti, għal prodotti u prodotti sekondarji mill-pitravi zokkrija u l-kannamiela u mill-produzzjoni tal-lamtu l-ebda livell massimu ma japplika għalissa. Fid-dawl tal-iżviluppi fl-għerf xjentifiku u tekniku l-istess għandu japplika għal prodotti u prodotti sekondarji mill-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku.

(6) Fid-dawl tal-iżviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku huwa xieraq li jiġi stabbilit il-livell massimu għal żejt tal-mustarda volatili f'*Camelina sativa* u prodotti derivati minnu lejn l-istess livell bħal-livell massimu għall-għaġ-niet taż-żerriegħa tal-kolza.

(7) L-ispeċijiet *Brassica* ġew elenkati taħt impuritajiet botaniċi perikolużi minħabba l-kontentut għoli ta' żejt tal-mustarda (espress bħala isotijoċjanati tal-allil) volatili tagħhom. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), fl-opinjoni tagħha dwar il-gluwkosinolati (isotijoċjanati tal-allil) bħala sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali ([4]), ikkonkludiet li effetti ħżiena fl-annimali ġew ġeneralment ikkorrelati mal-ammont totali ta' gluwkosinolati fid-dieta. Jekk l-ammont ta' gluwkosinolati totali jitkejjel, l-impuritajiet ikkawżati mill-preżenza ta' prodotti minn *Brassica juncea ssp.*, *Brassica nigra u Brassica carinata*, jiġu individwati wkoll. Huwa għalhekk xieraq li l-prodotti, bl-eċċezzjoni taż-żrieragħ, ta' dawn l-ispeċijiet jitħassru mit-Taqsima VI tal-Anness I dwar impuritajiet botaniċi perikolużi u biex għal materjali tal-għalf li

([1]) ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10.

([2]) Id-determinazzjoni taċ-ċomb totali u li jista' jiġi estratt fit-tafal tal-kawlina. L-appoġġ tekniku mill-EURL-HM lid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi — JRC 69122 — Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka — L-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza.

([3]) IMEP-111: It-total tal-kadmju, iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju u r-ram u l-kadmju li jista' jiġi estratt u ċ-ċomb f'għalf minerali. Ir-rapport tal-ħdax-il tqabbil interlaboratorju organizzat mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-metalli tqal fl-Għalf u fl-Ikel. — EUR 24758 EN — Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka — L-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza.

([4]) L-Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-gluwkosinolati bħala sustanza mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali, *EFSA Journal* (2008) 590, p. 1–76.

jkunu ġejjin minn dawn l-ispeċijiet *Brassica*, jiġi stabbilit l-istess livell massimu għal żejt tal-mustarda volatili bħal-livell massimu għall-għaġniet taż-żerriegħa tal-kolza.

(8) Huwa xieraq li tintuża d-denominazzjoni għall-materjali tal-għalf kif previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 68/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-katalgu tal-materjali tal-għalf ([1]).

(9) Għalhekk, id-Direttiva 2002/32/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 29, 30.1.2013, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fir-Ringiela 1 tat-Taqsima I, l-Arseniku jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 % |
|---|---|---|
| "1. Arseniku ([1]) | Materjali tal-għalf | 2 |
| | ħlief: | |
| | — smida magħmula minn ħaxix, minn xnien imnixxef u minn silla mnixxfa, u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija u polpa mnixxfa tal-pitravi zokkrija tal-molassa, | 4 |
| | — l-espellent tal-qalba tal-palm, | 4 ([2]) |
| | — il-fosfati u l-algi kalkarji tal-baħar, | 10 |
| | — il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ([10]), | 15 |
| | — l-ossidu tal-manjeżju; il-karbonat tal-manjeżju, | 20 |
| | — ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom, | 25 ([2]) |
| | — smida tal-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar. | 40 ([2]) |
| | Partikuli tal-ħadid użati bħala traċċatur. | 50 |
| | Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti ta' elementi traċċa | 30 |
| | ħlief: | |
| | — il-pentaidrat tas-sulfat kupriku; il-karbonat kupriku, idrossiklorur tar-ram; karbonat ferruż, | 50 |
| | — l-ossidu taż-żingu; l-ossidu manganuż, l-ossidu kupriku. | 100 |
| | Għalf komplimentari | 4 |
| | ħlief: | |
| | — l-għalf minerali, | 12 |
| | — l-għalf komplimentari għall-annimali domestiċi li fih ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom u/jew smida mill-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar, | 10 ([2]) |
| | — Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutriment b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa 100 darba ogħla mill-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplut. | 30 |
| | Għalf komplut | 2 |
| | ħlief: | |
| | — l-għalf komplut għall-ħut u l-annimali bil-pil, | 10 ([2]) |
| | — l-għalf komplut għall-annimali domestiċi li fih ħut, annimali oħra tal-baħar u prodotti li ġejjin minnhom u/jew smida mill-alka tal-baħar u materjali tal-għalf li ġejjin mill-alka tal-baħar. | 10 ([2])" |

(2) Fir-Ringiela 2 tat-Taqsima I, il-Kadmju jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 % |
|---|---|---|
| "2. Kadmju | Materjali tal-għalf ta' oriġini veġetali | 1 |
| | Materjali tal-għalf ta' oriġini mill-annimali | 2 |
| | Materjali tal-għalf ta' oriġini minerali, | 2 |
| | ħlief: | |
| | — fosfati. | 10 |
| | Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti ta' elementi traċċa, | 10 |
| | ħlief: | |
| | — l-ossidu kupriku, l-ossidu manganuż, l-ossidu taż-żingu u s-sulfat manganuż monoidrat. | 30 |
| | Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti kontra t-tagħqid | 2 |
| | Pretaħlitiet ([6]) | 15 |
| | Għalf komplimentari | 0,5 |
| | ħlief: | |
| | — għalf minerali | |
| | –– li fih < 7 % fosforu ([8]) | 5 |
| | –– li fih ≥ 7 % fosforu ([8]); | 0,75 għal kull 1 % fosforu ([8]), b'massimu ta' 7,5 |
| | — għalf komplimentari għall-annimali domestiċi, | 2 |
| | — Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutriment b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa ogħla minn 100 darba l-kontenut massimu stabbilit f'għalf komplut. | 15 |
| | Għalf komplut | 0,5 |
| | ħlief: | |
| | — għalf komplut għall-bovini (ħlief għoġġiela), nagħaġ (ħlief ħrief), mogħoż (ħlief gidien) u ħut, | 1 |
| | — għalf komplut għall-annimali domestiċi. | 2" |

(3) Fir-Ringiela 4 tat-Taqsima I, iċ-Ċomb jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| "4. Ċomb (*) | Materjali tal-għalf | 10 |
| | ħlief: | |
| | — magħlef ([3]), | 30 |
| | — il-fosfati u l-algi kalkarji tal-baħar, | 15 |
| | — il-karbonat tal-kalċju; il-karbonat tal-kalċju u tal-manjeżju ([10]), | 20 |
| | — il-ħmejjer. | 5 |
| | Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali ta' komposti tal-elementi traċċa, | 100 |
| | ħlief: | |
| | — l-ossidu taż-żingu, | 400 |
| | — l-ossidu manganuż, il-karbonat ferruż, il-karbonat kupriku. | 200 |
| | Addittivi tal-għalf li jappartjenu għall-gruppi funzjonali tal-aġenti li jgħaqqdu u tal-aġenti kontra t-tagħqid, | 30 |
| | ħlief: | |
| | — il-klinoptilolite ta' oriġini vulkanika; natrolite-fonolite. | 60 |
| | Pretaħlitiet ([6]) | 200 |
| | Għalf komplimentari | 10 |
| | ħlief: | |
| | — għalf minerali, | 15 |
| | — Formulazzjonijiet ta' forniment fit-tul tal-għalf għal għanijiet partikolari tan-nutriment b'konċentrazzjoni ta' elementi traċċa 100 darba ogħla mill-kontenut massimu stabbilit fl-għalf komplut. | 60 |
| | Għalf komplut. | 5 |

(*) Għad-determinazzjoni taċ-ċomb fit-tafal tal-kawlina u fl-għalf li jinkludi tafal tal-kawlina, il-livell massimu jirreferi għad-determinazzjoni analitika taċ-ċomb, fejn l-estrazzjoni titwettaq fl-aċidu nitriku (5 % w/w) għal 30 minuta f'temperatura tat-togħlija. Il-proċeduri ta' estrazzjoni ekwivalenti jistgħu jiġu applikati fejn jista' jintwera li l-proċedura ta' estrazzjoni użata għandha l-istess effiċjenza ta' estrazzjoni."

(4) Fir-Ringiela 6 tat-Taqsima I, in-Nitrit jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 % |
|---|---|---|
| "6. Nitrit (5) | Materjali tal-għalf | 15 |
| | ħlief: | |
| | — ħut mitħun, | 30 |
| | — silaġġ, | — |
| | — prodotti u prodotti sekondarji mill-pitravi zokkrija u l-kannamiela u mill-produzzjoni tal-lamtu u x-xorb alkoħoliku. | — |
| | Għalf komplut | 15 |
| | ħlief: | |
| | — għalf komplut għall-klieb u l-qtates b'kontenut ta' umdità li jaqbeż l-20 %. | —" |

(5) Fir-Ringiela 5 tat-Taqsima III, iż-Żejt tal-mustarda volatili jinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut ta' umdità ta' 12 % |
|---|---|---|
| "5. Żejt tal-mustarda volatili (1) | Materjali tal-għalf | 100 |
| | ħlief: | |
| | — żerriegħa tal-Camelina u prodotti derivati minnha (*), prodotti derivati miż-żerriegħa tal-mustarda (*), żerriegħa tal-kolza u prodotti derivati minnha. | 4 000 |
| | Għalf komplut, | 150 |
| | ħlief: | |
| | — għalf komplut għall-baqar (ħlief għoġġiela), in-nagħaġ (ħlief ħrief) u mogħoż (ħlief gidien), | 1 000 |
| | — għalf komplut għall-ħnieżer (ħlief ħnienes) u l-pollam. | 500 |

(*) Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, l-operatur responsabbli jrid iwettaq analiżi biex juri li l-kontenut tal-gluwkosinolati huwa anqas minn 30 mmol/kg. Il-metodu ta' analiżi ta' referenza huwa EN-ISO 9167-1:1995."

(6) It-Taqsima VI: Impuritajiet botaniċi perikolużi tinbidel b'dan li ġej:

"IT-TAQSIMA VI: IMPURITAJIET BOTANIĊI PERIKOLUŻI

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 % |
|---|---|---|
| 1. Żerriegħa tal-ħaxix ħażin u frott mhux mitħun u mhux magħsur li fih alkalojdi, glukosidi jew sustanzi tossiċi oħra separatament jew flimkien inkluża | Materjali tal-għalf u għalf kompost | 3 000 |
| — *Datura* sp. | | 1 000 |

| Sustanza mhux mixtieqa | Prodotti maħsuba għall-għalf tal-annimali | Livelli massimi f'mg/kg (ppm) relatati ma' għalf b'kontenut tal-ilma ta' 12 % |
|---|---|---|
| 2. *Crotalaria* spp. | Materjali tal-għalf u għalf kompost | 100 |
| 3. Iż-żerriegħa u l-ħlief mir-*Ricinus communis* L., il-*Croton tiglium* L. u l-*Abrus precatorius* L. kif ukoll id-derivati pproċessati tagħhom ([1]), separatament jew inkella flimkien | Materjali tal-għalf u għalf kompost | 10 ([2]) |
| 4. Ġewż tal-fagu mingħajr qoxra — *Fagus sylvatica* L. | Materjali tal-għalf u għalf kompost | Żerriegħa u frott kif ukoll id-derivati pproċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti fl-għalf f'elementi traċċa li ma jistgħux ikunu ddeterminati kwantitattivament |
| 5. Purgera – *Jatropha curcas* L. | Materjali tal-għalf u għalf kompost | Żerriegħa u frott kif ukoll id-derivati pproċessati tagħhom jistgħu jkunu preżenti fl-għalf f'elementi traċċa li ma jistgħux ikunu ddeterminati kwantitattivament |
| 6. Żrieragħ minn *Ambrosia* spp. | Materjali tal-għalf | 50 |
| | ħlief: | |
| | — Millieġ (granuli ta' *Panicum miliaceum* L.) u sorgu (granuli ta' *Sorghum bicolor* (L) Moench s.l.) ma jiġux mitmugħa direttament lill-annimali | 200 |
| | Għalf kompost li fih granuli u żrieragħ mhux mitħuna | 50 |
| 7. Żrieragħ minn<br>— Mustarda Indjana — *Brassica juncea* (L.) Czern. u Coss. ssp. *integrifolia* (West.) Thell.<br>— Mustarda ta' Sarepta — *Brassica juncea* (L.) Czern. u Coss. ssp. *juncea*<br>— Mustarda Ċiniża — *Brassica juncea* (L.) Czern. u Coss. ssp. *juncea* var. *lutea* Batalin<br>— Mustarda sewda — *Brassica nigra* (L.) Koch<br>— Mustarda Etjopjana — *Brassica carinata* A. Braun | Materjali tal-għalf u għalf kompost | Żrieragħ jistgħu jkunu preżenti biss fl-għalf f'elementi traċċa li ma jistgħux jiġu ddeterminati kwantitattivament. |

([1]) Kemm-il darba wieħed ikun jista' jiddetermina dan permezz tal-mikroskopija analitika.
([2]) Inkluż ukoll il-frak tal-ħliefa taż-żerriegħa."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1276/2013

## tas-6 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 45,1 |
| | MA | 75,2 |
| | TN | 78,7 |
| | TR | 84,0 |
| | ZZ | 70,8 |
| 0707 00 05 | AL | 59,9 |
| | MA | 154,0 |
| | TR | 118,1 |
| | ZZ | 110,7 |
| 0709 93 10 | MA | 147,0 |
| | TR | 94,4 |
| | ZZ | 120,7 |
| 0805 10 20 | AR | 28,0 |
| | AU | 88,3 |
| | MA | 36,7 |
| | TR | 54,5 |
| | UY | 36,0 |
| | ZA | 56,9 |
| | ZW | 22,6 |
| | ZZ | 46,1 |
| 0805 20 10 | AU | 135,6 |
| | MA | 57,8 |
| | ZZ | 96,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | TR | 58,3 |
| | ZZ | 58,3 |
| 0805 50 10 | TR | 68,2 |
| | ZZ | 68,2 |
| 0808 10 80 | BA | 42,7 |
| | MK | 32,3 |
| | NZ | 160,5 |
| | US | 165,4 |
| | ZA | 199,9 |
| | ZZ | 120,2 |
| 0808 30 90 | TR | 130,4 |
| | US | 211,2 |
| | ZZ | 170,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tad-9 ta' Ottubru 2013

## dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima II – Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill

(2013/721/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 (COM(2012)436 – C7–0226/2012) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([4]) dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2011 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 ([5]) li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2011, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li takkumpanjaha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([7]), u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 165 u 166 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0310/2013),

1. Jiċħad il-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2011;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

([1]) ĠU L 68, 15.3.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 348, 14.11.2012, p. 1.
([3]) ĠU C 344, 12.11.2012, p. 1.
([4]) ĠU C 348, 14.11.2012, p. 130.
([5]) ĠU L 308, 16.11.2013, p. 20.
([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([7]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([8]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

| *Il-President* | *Is-Segretarju Ġenerali* |
| --- | --- |
| Martin SCHULZ | Klaus WELLE |

**RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tad-9 ta' Ottubru 2013**

**li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, Taqsima II – Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 (COM(2012)436 – C7–0226/2012) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ([4]) dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll dwar il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2011 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 ([5]) li tipposponi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2011, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li takkumpanjaha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([6]), u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([7]), u b'mod partikolari l-Artikoli 164, 165 u 166 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0310/2013),

([1]) ĠU L 68, 15.3.2011, p. 1.
([2]) ĠU C 348, 14.11.2012, p. 1.
([3]) ĠU C 344, 12.11.2012, p. 1.
([4]) ĠU C 348, 14.11.2012, p. 130.
([5]) ĠU L 308, 16.11.2013, p. 20.
([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([7]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([8]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

A. billi f'soċjetà demokratika, il-kontribwenti u l-opinjoni pubblika għandhom id-dritt li jinżammu infurmati dwar l-użu tal-fondi pubbliċi ([1]),

B. billi ċ-ċittadini għandhom id-dritt li jkunu jafu kif it-taxxi li jħallsu qed jintefqu u kif qed tiġi mmaniġġjata s-setgħa fdata f'idejn il-korpi politiċi;

C. billi l-Kunsill, bħala istituzzjoni tal-Unjoni, għandu jkun soġġett għar-responsabilità demokratika fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni peress li hu benefiċjarju mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea,

D. billi l-Parlament huwa l-uniku korp elett direttament fost l-istituzzjonijiet Ewropej u għandu r-responsabbiltà li jagħti l-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni,

1. Jenfasizza r-rwol tal-Parlament speċifikat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-kwittanza baġitarja;

2. Jindika li, skont l-Artikolu 335 tat-TFUE, "l-Unjoni għandha tkun rappreżentata minn kull waħda mill-istituzzjonijiet, bis-saħħa tal-awtonomija amministrattiva tagħhom, fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-operat rispettiv tagħhom", u li, b'konsegwenza, waqt li jitqies l-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju, l-istituzzjonijiet huma responsabbli b'mod individwali għall-implimentazzjoni tal-baġits tagħhom;

3. Jinnota li, skont l-Artikolu 77 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, "id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom japplikaw bl-istess mod għall-proċedura ta' għoti ta' kwittanza […] lill-persuni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġits ta' istituzzjonijiet u organi oħra tal-Unjoni Ewropea bħal ma huma l-Kunsill (f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet tiegħu bħala eżekuttiv), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni";

**Opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha għas-sena finanzjarja 2011**

4. Jenfasizza l-fatt li, fir-rapport annwali dwar is-sena finanzjarja 2011, il-Qorti tal-Awdituri inkludiet osservazzjonijiet dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill rigward il-proċeduri ta' akkwist relatati mas-servizzi ta' tindif u x-xiri ta' ħwejjeġ u żraben tax-xogħol, fejn ġew identifikati ċertu dgħufijiet fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' għażla u ta' aġġudikazzjoni;

5. Jieħu nota tal-ispjegazzjonijiet tal-Kunsill dwar in-nuqqasijiet marbuta mal-proċedura ta' akkwist u dwar l-assigurazzjoni tiegħu tar-rispett sħiħ tal-ispirtu u l-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju;

6. Jikkondividi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-uffiċjali awtorizzanti għandhom itejbu d-disinn, il-koordinament u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli xierqa u gwida aħjar; jirrakkomanda li jkun hemm applikazzjoni aktar stretta tar-regoli dwar l-akkwist, li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni huma obbligati jirrispettaw;

7. Jinnota li l-Kunsill ma ta l-ebda tweġiba ulterjuri għar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar kontrolli xierqa u gwida aħjar tal-proċeduri ta' akkwist;

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Mejju 2003 fil-Kawżi Konġunti C-465/00, C-138/01 u C-139/01 Österreichischer Rundfunk u oħrajn ([2003] Ġabra I-4989, paragrafu 85).

**Kwestjonijiet pendenti**

8. Jiddispjaċih dwar id-diffikultajiet li nstabu fil-proċeduri ta' kwittanza għas-snin finanzjarji tal-2007, l-2008, l-2009 u l-2010, li kienu dovuti għal nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-Kunsill; jindika li l-Parlament ċaħad il-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-snin finanzjarji 2009 u 2010 għar-raġunijiet stipulati fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 ([1]), tal-25 ta' Ottubru 2011 ([2]), tal-10 ta' Mejju 2012 ([3]) u tat-23 ta' Ottubru 2012 ([4]);

9. Jistenna li r-rapporti annwali tal-attività futuri li jirċievu l-Parlament u mill-Kunsill ikunu jinkludu ħarsa ġenerali komprensiva tar-riżorsi umani kollha mqassmin skont il-kategoriji, il-grad, il-ġeneru, in-nazzjonalità u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll id-deċiżjonijiet baġitarji interni tal-Kunsill;

10. Jisħaq fuq il-fatt li l-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill għandu jinfired b'mod li jingħata kontribut għat-trasparenza tal-ġestjoni finanzjarja tagħhom u li tiġi żgurata responsabbiltà aħjar taż-żewġ istituzzjonijiet;

11. Itenni li l-Kunsill għandu jipprovdi spjegazzjoni bir-reqqa bil-miktub li tispeċifika l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet użati fix-xiri tal-bini Résidence Palace, il-partiti baġitarji li minnhom insiltu dawn l-approprjazzjonijiet, il-pagamenti parzjali li tħallsu s'issa, il-pagamenti parzjali li għad iridu jitħallsu u l-iskop li se jaqdi l-bini;

12. Jiddispjaċih li l-Kunsill għadu jirrifjuta li jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-Parlament;

13. Itenni li għadu qed jistenna tweġiba mingħand il-Kunsill għall-mistoqsijiet u t-talba għal dokumenti stipulata fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012; jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jipprovdi lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament bi tweġibiet komprensivi bil-miktub għal dawn il-mistoqsijiet;

14. Jinsisti li l-infiq tal-Kunsill irid jitqiegħed taħt l-istess skrutinju bħal dak ta' istituzzjonijiet oħra; huwa tal-opinjoni li l-elementi fundamentali ta' skrutinju ta' dan it-tip huma stabbiliti fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012;

15. Jilqa', madankollu, il-fatt li l-Presidenza fil-kariga tal-Kunsill aċċettat l-istedina tal-Parlament għad-dibattitu li sar fil-plenarja nhar is-16 ta' April 2013 dwar ir-rapporti ta' kwittanza għall-2011; japprova l-fatt li l-Presidenza kienet disponibbli għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni benefika bejn il-Parlament u l-Kunsill;

16. Jinnota l-proposta tal-Presidenza Irlandiża li jitwaqqaf grupp ta' ħidma interistituzzjonali biex jinnegozja s-soluzzjonijiet possibbli għall-kwittanza tal-Kunsill; jistenna proposta speċifika mingħand il-Presidenza Litwana tal-Kunsill;

**Id-dritt tal-Parlament li jagħti kwittanza**

17. Jenfasizza l-prerogattivi tal-Parlament li jagħti l-kwittanza skont l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-TFUE, bi qbil mal-interpretazzjoni u l-prattika attwali, speċifikament li jagħti l-kwittanza għal kull intestatura tal-baġit b'mod individwali b'mod li jinżammu t-trasparenza u r-responsabilità demokratika fir-rigward tal-kontribwenti tal-Unjoni;

([1]) ĠU L 250, 27.9.2011, p. 25.
([2]) ĠU L 313, 26.11.2011, p. 13.
([3]) ĠU L 286, 17.10.2012, p. 23.
([4]) ĠU L 350, 20.12.2012, p. 71.

18. Ifakkar li l-Kummissjoni, fit-tweġiba tagħha tal-25 ta' Novembru 2011 għall-ittra tal-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, kitbet li huwa mixtieq li l-Parlament ikompli jagħti, jiddiferixxi jew jiċħad il-kwittanza lill-istituzzjonijiet l-oħra, inkluż il-Kunsill, kif kien il-każ s'issa;

19. Hu tal-fehma li, fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li ssir valutazzjoni tal-ġestjoni tal-Kunsill bħala istituzzjoni tal-Unjoni matul is-sena li qed tiġi eżaminata, biex b'hekk jiġu rrispettati l-prerogattivi tal-Parlament, l-aktar l-assigurazzjoni tar-responsabilità demokratika fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni;

20. Jemmen, għaldaqstant, li jkun jista' jinkiseb xi progress jekk il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jifformulaw flimkien lista ta' dokumenti li jkunu jridu jiġu skambjati sabiex jissodisfaw ir-rwoli rispettivi tagħhom fil-proċess ta' kwittanza;

21. Iqis li, kooperazzjoni sodisfaċenti bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, li tieħu sura fi proċedura ta' djalogu miftuħ u formali, tista' tagħti sinjal pożittiv liċ-ċittadini tal-Unjoni f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta' Novembru 2013**

**li tapprova programmi annwali u multiannwali u l-kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi ppreżentati mill-Istati Membru għall-2014 u s-snin ta' wara**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8417)*

(2013/722/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 27(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonożi.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 27(1) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE jistipula li għandha tkun introdotta miżura finanzjarja mill-Unjoni biex tirrimborża n-nefqa li ssir mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u żoonożi elenkati fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi ([2]) tipprevedi li sabiex ikunu approvati skont il-miżuri finanzjarji tal-Unjoni, il-programmi ppreżentati mill-Istati Membri għandhom għallinqas jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi ([3]) li tinxtered jipprevedi programmi ta' monitoraġġ annwali mill-Istati Membri għall-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) fl-annimali bovini, ovini u kaprini.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur ([4]) tipprevedi wkoll programmi ta' sorveljanza mill-Istati Membri li għandhom jitwettqu fir-rigward tat-tjur u l-għasafar salvaġġi sabiex jikkontribwixxu, inter alia, abbażi ta' evalwazzjonijiet tar-riskju aġġornati regolament, għall-għarfien dwar it-theddid impost mill-għasafar salvaġġi fir-rigward ta' kwalunkwe vajrus tal-influwenza ta' oriġini avjarja fl-għasafar. Dawn il-programmi annwali, u l-finanzjament tagħhom, għall-monitoraġġ jeħtieġu li jiġu approvati wkoll.

(6) Ċerti Stati Membri ppreżentaw lill-Kummissjoni programmi annwali u multiannwali għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali, programmi għal kontrolli mmirati lejn il-prevenzjoni ta' żoonożi, u programmi ta' monitoraġġ annwali għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti TSEs li għalihom huma jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni.

(7) Fid-dawl tal-importanza ta' dawn il-programmi għall-ksib tal-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u dik pubblika, huwa xieraq li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiġi ffissata għall-ispejjeż mġarrba mill-Istati Membri kkonċernati għall-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(8) Għalkemm is-sitwazzjoni epidemjoloġika tat-TSE fl-Unjoni tjiebet b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin, il-monitoraġġ tat-TSE mmirat għas-subpopolazzjonijiet speċifiċi tal-annimal għadu ta' importanza kbira biex jipprovdi stampa affidabbli għal dik li hija prevalenza u evoluzzjoni tat-TSE fl-Istati Membri u fl-istess waqt jivverifika l-effikaċja tal-miżuri ta' prevenzjoni fis-seħħ. Huwa għaldaqstant xieraq li tiġi ffissata kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal 100 % tal-ispejjeż tal-Istati Membri għat-twettiq ta' ċerti testijiet fil-laboratorju għall-monitoraġġ tat-TSE skont il-programmi approvati.

(9) Il-programmi tal-eradikazzjoni tal-idrofobija f'xi Stati Membri issa qed joqorbu lejn l-istadju li jiskbu l-objettivi tagħhom li jeradikaw din it-theddida importanti għas-saħħa pubblika filwaqt li fi Stati Membri oħra huma jaqdu rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-marda fil-bqija tal-Unjoni. Huwa xieraq li jinżamm livell ogħla ta' kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Unjoni, b'75 %, sabiex jissaħħu l-isforzi tal-Istati Membri biex jeqirdu din il-marda kemm jista' jkun malajr.

([1]) ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
([2]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.
([3]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

(10) Ċerti Stati Membri li implimentaw b'suċċess programmi ta' eradikazzjoni tal-idrofobija li jkunu ġew ko-finanzjati għal bosta snin, għandhom fruntieri komuni ma' pajjiżi terzi fejn din il-marda hija preżenti. Sabiex finalment tinqered l-idrofobija, ċerti attivitajiet ta' tilqim iridu jitwettqu fit-territorju ta' dawk il-pajjiżi terzi li jmissu mal-Unjoni. Huwa xieraq li jiġi pprovdut appoġġ sħiħ għal attivitajiet fiż-żoni konfinanti ta' dawk il-pajjiżi terzi permezz ta' 100 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-ispejjeż tax-xiri u t-tqassim ta' vaċċini orali.

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha infettati bl-idrofobija jkomplu mingħajr interruzzjoni l-attivitajiet ta' tilqim orali previsti fil-programmi tagħhom, jinħtieġ li tingħata l-possibbiltà li jsiru ħlasijiet bil-quddiem li jammontaw sa 60 % tal-ammont massimu ffissat għal kull programm, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat u kemm-il darba jkun hemm disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet.

(12) Sa mill-2012, id-deni klassiku tal-ħnieżer instab f'popolazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi f'żona tal-Latvja li tmiss mal-Federazzjoni Russa kif ukoll mal-Belarus. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/427/UE ([1]) pprovdiet kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għat-tilqim ta' emerġenza kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer u f'żoni fil-Bjelorussja ġirien ta' nħawi infettati fil-Latvja għas-sena 2013, biex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-infezzjoni u tiġi evitata l-infezzjoni mill-ġdid fit-territorju Latvjan. Huwa xieraq li jitkompla l-appoġġ għal dawn l-attivitajiet fil-Bjelorussja permezz ta' 100 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal ċerti spejjeż rilevanti.

(13) Minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika u l-problemi finanzjarji, tekniċi u amministrattivi li wieħed ikollu jiffaċċja biex jimplimenta b'mod xieraq il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi ovina u kaprina fil-Greċja, huwa xieraq li jkun provdut livell imsaħħaħ ta' finanzjament għal ċerti miżuri u appoġġ għar-rimunerazzjoni ta' tobba privati u ta' prattikanti privati sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-programm.

(14) Il-preżenza ta' deni Afrikan tal-ħnieżer f'Sardinja hija theddida għat-tixrid ta' din il-marda f'żoni oħra fl-Unjoni permezz ta' ċaqliq illegali ta' prodotti jew annimali. Sabiex jitnaqqas dan ir-riskju, huwa xieraq li tiġi approvata miżura għall-appoġġ finanzjarju lill-Italja għall-implimentazzjoni ta' kontrolli msaħħa fil-portijiet u l-ajruporti f'Sardinja.

(15) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi annwali u multiannwali ppreżentati mill-Istati Membri kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Dawn il-programmi nstabu li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/341/KE.

(16) Il-miżuri eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni huma definiti fi ħdan id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni preżenti. Madankollu, f'każijiet fejn tqies xieraq, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri bil-miktub dwar il-limitazzjonijiet għall-eliġibilità ta' ċerti miżuri f'termini tan-numri massimi ta' attivitajiet imwettqa jew f'termini ta' żoni ġeografiċi koperti mill-programmi.

(17) Fid-dawl tal-importanza tal-programmi annwali u multiannwali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam ta' saħħet l-annimali u s-saħħa pubblika, kif ukoll tal-applikazzjoni obbligatorja fl-Istati Membri kollha fil-każ tal-programmi tat-TSE u tal-influwenza avjarja, huwa xieraq li tkun stabbilita r-rata xierqa tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għar-rimborż tal-ispejjeż li se jitħallsu mill-Istati Membri kkonċernati għall-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(18) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]) u l-Artikolu 94 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([3]), l-impenn ta' nfiq mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun preċedut minn Deċiżjoni ta' finanzjament li twaqqaf l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li għandhom is-setgħat iddelegati lilhom mill-istituzzjoni.

(19) Għall-finijiet tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja tal-programmi mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni huwa xieraq li tkun applikata sistema ta' kostijiet unitarji għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-attivitajiet eliġibbli għat-teħid ta' kampjuni u ttestjar taħt il-programmi approvati.

(20) Il-miżuri li previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) kampjunar ta' annimali domestiċi: il-proċedura tal-ġbir ta' materja bijoloġika minn annimali fl-azjenda mill-Awtorità Kompetenti jew f'isimha għall-ittestjar fil-laboratorju;

([1]) ĠU L 213, 8.8.2013, p. 22.

([2]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

([3]) ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

(b) kampjunar ta' qatgħat tat-tjur; Il-ġbir ta' kampjuni mill-ambjent ta' qatgħa ta' tjur tal-irziezet magħmul mill-Awtorità Kompetenti jew f'isimha fil-qafas ta' programm għall-kontroll ta' ċertu *Salmonella* żoonotika;

(c) test: il-proċedura mwettqa fuq kampjun f'laboratorju biex tindividwa, tiddijanjostika jew tevalwa l-preżenza jew in-nuqqas ta' aġent ta' mard, proċess ta' mard jew is-suxxettibbiltà għal aġent ta' marda speċifika;

(d) ittestjar tat-tuberkulina: Il-proċedura tat-twettiq ta' test tal-ġilda tat-tuberkulina kif iddefinit fil-punt 2 tal-Anness B tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE [1], fil-qafas ta' programm ta' tuberkulożi bovina.

*Artikolu 2*

**Bruċellożi bovina**

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi bovina ppreżentati minn Spanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(a) u 4(a) tal-Anness I għal:

(i) kampjunar ta' annimali domestiċi;

(ii) testijiet bir-rose bengal;

(iii) testijiet ta' fissazzjoni tal-komplement.

(b) għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għal:

(i) testijiet tas-SAT sa massimu ta' EUR 0,25 bħala medja għal kull test;

(ii) testijiet ELISA sa massimu ta' EUR 0,5 bħala medja għal kull test;

(iii) testijiet batterjoloġiċi sa massimu ta' EUR 10 bħala medja għal kull test;

(iv) xiri ta' vaċċini sa massimu ta' EUR 0,50 bħala medja għal kull doża;

(v) il-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawk il-programmi sa massimu ta' EUR 375 bħala medja għal kull annimal.

(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 4 900 000 għal Spanja;

(ii) EUR 150 000 għall-Kroazja;

(iii) EUR 2 715 000 għall-Italja;

(iv) EUR 805 000 għall-Portugall;

(v) EUR 1 355 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 3*

**Tuberkulożi bovina**

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tat-tuberkulożi bovina ppreżentati mill-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għajr għall-Irlanda:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 3 u 4(b) tal-Anness I għal:

(i) ittestjar tat-tuberkulina;

(ii) testijiet tal-gamma-interferon.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża ta':

(i) testijiet batterjoloġiċi sa massimu ta' EUR 10 bħala medja għal kull test;

(ii) il-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawk il-programmi sa massimu ta' EUR 375 bħala medja għal kull annimal.

(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 11 780 000 għal Spanja;

(ii) EUR 330 000 għall-Kroazja;

(iii) EUR 4 570 000 għall-Italja;

(iv) EUR 1 035 000 għall-Portugall;

(v) EUR 31 000 000 għar-Renju Unit.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lill-Irlanda:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punt 4(b) tal-Anness I għat-testijiet tal-gamma-interferon;

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu mill-Irlanda għall-kumpens li jrid jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali maqtula tagħhom suġġett għal dawk il-programmi sa massimu ta' EUR 375 bħala medja għal kull annimal;

(c) ma għandhiex taqbeż it-EUR 7 390 000.

*Artikolu 4*

**Il-bruċellożi ovina u kaprina**

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni tal-bruċellożi ovina u kaprina ppreżentati mill-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru u l-Portugall huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1, għajr għall-Greċja:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(b) u 4(c) tal-Anness I għal:

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

(i) kampjunar ta' annimali domestiċi;

(ii) testijiet bir-rose bengal;

(iii) testijiet ta' fissazzjoni tal-komplement.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għal:

(i) testijiet batterjoloġiċi sa massimu ta' EUR 10 bħala medja għal kull test;

(ii) ix-xiri ta' vaċċini sa massimu ta' EUR 0,50 bħala medja għal kull doża;

(iii) il-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula soġġett għal dawk il-programmi sa massimu ta' EUR 50 bħala medja għal kull annimal.

(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 7 715 000 għal Spanja;

(ii) EUR 385 000 għall-Kroazja;

(iii) EUR 3 925 000 għall-Italja;

(iv) EUR 175 000 għal Ċipru;

(v) EUR 1 125 000 għall-Portugall.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-Greċja:

(a) għandha tkun bir-rata ta' 75 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punt 4(c) tal-Anness I għal:

(i) testijiet bir-rose bengal;

(ii) testijiet ta' fissazzjoni tal-komplement.

(b) għandha tkun bir-rata ta' 75 % tal-ispejjeż involuti għal:

(i) testijiet batterjoloġiċi sa massimu ta' EUR 15 bħala medja għal kull test;

(ii) ix-xiri ta' vaċċini sa massimu ta' EUR 0,75 bħala medja għal kull doża;

(iii) ir-remunerazzjoni ta' prattikanti privati li jwettqu attivitajiet ta' tilqim u kkampjunar skont il-programm;

(iv) is-salarji tal-persunal staġonali speċjalment dawk reklutati għal ġestjoni ta' dejta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' dak il-programm.

(c) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli involuti għall-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali tagħhom maqtula suġġett għal dak il-programm sa massimu ta' EUR 50 bħala medja għal kull annimal; kif ukoll

(d) ma għandhiex taqbeż it-EUR 3 290 000.

*Artikolu 5*

**Il-marda tal-ilsien blu f'żoni endemiċi jew b'riskju għoli**

1. Il-programmi għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda tal-ilsien blu ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(c) u 4(d) tal-Anness I għal:

(i) kampjunar ta' annimali domestiċi;

(ii) testijiet ELISA;

(iii) testijiet PCR.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għax-xiri ta' vaċċini sa massimu ta' EUR 0,50 bħala medja għal kull doża.

(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 11 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 7 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 70 000 għall-Ġermanja;

(iv) EUR 3 000 għall-Estonja;

(v) EUR 75 000 għall-Greċja;

(vi) EUR 590 000 għal Spanja.

(vii) EUR 170 000 għal Franza;

(viii) EUR 350 000 għall-Italja;

(ix) EUR 15 000 għal-Latvja;

(x) EUR 8 000 għal-Litwanja;

(xi) EUR 5 000 għal Malta;

(xii) EUR 5 000 għall-Awstrija;

(xiii) EUR 25 000 għall-Polonja.

(xiv) EUR 125 000 għall-Portugall.

(xv) EUR 35 000 għar-Rumanija;

(xvi) EUR 13 000 għas-Slovenja;

(xvii) EUR 25 000 għas-Slovakkja;

(xviii) EUR 5 000 għall-Finlandja.

*Artikolu 6*

***Salmonella* Zoonotika**

1. Il-programmi għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika f'qatgħat tat-tgħammir, tal-bajd u tal-brojlers tat-tip *Gallus gallus* u f'qatgħat ta' dundjani (*Meleagris gallopavo*) ippreżentati mill-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-programm annwali għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika f'qatgħat ta' dundjani (Meleagris gallopavo) ippreżentat mill-Polonja, huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

3. Il-programm annwali għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika f'qatgħat tat-tgħammir tal-*Gallus gallus* ippreżentat mir-Repubblika Ċeka, huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

4. Il-programmi multiannwali għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika f'qatgħat tal-bajd u tal-brojlers tat-tip *Gallus gallus* u f'qatgħat ta' dundjani (*Meleagris gallopavo*) ippreżentati mir-Repubblika Ċeka, huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016.

5. Il-programm multiannwal għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika f'qatgħat tat-tgħammir, tal-bajd u tal-brojlers tat-tip *Gallus gallus* u f'qatgħat ta' dundjani (*Meleagris gallopavo*) ippreżentat minn Spanja, huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016.

6. Il-programm multiannwali għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika fil-qatgħat tat-tgħammir, tal-bajd u tal-brojlers tat-tip *Gallus gallus*, ippreżentat mill-Polonja, huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016.

7. Il-programm multiannwali għall-kontroll ta' ċerta *Salmonella* żoonotika fil-qatgħat tat-tgħammir, tal-bajd u tal-brojlers tat-tip *Gallus gallus*, ippreżentat mill-Belġju, huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.

8. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għas-sena 2014:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 2 u 4(e) tal-Anness I għal:

(i) kampjunar ta' qatgħat tat-tjur;

(ii) testijiet batterjoloġiċi;

(iii) testijiet tas-serotipizzazzjoni;

(iv) testijiet biex jivverifikaw l-effiċjenza tad-diżinfettazzjoni;

(v) testijiet għall-individwazzjoni tal-antimikrobiċi.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 sa 7 għal:

(i) ix-xiri ta' vaċċin sa massimu ta' EUR 0,05 bħala medja għal kull doża;

(ii) il-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur ta':

— it-tjur tat-tgħammir maqtula tat-tip *Gallus gallus* sa massimu ta' EUR 4 bħala medja għal kull tajra;

— it-tjur tat-tgħammir maqtula tat-tip *Gallus gallus* sa massimu ta' EUR 2,20 bħala medja għal kull tajra;

— id-dundjani ġenituri tat-tgħammir maqtula ta' *Meleagris gallopavo* sa massimu ta' EUR 12 bħala medja għal kull tajra;

— il-bajd għat-tifqis meqrud ta' ġenituri tat-tgħammir tat-tip *Gallus gallus* sa massimu ta' EUR 0,20 bħala medja għal kull bajda;

— il-bajd tal-mejda meqrud tat-tip *Gallus gallus* sa massimu ta' EUR 0,04 bħala medja għal kull bajda;

— il-bajd għat-tifqis meqrud ta' ġenituri tat-tgħammir tat-tip *Meleagris gallopavo* sa massimu ta' EUR 0,40 bħala medja għal kull bajda;

(c) u ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 1 070 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 50 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 175 000 għall-programm tar-Repubblika Ċeka msemmi fil-paragrafu 3;

(iv) EUR 710 000 għall-programm tar-Repubblika Ċeka msemmi fil-paragrafu 4;

(v) EUR 90 000 għad-Danimarka;

(vi) EUR 1 335 000 għall-Ġermanja;

(vii) EUR 20 000 għall-Estonja;

(viii) EUR 25 000 għall-Irlanda;

(ix) EUR 620 000 għall-Greċja;

(x) EUR 760 000 għal Spanja.

(xi) EUR 860 000 għal Franza;

(xii) EUR 160 000 għall-Kroazja;

(xiii) EUR 550 000 għall-Italja;

(xiv) EUR 95 000 għal Ċipru;

(xv) EUR 240 000 għal-Latvja;

(xvi) EUR 10 000 għal-Lussemburgu;

(xvii) EUR 1 940 000 għall-Ungerija;

(xviii) EUR 30 000 għal Malta;

(xix) EUR 2 700 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xx) EUR 1 190 000 għall-Awstrija;

(xxi) EUR 20 000 għall-programm tal-Polonja msemmi fil-paragrafu 2;

(xxii) EUR 2 610 000 għall-programm tal-Polonja msemmi fil-paragrafu 6;

(xxiii) EUR 35 000 għall-Portugall.

(xxiv) EUR 1 170 000 għar-Rumanija;

(xxv) EUR 35 000 għas-Slovenja;

(xxvi) EUR 970 000 għas-Slovakkja;

(xxvii) EUR 40 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 7*

**Deni klassiku tal-ħnieżer**

1. Il-programmi għall-kontroll u l-monitoraġġ tad-Deni klassiku tal-ħnieżer ippreżentati mill-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(d) u 4(f) tal-Anness I għal:

(i) kampjunar ta' annimali domestiċi;

(ii) testijiet ELISA;

(iii) testijiet PCR;

(iv) testijiet viroloġiċi.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għal:

(i) il-kunsenja ta' ħnieżer selvaġġi lill-awtoritajiet għat-testijiet fil-laboratarju sa massimu ta' EUR 5 bħala medja għal kull annimal;

(ii) ix-xiri ta' vaċċini orali sa massimu ta' EUR 0,50 bħala medja għal kull doża.

(c) ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 150 000 għall-Bulgarija;

(ii) EUR 670 000 għall-Ġermanja;

(iii) EUR 15 000 għal Franza;

(iv) EUR 65 000 għall-Kroazja;

(v) EUR 295 000 għal-Latvja;

(vi) EUR 40 000 għall-Ungerija;

(vii) EUR 1 435 000 għar-Rumanija;

(viii) EUR 345 000 għas-Slovakkja.

3. Minkejja l-paragrafi 2 punti (a) u (b), għall-parti tal-programm Latvjan li se tiġi implimentata fil-Bjelorussja, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għas-sena 2014 għandha:

(a) tingħata biss għall-ispejjeż eleġibbli tax-xiri ta' vaċċin orali sa massimu ta' EUR 1 bħala medja għal kull doża;

(b) tkun b'rata ta' 100 %; u

(c) ma taqbiżx EUR 135 000.

*Artikolu 8*

**Marda vexxikulari tal-ħnieżer**

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-marda vesikulari tal-ħnieżer ippreżentat mill-Italja hu b'dan il-mezz approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(e) tal-Anness I għat-teħid ta' kampjuni ta' annimali domestiċi.

(b) għandha tkun bir-rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu mill-Italja għal:

(i) testijiet ELISA sa massimu ta' EUR 1 bħala medja għal kull test;

(ii) testijiet PCR sa massimu ta' EUR 5 bħala medja għal kull test;

(iii) testijiet viroloġiċi sa massimu ta' EUR 10 bħala medja għal kull test.

(c) ma għandhiex taqbeż is-EUR 790 000 għall-Italja.

*Artikolu 9*

**L-influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar selvaġġi**

1. Il-programmi ta' monitoraġġ annwali għall-influwenza avjarja fit-tjur u fl-għasafar selvaġġi ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-programmi ta' monitoraġġ multiannwali emendati għall-influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar selvaġġi ppreżentati mir-Repubblika Ċeka u mill-Polonja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016.

3. Il-programm emendat ta' monitoraġġ multiannwali emendat għall-influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar selvaġġ ppreżentat mill-Pajjiżi l-Baxxi huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għas-sena 2014:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punti 1(f) u 4(g) tal-Anness I għal:

(i) kampjunar ta' tjur domestiċi;

(ii) testijiet ELISA;

(iii) testijiet bil-ġel agar għal testijiet ta' diffużjoni tal-immunità;

(iv) testijiet HI għall-H5/H7;

(v) testijiet tal-iżolament virali;

(vi) testijiet PCR.

(b) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafi 1 sa 3 għall-kunsinna tal-għasafar selvaġġi lill-awtoritajiet għall-ittestjar fil-laboratorju fil-qafas ta' sorveljanza passiva sa massimu ta' EUR 5 bħala medja għal kull tajra;

(c) ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 50 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 25 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 20 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 50 000 għad-Danimarka;

(v) EUR 55 000 għall-Ġermanja;

(vi) EUR 5 000 għall-Estonja;

(vii) EUR 70 000 għall-Irlanda;

(viii) EUR 15 000 għall-Greċja;

(ix) EUR 65 000 għal Spanja.

(x) EUR 120 000 għal Franza;

(xi) EUR 75 000 għall-Kroazja;

(xii) EUR 905 000 għall-Italja;

(xiii) EUR 20 000 għal Ċipru;

(xiv) EUR 20 000 għal-Latvja;

(xv) EUR 10 000 għal-Litwanja;

(xvi) EUR 10 000 għal-Lussemburgu;

(xvii) EUR 160 000 għall-Ungerija;

(xviii) EUR 5 000 għal Malta;

(xix) EUR 160 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xx) EUR 25 000 għall-Awstrija;

(xxi) EUR 95 000 għall-Polonja.

(xxii) EUR 25 000 għall-Portugall.

(xxiii) EUR 260 000 għar-Rumanija;

(xxiv) EUR 45 000 għas-Slovenja;

(xxv) EUR 25 000 għas-Slovakkja;

(xxvi) EUR 40 000 għall-Finlandja.

(xxvii) EUR 30 000 għall-Isvezja;

(xxviii) EUR 135 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 10*

**Enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli**

1. Il-programmi għall-monitoraġġ u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi il-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Isvezja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-programmi multiannwali għall-monitoraġġ u l-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) ppreżentati mill- Greċja u l-Lussemburgu huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015.

3. Il-programm multiannwali għall-monitoraġġ u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) ppreżentat mir-Renju Unit huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2018.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkunu b'rata ta' 100 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punt 4(h) tal-Anness I għal:

(i) testijiet rapidi fuq annimali bovini, imwettqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2) u l-Anness III, il-Kapitolu A, Parti I, il-punti 2.1 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) testijiet rapidi fuq annimali bovini, imwettqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness III, il-Kapitolu A, Parti I, il-punti 2.2 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, skont il-programmi tal-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija jew skont il-programmi ta' Stati Membri oħra msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 dwar l-annimali bovini li joriġinaw mill-Istati Membri mhux inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/719/KE ([1]) jew pajjiżi terzi;

(iii) testijiet rapidi fuq annimali ovini u kaprini:

— skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2), l-Anness III, il-Kapitolu A, il-Parti II, il-punt 5 u l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

— san-numru meħtieġ biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti minimi tal-Anness III, il-Kapitolu A, il-Parti II, il-punti 2 u 3;

(iv) testijiet primarji diskriminatorji tal-molekuli mwettqa kif imsemmi fil-punt 3(2)(c)(i) tal-Kapitolu C tal-Anness X tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

(b) għandha tkun b'rata ta' 75 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punt 4(h) tal-Anness I għal testijiet rapidi fuq annimali bovini, imwettqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness III, il-Kapitolu A, Parti I, il-punt 2.2 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, li ma jaqgħux taħt il-paragrafu (a)(ii).

(c) għandha tkun b'rata ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għal:

(i) testijiet konfermatorji għajr testijiet rapidi, kif imsemmi fl-Anness X, il-Kapitolu C tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 sa massimu ta' EUR 50 bħala medja għal kull test;

(ii) testijiet tal-ġenotipar sa massimu ta' EUR 6 bħala medja għal kull test.

(d) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru għall-kumpens tas-sidien tal-annimali:

— bovini maqtula u meqruda sa massimu ta' EUR 500 bħala medja għal kull annimal;

— nagħaġ u mogħoż maqtula u meqruda sa massimu ta' EUR 70 bħala medja għal kull annimal;

— nagħaġ u mogħoż maqtula b'mod obbligatorju skont l-Anness VII, il-Kapitolu B, il-punt 2.2.2(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 sa massimu ta' EUR 50 bħala medja għal kull annimal u

(e) ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 260 000 għall-Belġju;

(ii) EUR 310 000 għall-Bulgarija;

(iii) EUR 250 000 għar-Repubblika Ċeka;

(iv) EUR 235 000 għad-Danimarka;

(v) EUR 2 390 000 għall-Ġermanja;

(vi) EUR 45 000 għall-Estonja;

(vii) EUR 660 000 għall-Irlanda;

([1]) ĠU L 256, 29.9.2009, p. 35.

(viii) EUR 1 355 000 għall-Greċja;

(ix) EUR 1 525 000 għal Spanja;

(x) EUR 7 615 000 għal Franza;

(xi) EUR 2 115 000 għall-Italja;

(xii) EUR 355 000 għall-Kroazja;

(xiii) EUR 1 060 000 għal Ċipru;

(xiv) EUR 65 000 għal-Latvja;

(xv) EUR 55 000 għal-Litwanja;

(xvi) EUR 30 000 għal-Lussemburgu;

(xvii) EUR 660 000 għall-Ungerija;

(xviii) EUR 15 000 għal Malta;

(xix) EUR 435 000 għall-Pajjiżi l-Baxxi;

(xx) EUR 345 000 għall-Awstrija;

(xxi) EUR 1 220 000 għall-Polonja;

(xxii) EUR 475 000 għall-Portugall.

(xxiii) EUR 1 675 000 għar-Rumanija;

(xxiv) EUR 115 000 għas-Slovenja;

(xxv) EUR 170 000 għas-Slovakkja;

(xxvi) EUR 100 000 għall-Finlandja.

(xxvii) EUR 105 000 għall-Isvezja;

(xxviii) EUR 1 475 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 11*

**Idrofobija**

1. Il-programmi annwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ppreżentati mill-Bulgarija, l-Estonja, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, u s-Slovenja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-programm multiannwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ppreżentat mill-Greċja huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015.

3. Il-programmi multiannwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ippreżentati mil-Latvja u l-Finlandja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016.

4. Il-programm multiannwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ppreżentat mill-Kroazja huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2018.

5. Il-programm multiannwali għall-eradikazzjoni tal-idrofobija ippreżentat mill-Islovenja huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.

6. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għas-sena 2014:

(a) għandha tkun b'rata ta' 75 % tal-kost unitarju ddefinit fil-punt 4(i) tal-Anness I għal:

(i) testijiet tal-antikorpi florexxenti (TAF);

(ii) testijiet seroloġiċi;

(b) għandha tkun b'rata ta' 75 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għal:

(i) il-kunsinna ta' annimali selvaġġi lill-awtoritajiet għat-testijiet fil-laboratarju sa massimu ta' EUR 10 bħala medja għal kull annimal;

(ii) testijiet għall-individwazzjoni ta' bijomarkatur sa massimu ta' EUR 7,50 bħala medja għal kull test;

(iii) l-iżolament u l-karatterizzazzjoni tal-virus tal-idrofobija sa massimu ta' EUR 30 bħala medja għal kull investigazzjoni;

(iv) it-titrazzjoni tal-virus fih kampjun tal-lixki tal-vaċċini sa massimu ta' EUR 75 bħala medja kull lott ta' lixki tal-vaċċini ttestjati;

(v) ix-xiri tal-lixki tal-vaċċini orali sa massimu ta' EUR 0,60 bħala medja għal kull lixka;

(vi) it-tqassim ta' lixki ta' vaċċin orali sa massimu ta' EUR 0,35 bħala medja għal kull lixka.

(c) ma għandhiex taqbeż dawn li ġejjin:

(i) EUR 1 790 000 għall-Bulgarija;

(ii) EUR 3 210 000 għall-Greċja;

(iii) EUR 510 000 għall-Estonja;

(iv) EUR 165 000 għall-Italja;

(v) EUR 1 700 000 għall-Kroazja;

(vi) EUR 1 225 000 għal-Latvja;

(vii) EUR 2 600 000 għal-Litwanja;

(viii) EUR 1 970 000 għall-Ungerija;

(ix) EUR 7 470 000 għall-Polonja;

(x) EUR 5 500 000 għar-Rumanija;

(xi) EUR 800 000 għas-Slovenja;

(xii) EUR 285 000 għas-Slovakkja;

(xiii) EUR 250 000 għall-Finlandja.

7. Minkejja l-paragrafi 6(a) u (b), għall-parti tal-programmi Estonjani, Latvjani, Litweni, Pollakki u Finlandiżi li sejrin jiġu implimentati barra mit-territorji tal-Istati Membri, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-sena 2014 għandha:

(a) tingħata biss għall-ispejjeż eliġibbli tax-xiri u t-tqassim tal-lixki tal-vaċċin orali;

(b) tkun b'rata ta' 100 %; u

(c) ma taqbiżx:

(i) EUR 110 000 għall-parti tal-programm Estonjan implimentat fil-Federazzjoni Russa;

(ii) EUR 475 000 għall-parti tal-programm Latvjan implimentat fil-Belarus;

(iii) EUR 1 570 000 għall-parti tal-programm Litwen implimentat fil-Belarus;

(iv) EUR 1 500 000 għall-parti tal-programm Pollakk implimentat fl-Ukraina;

(v) EUR 660 000 għall-parti tal-programm Pollakk implimentat fil-Belarus;

(vi) EUR 95 000 għall-parti tal-programm Finlandiż implimentat fil-Federazzjoni Russa.

8. L-ispejjeż eliġibbli massimi li jridu jiġu rimborżati għall-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 7 bħala medja ma għandhomx jaqbżu għax-xiri u t-tqassim tal-lixki tal-vaċċin orali, il-EUR 0,95 għal kull doża.

9. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) għall-programmi msemmija taħt l-Artikolu kurrenti:

(a) il-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tħallas ħlas bil-quddiem sa 60 % tal-ammont massimu speċifikat fi żmien it-tliet xhur mill-wasla tat-talba;

(b) l-ispejjeż eliġibbli msemmija fil-paragrafu 7 għandhom ikunu eliġibbli jekk jitħallsu mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz fit-territorju fejn l-attivitajiet ikunu ġew implimentati u r-rapport finali u t-talba għall-ħlas tkun ġiet ippreżentata lill-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 12*

**Deni Afrikan tal-ħnieżer**

1. Kontribuzzjoni finanzjarja lill-Italja għall-implimentazzjoni ta' miżuri imsaħħa ta' kontroll f'portijiet u ajruporti ta' Sardenja għall-prevenzjoni tat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni:

(a) għandha tkun b'rata ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jitħallsu mill-Italja għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1;

(b) ma għandhiex taqbeż is-EUR 50 000.

KAPITOLU II

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 13*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni previsti fl-Artikoli 2 sa 11, għandha tkun il-proporzjon speċifikat f'dawk l-Artikoli ta':

(a) il-kostijiet unitarji kif stabbiliti għal kull programm fl-Anness I;

(b) il-kostijiet eliġibbli limitati għall-kostijiet stabbiliti fl-Anness II.

2. Huma biss l-ispejjeż involuti fit-twettiq tal-programmi annwali jew multiannwali msemmija fl-Artikoli minn 2 sa 12 u mħallsa qabel il-preżentazzjoni tar-rapport finali mill-Istati Membri li għandhom ikunu eliġibbli għal kofinanzjament permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni.

*Artikolu 14*

1. In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tiġi espressa f'euro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxi l-oħra kollha.

2. Meta n-nefqa ta' Stat Membru tkun f'valuta li mhijiex l-euro, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonvertiha f'euro billi japplika r-rata tal-kambju l-aktar reċenti stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni mill-Istat Membru.

*Artikolu 15*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għall-programmi annwali u multiannwali msemmija fl-Artikoli 2 sa 12 għandu jingħata sakemm l-Istati Membri kkonċernati:

(a) jimplimentaw l-attivitajiet u l-miżuri kif deskritti fil-programmi approvati;

(b) jimplimentaw il-programmi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-awtorizzazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji u regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi;

(c) iqiegħdu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu implimentati l-programmi sa mill-1 ta' Jannar 2014;

(d) jgħaddu r-rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji għall-programmi lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 27(7)(a) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/940/KE ([1]);

(e) jgħaddu rapport annwali ddettaljat għall-programmi lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 27(7)(b) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2008/940/KE;

(f) ma jressqux aktar talbiet għal kontribuzzjonijiet oħra mill-Unjoni għal dawk il-miżuri, u ma jkunux ressqu talbiet bħal dawn preċedentement.

2. Meta Stat Membru ma jikkonformax mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni wara li tkun qieset in-natura u l-gravità tal-ksur, u t-telf finanzjarju għall-Unjoni.

*Artikolu 16*

Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

*Artikolu 17*

Din id-deċiżjoni ta' finanzjament hija suġġetta għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2014 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2014 mill-awtorità tal-baġit jew jekk il-baġit ma jiġix adottat kif previst fis-sistema tad-dodiċeżmi provviżorji.

([1]) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 61.

*Artikolu 18*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 19*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**SPEJJEŻ UNITARJI**

(imsemmijin fl-Artikolu 13(1)(a))

Spejjeż unitarji msemmija fl-Artikoli 2 sa 11 huma stabbiliti kif ġej:

1. Teħid ta' kampjuni ta' annimali domestiċi jew għasafar:

(a) il-bruċellożi bovina:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Kroazja<br>Il-Portugall | 0,76 |
| Spanja | 1,80 |
| L-Italja<br>Ir-Renju Unit | 2,97 |

(b) il-bruċellożi ovina u kaprina:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Kroazja<br>Il-Portugall | 0,55 |
| Spanja<br>Ċipru | 1,28 |
| L-Italja | 2,12 |

(c) il-marda tal-ilsien blu f'żoni endemiċi jew b'riskju għoli:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Bulgarija<br>L-Estonja<br>Il-Ġreċja<br>Il-Latvja<br>Il-Litwanja<br>Il-Polonja<br>Il-Portugall<br>Ir-Rumanija<br>Is-Slovakkja<br>Malta | 0,55 |
| Spanja<br>Is-Slovenja | 1,28 |
| Il-Belġju<br>Franza<br>L-Italja | 2,12 |
| Il-Ġermanja<br>L-Awstrija<br>Il-Finlandja | 2,78 |

(d) id-deni klassiku tal-ħnieżer:

(f'EUR)

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Bulgarija<br>Il-Kroazja<br>L-Ungerija<br>Il-Latvja<br>Ir-Rumanija<br>Is-Slovakkja | 0,55 |
| Franza | 2,12 |
| Il-Ġermanja | 2,78 |

(e) il-marda vesikulari tal-ħnieżer:

(f'EUR)

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| L-Italja | 2,12 |

(f) l-influwenza tat-tjur:

(f'EUR)

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Bulgarija<br>Ir-Repubblika Ċeka<br>L-Estonja<br>Il-Greċja<br>Il-Kroazja<br>L-Ungerija<br>Il-Latvja<br>Il-Litwanja<br>Il-Polonja<br>Il-Portugall<br>Ir-Rumanija<br>Is-Slovakkja<br>Malta | 1,19 |
| Spanja<br>Ċipru<br>Is-Slovenja | 2,81 |
| Il-Belġju<br>L-Irlanda<br>Franza<br>L-Italja<br>Ir-Renju Unit | 4,65 |
| Id-Danimarka<br>Il-Ġermanja<br>Il-Lussemburgu<br>L-Awstrija<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi<br>Il-Finlandja<br>L-Isvezja | 6,09 |

2. Teħid ta' kampjuni ta' qatgħat tat-tjur fil-qafas tal-programmi tas-*Salmonella* spp żoonotika:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Bulgarija<br>Ir-Repubblika Ċeka<br>L-Estonja<br>Il-Greċja<br>Il-Kroazja<br>L-Ungerija<br>Il-Latvja<br>Il-Polonja<br>Il-Portugall<br>Ir-Rumanija<br>Is-Slovakkja<br>Malta | 5,97 |
| Spanja<br>Ċipru<br>Is-Slovenja | 14,03 |
| Il-Belġju<br>L-Irlanda<br>Franza<br>L-Italja<br>Ir-Renju Unit | 23,24 |
| Id-Danimarka<br>Il-Ġermanja<br>Il-Lussemburgu<br>L-Awstrija<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi | 30,43 |

3. Testjar tat-tuberkulina (programmi tat-tuberkolożi bovina):

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Kost ta' unità |
|---|---|
| Il-Kroazja<br>Il-Portugall | 1,12 |
| Spanja | 2,63 |
| L-Italja<br>Ir-Renju Unit | 4,36 |

4. Testijiet fil-Laboratorju:

(a) bruċellożi bovina:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | test bir-Rose Bengal | 0,47 |
| | test ta' fissazzjoni tal-komplement | 0,49 |

(b) tuberkulożi bovina:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | test tal-gamma-interferon | 10,43 |

(c) bruċellożi ovina u kaprina:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | test bir-Rose Bengal | 0,24 |
| | test ta' fissazzjoni tal-komplement | 0,63 |

(d) marda tal-ilsien blu:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | Test tal-PCR | 25,08 |
| | Test tal-ELISA | 1,69 |

(e) *Salmonella* spp żoonotika:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | Test batterjoloġiku | 18,19 |
| | test tas-serotipizzazzjoni | 38,38 |
| | testi biex jivverifika l-effiċjenza tad-diżinfettazzjoni | 16,72 |
| | test għad-detezzjoni ta' antimikrobiċi | 3,43 |

(f) deni klassiku tal-ħnieżer:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | Test tal-ELISA | 3,38 |
| | Test tal-PCR | 19,01 |
| | test viroloġiku | 24,95 |

(g) influwenza avjarja fit-tjur u l-għasafar selvaġġi:

(f'EUR)

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | Test tal-ELISA | 3,26 |
| | test tal-immunodiffużjoni bil-ġel agar | 1,80 |
| | test HI għall-H5/H7 | 9,64 |
| | test ta' iżolament virali | 37,87 |
| | Test tal-PCR | 19,74 |

(h) enċefalopatiji sponġiformi li jittieħdu:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | test rapidu | 7,40 |
| | test diskriminatorju | 194 |

(i) tal-marda tal-idrofobija:

*(f'EUR)*

| Stat Membru | Test tal-laboratorju | Kost ta' unità |
|---|---|---|
| L-Istati Membri kollha | test tal-antikorpi florexxenti (TAF) | 13,09 |
| | Test seroloġiku | 15,24 |

*ANNESS II*

**SPEJJEŻ ELIĠIBBLI**

(imsemmijin fl-Artikolu 13(1)(b))

1. Testijiet:

(a) ix-xiri ta' kits għat-testijiet, reaġenti u l-konsumabbli identifikabbli kollha u użati speċjalment għat-twettiq tat-test tal-laboratorju;

(b) il-persunal, ikun x'ikun l-istatus, speċifikament allokat totalment jew parzjalment għat-twettiq tat-testijiet fil-post tal-laboratorju; l-ispejjeż huma limitati għal salarji reali flimkien ma' spejjeż tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni), u

(c) spejjeż ġenerali ugwali għal 7 % tas-somma tal-ispejjeż imsemmija f'(a) u (b) għal koordinazzjoni ta' attivitajiet u tal-provvisti tal-uffiċċju.

2. Kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali jew għasafar tagħhom maqtula, bajd meqrud u bajd trattat bis-sħana mhux inkubat li qed ifaqqas:

(a) Il-kumpens ma għandux jaqbeż il-valur tas-suq tat-tajra eżatt qabel ma tkun inqatlet jew tal-bajd eżatt qabel ma nqerdu.

(b) Għal annimali maqtula jew għasafar, bajd għat-tfaqqis mhux inkubat ittrattat, il-valur tal-annimali rkuprati, jekk ikun hemm, għandu jitnaqqas mill-kumpens;

(c) Il-kumpens li għandu jitħallas lis-sidien għall-valur tal-annimali maqtula u tal-prodotti meqruda u bajd għat-tfaqqis mhux inkubat ittrattat għandu jingħata fi żmien 90 jum mid-data ta':

(i) il-qatla tal-annimal;

(ii) il-qerda jew it-trattament bis-sħana tal-prodotti; jew

(iii) il-preżentazzjoni tal-formola tat-talba mimlija mis-sid.

(d) l-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 883/2006 ([1]) għandu japplika għall-ħlasijiet ta' kumpens magħmula barra l-perjodu ta' 90 jum imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Ix-xiri ta' tilqim jew tal-lixki tat-tilqim domestiċi jew annimali selvaġġi rispettivament:

— l-ispiża tal-akkwist tad-dożijiet tat-tilqim jew tal-lixki tat-tilqim;

— l-ispejjeż għall-ħażna tad-dożijiet tat-tilqim jew tal-lixki tat-tilqim.

4. Id-distribuzzjoni tal-lixki tat-tilqim għall-annimali selvaġġi:

(a) it-trasport tal-lixki tat-tilqim;

(b) l-ispejjeż għat-tqassim bl-ajru jew manwali tal-lixki tat-tilqim;

(c) il-persunal, ikun x'ikun l-istatus, speċifikament allokat kompletament jew parzjalment għat-tqassim tal-lixki tat-tilqim; l-ispejjeż huma limitati għas-salarji reali tagħhom flimkien ma' spejjeż tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħra inklużi fir-rimunerazzjoni.

5. Ir-rimunerazzjoni ta' tobba privati li jwettqu t-tilqim u l-attivitajiet ta' teħid ta' kampjuni skont il-programm (imsemmija fl-Artikolu 4(3)(b)(iii)):

Għandu jkun limitat l-ammont imħallas għal tobba privati speċifikament ikkuntrattati għat-teħid ta' kampjuni jew għat-tilqim tal-annimali u għandhom ikunu ddefiniti bin-numru tal-annimali kkampjunati jew imlaqqma u/jew l-għadd ta' azjendi li saritilhom żjara għal dan l-għan.

6. Is-salarji tal-persunal staġonali speċifikament reklutati għal ġestjoni ta' dejta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' dak il-programm (imsemmijin fl-Artikolu 4(3)(b)(iv)):

Huma limitati għas-salarji reali tal-persunal staġjonali speċifikat flimkien ma' spejjeż tas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħrajn inklużi fir-remunerazzjoni tagħhom.

7. Il-kunsinna tal-annimali selvaġġi lill-awtoritajiet għall-ittestjar tal-laboratorju (imsemmija fl-Artikolu 7(2)(b)(i) u l-Artikolu 11(6)(b)(i)):

Għandha tkun limitata għall-ammont imħallas lill-kaċċaturi jew individwi jew entitajiet oħra għall-ġbir ta' annimali selvaġġi mejta (iċ-ċingjal fil-każ tad-deni klassiku tal-ħnieżer u l-ispeċijiet mammiferi kollha fil-każ ta' idrofobija) jew ta' annimali tal-kaċċa (iċ-ċingjal fil-każ tad-deni klassiku tal-ħnieżer u mammiferi selvaġġi u volpijiet f'saħħithom maqtula b'tir u klieb tar-rakkun fil-każ ta' idrofobija) u t-twassil tagħhom (annimal sħiħ jew parti minnu speċifikata) lill-Awtorità Kompetenti għat-twettiq ta' testijiet tal-laboratorju eliġibbli fil-qafas tal-programm.

([1]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 1.

8. Il-kunsinna tal-għasafar selvaġġi lill-awtoritajiet għall-ittestjar fil-laboratorju (imsemmija fl-Artikolu 9(4)(b):

Għandha tkun limitata għall-ammont imħallas lill-kaċċaturi jew individwi oħra jew entitajiet għat-twassil ta' għasafar selvaġġi suspettati u għat-twassil u l-kunsinna tagħhom lill-Awtorità Kompetenti għat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju fil-qafas tal-programm.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tal-4 ta' Diċembru 2013**

**dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni Ewropea għal programmi nazzjonali ta' tliet Stati Membri (Spanja, il-Kroazja u r-Renju Unit) fl-2013 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd**

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8498)*

**(It-testi bl-Ingliż, bil-Kroat, u bl-Ispanjol biss huma awtentiċi)**

(2013/723/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 24(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistipula l-kundizzjonijiet li bihom l-Istati Membri jistgħu jirċievu kontribuzzjoni mill-Unjoni Ewropea għal nefqa mġarrba fil-programmi nazzjonali tagħhom għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta.

(2) Dawk il-programmi għandhom jitfasslu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 ([3]) li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008.

(3) Il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja ma emendawx il-programmi nazzjonali tagħhom tal-2011–2013 għas-sena 2013. Il-Kummissjoni ddeċidiet dwar il-kontribuzzjoni għal dawk 11-il programm nazzjonali, għas-sena 2013, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2013) 4434.

(4) Il-Belġju, l-Estonja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u l-Portugall għadhom ukoll ma emendawx il-programmi nazzjonali tagħhom tal-2011–2013 għas-sena 2013. L-Irlanda ressqet emendi għal programm nazzjonali tagħha għas-sena 2013 li ġew adottati b'Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3533. Il-Kummissjoni ddeċidiet dwar il-kontribuzzjoni għal dawk id-disa' programmi nazzjonali, għas-sena 2013, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2013)6255.

(5) Spanja ressqet il-programmi nazzjonali għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd għas-snin 2011–2013 kif provdut fl-Artikoli 4(4) u 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dan il-programm ġie approvat fl-2011 skont l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament bid-Deċiżjoni C(2011) 7645. Spanja ressqet emendi għall-programm nazzjonali tagħha għas-sena 2012, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dawn l-emendi kienu addottati mill-Kummissjoni fl-2012 skont l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament bid-Deċiżjoni C(2012) 7499. Spnaja ma ressqitx emendi għall-programm nazzjonali tagħha għas-sena 2013.

(6) Ir-Renju Unit ressaq emendi għall-programm nazzjonali tiegħu għas-sena 2013, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dawn l-emendi kienu addottati mill-Kummissjoni fl-2013 skont l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament bid-Deċiżjoni C(2013) 6325.

(7) Il-Kroazja ressqet programm nazzjonali għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 kif previst fl-Artikoli 4(4) u 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 199/2008. Dan il-programm ġie approvat fl-2013 skont l-Artikolu 6(3) tal-istess Regolament bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 5854.

(8) Spanja, il-Kroazja u r-Renju Unit ressqu l-previżjonijiet baġitarji annwali għas-sena 2013 skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 ([4]) li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 861/2006. Il-Kummissjoni evalwat il-previżjonijiet baġitarji annwali ta' dawk l-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008, billi kkunsidrat il-programmi nazzjonali approvati.

([1]) ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24.

(9) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008 jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tapprova l-previżjoni baġitarja annwali u tiddeċiedi dwar kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni għal kull programm nazzjonali skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 u abbażi tar-riżultat tal-evalwazzjoni tal-previżjonijiet baġitarji annwali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1078/2008.

(10) L-Artikolu 24(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 861/2006 jistabbilixxi li Deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja. L-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li miżuri finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġbir tad-dejta bażika ma għandhomx jaqbżu l-50 % tal-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri fit-twettiq tal-programm għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi d-deċiżjoni finanzjarja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 84(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanazjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([1]).

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ammonti globali massimi tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni li għandhom jingħataw lil kull Stat Membru għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-dejta fis-settur tas-sajd għall-2013 u r-rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, huma stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Korazja, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Maria DAMANAKI

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

*ANNESS*

## PROGRAMMI NAZZJONALI 2011–2013

## NEFQA ELIĠIBBLI U KONTRIBUZZJONI MASSIMA TAL-UNJONI GĦALL-2013

*(f'EUR)*

| Stat Membru | In-nefqa eliġibbli | Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni (Rata ta' 50 %) |
|---|---|---|
| Il-Kroazja | 646 680 | 323 340,0 |
| Spanja | 14 386 953 | 7 193 476,5 |
| Ir-Renju Unit | 9 674 645 | 4 837 322,5 |
| **Spiża totali** | **24 708 278** | **12 354 139** |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-5 ta' Diċembru 2013

## dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-marda Newcastle f'Ċipru fl-2013

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8560)*

**(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)**

(2013/724/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) Il-marda Newcastle hija marda virali infettiva tat-tjur u ta' għasafar oħra mrobbija, b'impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur u li toħloq xkiel għall-kummerċ fl-Unjoni u għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

(2) Fil-każ ta' tifqigħa tal-marda Newcastle, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex f'irziezet oħra tat-tjur f'dak l-Istat Membru, iżda anki fi Stati Membri oħra u f'pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ ta' tjur ħajjin jew tal-prodotti tagħhom.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE [2] tistipula l-miżuri li għandhom jiġu implimentati b'urġenza mill-Istati Membri immedjatament fil-każ ta' tifqigħa tal-marda Newcastle biex tiġi evitata firxa ikbar tal-vajrus,

(4) Skont l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament u tal-Kunsill [3], l-impenn ta' nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkollu qablu deċiżjoni ta' finanzjament li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u li tiġi adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet b'setgħat li ġew delegati lilhom mill-istituzzjoni.

(5) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Skont l-Artikolu 3(2) u 6(2) ta' dik id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw kontribuzzjoni finanzjarja lejn l-ispejjeż ta' ċerti miżuri għall-qerda tal-marda Newcastle.

(6) L-Artikolu 3(6) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE jistabbilixxi r-regoli dwar il-perċentwali tal-ispejjeż imġarrba mill-Istat Membru li tista' tkun koperta mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

(7) Il-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lejn miżuri ta' emerġenza biex il-marda Newcastle tiġi eradikata huwa soġġett għar-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 [4].

(8) Feġġew tifqigħat tal-marda Newcastle f'Ċipru. Ċipru ħa l-miżuri konformi skont id-Direttiva 92/66/KEE biex jiġġieled dawn it-tifqigħat.

(9) L-awtoritajiet ta' Ċipru infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fil-qafas tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali bil-miżuri applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-notifikazzjoni u l-eradikazzjoni tal-marda u r-riżultati tagħhom.

(10) L-awtoritajiet ta' Ċipru għaldaqstant issodisfaw l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħhom fir-rigward tal-miżuri previsti fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

---

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għal kontroll tal-marda Newcastle (ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1).

[3] Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jistabilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE (ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12).

(11) F'dan l-istadju, l-ammont eżatt tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni ma' jistax jiġi ddeterminat billi l-informazzjoni pprovduta dwar l-ispiża tal-kumpens u dwar in-nefqa operattiva hija biss stima.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lil Ċipru**

1. Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lil Ċipru għall-ispejjeż imġarrba minn dan l-Istat Membru fit-teħid tal-miżuri skont l-Artikolu 3(2) u 6(2) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE, fil-ġlieda kontra l-marda Newcastle f'Ċipru fl-2013.

2. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi ffissat f'deċiżjoni sussegwenti li għandha tiġi adottata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 40(2) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti għall-ħlas**

L-ewwel ħlas parzjali ta' EUR 250 000 għall-2013 għandu jitħallas lil Ċipru bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni stipulata fl-Artikolu 1 il-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

2013/723/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2013 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni Ewropea għal programmi nazzjonali ta' tliet Stati Membri (Spanja, il-Kroazja u r-Renju Unit) fl-2013 għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8498)* ........ 118

2013/724/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2013 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-marda Newcastle f'Ċipru fl-2013** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8560)* ........ 121

MT

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

**MT**